IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 14.7.2021
COM(2021) 568 final

2021/0206 (COD)

Proposta għal

# REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

## li jistabbilixxi Fond Soċjali għall-Klima

MT MT

# MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

## 1. KUNTEST TAL-PROPOSTA

### • Raġunijiet u objettivi tal-proposta

Il-**Komunikazzjoni dwar il-Patt Ekoloġiku Ewropew**[1] ("il-Patt Ekoloġiku Ewropew") nediet strateġija ta' tkabbir ġdida għall-Unjoni Ewropea li għandha l-għan li tittrasforma l-Unjoni f'soċjetà sostenibbli, aktar ġusta u aktar għanja, b'ekonomija moderna, effiċjenti fl-użu tar-riżorsi u kompetittiva, fejn ma hemmx emissjonijiet netti ta' gassijiet serra fl-2050 u fejn it-tkabbir ekonomiku huwa diżakkoppjat mill-użu tar-riżorsi. Hija tafferma mill-ġdid l-ambizzjoni tal-Kummissjoni li żżid l-ambizzjoni klimatika tagħha u li tagħmel l-Ewropa l-ewwel kontinent newtrali għall-klima sal-2050. Il-ħtieġa u l-valur tal-Patt Ekoloġiku Ewropew saħansitra komplew jikbru fid-dawl tal-effetti severi ħafna tal-pandemija tal-COVID-19 fuq is-saħħa u l-benesseri soċjali u ekonomiku taċ-ċittadini tal-Unjoni.

Abbażi tal-istrateġija tal-Patt Ekoloġiku Ewropew u ta' valutazzjoni tal-impatt komprensiva, il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni ta' Settembru 2020 dwar **It-tisħiħ tal-ambizzjoni klimatika tal-Ewropa għall-2030**[2] ("il-Pjan dwar il-Mira Klimatika għall-2030") ipproponiet li tiżdied l-ambizzjoni tal-Unjoni u li jitressaq pjan komprensiv biex tiżdied il-mira vinkolanti tal-Unjoni għall-2030 lejn tnaqqis nett fl-emissjonijiet ta' mill-inqas 55 %, b'mod responsabbli. Iż-żieda tal-ambizzjoni tal-2030 issa tgħin biex tingħata ċertezza lil dawk li jfasslu l-politika u lill-investituri, sabiex id-deċiżjonijiet li jittieħdu fis-snin li ġejjin ma jżommux il-livelli tal-emissjonijiet inkonsistenti mal-objettiv tal-UE li ssir newtrali għall-klima sal-2050. Il-mira miżjuda tal-Unjoni għall-2030 hija konformi mal-objettiv tal-Ftehim ta' Pariġi ffirmat fil-kuntest tal-Konvenzjoni Qafas tan-Nazzjonijiet Uniti dwar it-Tibdil fil-Klima ("UNFCCC") ("il-Ftehim ta' Pariġi")[3] li ż-żieda fit-temperatura globali tinżamm ferm taħt 2 °C u li jsiru sforzi biex din tinżamm għal 1.5 °C.

Il-Kunsill Ewropew approva l-mira vinkolanti l-ġdida tal-Unjoni għall-2030 fil-laqgħa tiegħu ta' Diċembru 2020[4]. Fil-25 ta' Mejju 2021, il-Kunsill Ewropew afferma mill-ġdid dawn il-konklużjonijiet u stieden lill-Kummissjoni biex tressaq malajr il-pakkett leġiżlattiv tagħha flimkien ma' eżami fil-fond tal-impatt ambjentali, ekonomiku u soċjali fil-livell tal-Istati Membri. Kemm in-newtralità klimatika tal-Unjoni sal-2050 kif ukoll it-tnaqqis intermedju nett tal-emissjonijiet ta' mill-inqas 55 % sal-2030 huma stabbiliti fir-Regolament (UE) 2021/1119 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[5] ("il-Liġi Ewropea dwar il-Klima").

Sabiex timplimenta l-Liġi Ewropea dwar il-Klima u l-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew, il-Kummissjoni rrieżaminat il-leġiżlazzjoni dwar il-klima u l-enerġija attwalment fis-seħħ u qed tipproponi l-pakkett leġiżlattiv "**Lesti għall-mira ta' 55 %**".

Iż-żieda tal-ambizzjoni klimatika tal-Unjoni tfisser ukoll li jeħtieġ li jiżdied il-kontribut mis-setturi kollha. Għal dak l-għan, huwa propost l-iskambju ta' kwoti tal-emissjonijiet għall-bini

1 COM(2019) 640 final.
2 COM (2020) 562 final.
3 Il-Ftehim ta' Pariġi (ĠU L 282, 19.10.2016, p. 4).
4 Il-Konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew tal-10-11 ta' Diċembru 2020 EUCO 22/20 CO EUR 17 KONKL 8.
5 Ir-Regolament (UE) 2021/1119 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Ġunju 2021 li jistabbilixxi l-qafas biex tinkiseb in-newtralità klimatika u li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 401/2009 u (UE) 2018/1999 ("il-Liġi Ewropea dwar il-Klima") (ĠU L 243, 9.7.2021, p. 1).

u għat-trasport bit-triq bħala parti mir-reviżjoni tad-Direttiva 2003/87/KE[6] ("id-Direttiva dwar l-ETS"). Jenħtieġ li dan jipprovdi inċentiv ekonomiku addizzjonali biex jitnaqqas il-konsum dirett tal-fjuwils fossili u b'hekk jikkontribwixxi għat-tnaqqis tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra. L-introduzzjoni ta' prezz tas-suq fuq il-karbonju f'dawn iż-żewġ setturi flimkien ma' miżuri oħrajn jenħtieġ li tnaqqas, fuq perjodu ta' żmien medju sa twil, il-kostijiet għall-bini u għat-trasport bit-triq, u tipprovdi opportunitajiet ġodda għall-investiment u għall-ħolqien tal-impjiegi li se jittieħed vantaġġ sħiħ minnhom fil-preżenza ta' politiki xierqa dwar is-suq tax-xogħol u l-ħiliet, bħal dawk appoġġati fil-livell tal-UE mill-Fond Soċjali Ewropew Plus (FSE+) stabbilit bir-Regolament (UE) 2021/1057 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[7] u mill-Fond għal Tranżizzjoni Ġusta stabbilit skont ir-Regolament (UE) 2021/1056 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[8].

Madankollu, iż-żieda fil-prezz għall-fjuwils fossili se jkollha impatti soċjali u distributtivi sinifikanti li jistgħu jaffettwaw b'mod sproporzjonat lill-unitajiet domestiċi vulnerabbli, lill-mikrointrapriżi vulnerabbli u lill-utenti tat-trasport vulnerabbli li jonfqu parti akbar mill-introjtu tagħhom fuq l-enerġija u t-trasport u li, f'ċerti reġjuni, ma għandhomx aċċess għal soluzzjonijiet ta' mobbiltà u trasport alternattivi u affordabbli. Tali impatti fuq gruppi vulnerabbli jvarjaw bejn l-Istati Membri, u l-impatti fuq il-prezzijiet x'aktarx jinħassu b'mod aktar qawwi fl-Istati Membri, ir-reġjuni u l-popolazzjoni b'introjtu medju aktar baxx. Bħala konsegwenza għaż-żidiet fil-prezzijiet tal-fjuwil permezz tal-ipprezzar tal-karbonju, l-iskambju ta' kwoti tal-emissjonijiet jiġġenera dħul, li jista' jintuża biex itaffi l-piż fuq il-gruppi vulnerabbli.

Sabiex jiġu indirizzati l-impatti soċjali u distributtivi fuq dawk l-aktar vulnerabbli li jirriżultaw mill-iskambju ta' kwoti tal-emissjonijiet għaż-żewġ setturi l-ġodda tal-bini u tat-trasport bit-triq, jinħoloq Fond Soċjali għall-Klima ("il-Fond"). L-aġġustamenti għall-qafas baġitarju tal-Unjoni meħtieġa għal din il-proposta se jiġu ppreżentati mill-Kummissjoni bħala parti mill-pakkett ta' Riżorsi Proprji li jmiss, inkluża proposta biex jiġi emendat il-qafas finanzjarju pluriennali[9]. B'mod partikolari, parti mid-dħul mill-iskambju ta' kwoti tal-emissjonijiet għall-bini u t-trasport bit-triq se takkumula għall-baġit tal-Unjoni u, fil-prinċipju, persentaġġ minnu se jikkorrispondi għall-Fond il-ġdid. Qabel tmiem is-sena, il-Kummissjoni beħsiebha wkoll tippreżenta proposta għal Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar kif għandhom jiġu indirizzati l-aspetti soċjali tat-tranżizzjoni ekoloġika mixtieqa.

Il-Fond għandu l-għan li jtaffi l-impatt fuq il-prezz tal-ipprezzar il-ġdid tal-karbonju u jenħtieġ li jipprovdi finanzjament lill-Istati Membri biex jappoġġaw il-politiki tagħhom biex jindirizzaw l-impatti soċjali ta' tali skambju ta' kwoti tal-emissjonijiet fuq l-unitajiet domestiċi vulnerabbli, il-mikrointrapriżi vulnerabbli u l-utenti tat-trasport vulnerabbli. Jenħtieġ li dan jinkiseb, notevolment, permezz ta' appoġġ temporanju għall-introjtu u miżuri u investimenti maħsuba biex inaqqsu, fit-terminu medju sa twil, id-dipendenza fuq il-fjuwils fossili permezz ta' effiċjenza enerġetika akbar tal-bini, id-dekarbonizzazzjoni tat-tisħin u tat-

6 Id-Direttiva 2003/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Ottubru 2003 li tistabbilixxi skema għall-iskambju ta' kwoti ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra ġewwa l-Unjoni (ĠU L 275, 25.10.2003, p. 32).

7 Ir-Regolament (UE) 2021/1057 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Ġunju 2021 li jistabbilixxi l-Fond Soċjali Ewropew Plus (FSE+) u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 1296/2013 (ĠU L 231, 30.6.2021, p. 21).

8 Ir-Regolament (UE) 2021/1056 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Ġunju 2021 li jistabbilixxi l-Fond għal Tranżizzjoni Ġusta (ĠU L 231, 30.6.2021, p. 1).

9 Proposta emendata għal Regolament tal-Kunsill (UE) 2020/2093 li jistabbilixxi l-qafas finanzjarju pluriennali għas-snin 2021 sa 2027, COM/2021/XXX final.

tkessiħ tal-bini, inkluża l-integrazzjoni tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli, u l-għoti ta' aċċess imtejjeb għal mobbiltà u trasport b'emissjonijiet żero u baxxi.

- **Konsistenza mad-dispożizzjonijiet eżistenti fil-qasam ta' politika**

L-istabbiliment tal-Fond Soċjali għall-Klima għandu l-għan li jindirizza parti mill-isfidi soċjali u distributtivi tat-tranżizzjoni ekoloġika tal-Unjoni. Dan huwa konsistenti mal-politika tal-Unjoni dwar l-azzjoni klimatika u mal-impenji meħuda mill-Unjoni u mill-Istati Membri skont il-Ftehim ta' Pariġi. L-ambizzjoni klimatika miżjuda tal-Unjoni kif ikkonfermata mill-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew ta' Diċembru 2020 u ta' Mejju 2021, kif ukoll id-dispożizzjonijiet tal-Liġi Ewropea dwar il-Klima jitqiesu waqt li jiġi stabbilit il-Fond. B'mod partikolari, il-Fond huwa maħsub biex itaffi l-piż soċjali u distributtiv mill-impatti fuq il-prezzijiet tal-iskambju ta' kwoti tal-emissjonijiet għas-setturi tal-bini u tat-trasport bit-triq, u biex jiffaċilita l-investimenti nodfa biex jittaffa dak il-piż. Barra minn hekk, leġiżlazzjoni oħra dwar il-klima, l-enerġija u t-trasport li għandha impatt fuq dawn is-setturi tkopri aspetti soċjali, pereżempju, id-dispożizzjonijiet attwali tad-Direttiva 2012/27/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[10] ("id-Direttiva dwar l-Effiċjenza Enerġetika") u tad-Direttiva dwar l-ETS, li t-tnejn diġà jindikaw li l-użu tal-fondi u tad-dħul jenħtieġ li jqis l-aspetti soċjali. Il-Fond il-ġdid huwa komplementari għall-istrumenti baġitarji eżistenti li jiffokaw fuq l-investimenti u l-ħiliet b'rabta mat-tranżizzjoni.

L-objettiv tan-newtralità klimatika tal-Patt Ekoloġiku Ewropew u tal-Liġi Ewropea dwar il-Klima, u t-tranżizzjoni doppja ekoloġika u diġitali huma prijorità ewlenija tal-Unjoni. Il-pakkett "**Lesti għall-Mira ta' 55 %**", Next Generation EU u l-qafas finanzjarju pluriennali għall-perjodu 2021-2027 se jgħinu biex tinkiseb it-tranżizzjoni doppja ekoloġika u diġitali li qed timmira għaliha l-Ewropa. Il-kombinazzjoni ta' dawn il-politiki se tikkontribwixxi b'mod deċiżiv biex tiġi indirizzata l-kriżi ekonomika u biex jiġi ffaċilitat l-irkupru wara l-pandemija tal-COVID-19 u biex titħaffef il-bidla għal ekonomija nadifa u sostenibbli, li tgħaqqad l-azzjoni klimatika u t-tkabbir ekonomiku u l-koeżjoni soċjali u territorjali.

Il-ħtieġa u l-valur tat-tranżizzjoni ekoloġika saħansitra komplew jiżdiedu wara l-effetti severi tal-pandemija tal-COVID-19 fuq is-saħħa u l-benesseri ekonomiku taċ-ċittadini tal-Unjoni. Il-Fond se jibda jopera matul l-aħħar sentejn tal-Istrument għall-Irkupru[11] u tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza[12] li huma l-miżuri tal-Unjoni maħsuba biex itaffu l-impatt ekonomiku u soċjali tal-pandemija tal-COVID-19 u biex jagħmlu l-ekonomiji u s-soċjetajiet tal-Unjoni aktar sostenibbli, reżiljenti u ppreparati aħjar għall-isfidi u l-opportunitajiet tat-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali. L-implimentazzjoni tal-Fond, li jenħtieġ li tkompli sal-2032, se tkun konsistenti ma' dawk il-miżuri preċedenti. Bl-istess mod, il-Fond għal Tranżizzjoni Ġusta huwa ffinanzjat mill-qafas finanzjarju pluriennali u se jintemm fl-2027. B'hekk, jenħtieġ li l-Fond ikompli jopera għal ħames snin oħra.

***Il-governanza u t-tfassil tal-interventi***

[10] Id-Direttiva 2012/27/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar l-effiċjenza fl-enerġija, li temenda d-Direttivi 2009/125/KE u 2010/30/UE u li tħassar id-Direttivi 2004/8/KE u 2006/32/KE (ĠU L 315, 14.11.2012, p. 1).

[11] Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2020/2094 tal-14 ta' Diċembru 2020 li jistabbilixxi Strument tal-Unjoni Ewropea għall-Irkupru biex jappoġġa l-irkupru wara l-kriżi tal-COVID-19 (ĠU L 433I, 22.12.2020, p. 23).

[12] Ir-Regolament (UE) 2021/241 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Frar 2021 li jistabbilixxi l-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza (ĠU L 57, 18.2.2021, p. 17).

Il-Patt Ekoloġiku Ewropew għaraf li l-ħtieġa għal tranżizzjoni soċjalment ġusta trid tiġi riflessa wkoll fil-politiki fil-livell nazzjonali u f'dak tal-Unjoni. Dan jinkludi investimenti biex jiġu pprovduti soluzzjonijiet affordabbli għal dawk affettwati l-agħar mill-politiki dwar l-ipprezzar tal-karbonju u li huma inqas kapaċi jlaħħqu magħhom, pereżempju, permezz ta' trasport pubbliku mtejjeb, kif ukoll miżuri maħsuba biex itaffu u jindirizzaw il-faqar enerġetiku u jippromwovu t-taħriġ mill-ġdid. Dan huwa konformi mal-Prinċipju 1 u l-Prinċipju 20 tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali biex jiġu ffaċilitati t-tranżizzjonijiet tas-suq tax-xogħol fil-kuntest tat-tranżizzjonijiet doppji u l-irkupru mill-impatt soċjoekonomiku tal-pandemija tal-COVID-19 u jiġi żgurat l-aċċess għal servizzi essenzjali bħall-enerġija u l-mobbiltà għal kulħadd.

Skont il-qafas tal-governanza klimatika, l-Istati Membri huma obbligati li fl-2023 jaġġornaw il-pjanijiet nazzjonali għall-enerġija u l-klima ("NECP") integrati tagħhom f'konformità mar-Regolament (UE) 2018/1999 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[13] ("ir-Regolament dwar il-Governanza"). L-NECPs ta' 10 snin jiddeskrivu kif l-Istati Membri tal-UE beħsiebhom jindirizzaw l-effiċjenza enerġetika, is-sorsi ta' enerġija rinnovabbli u t-tnaqqis tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra u diġà jkopru l-faqar enerġetiku skont il-leġiżlazzjoni attwali. Il-Kummissjoni tissorvelja u tirrapporta dwar il-progress bħala parti mir-rapport tal-unjoni tal-enerġija. Il-Fond u l-Pjanijiet Soċjali għall-Klima se jkunu marbuta mar-riformi ppjanati u mal-impenji magħmula mill-NECPs u se jitfasslu minnhom. Bil-ħsieb li jiġu minimizzati l-kostijiet amministrattivi addizzjonali, l-għażla taż-żmien tal-preżentazzjoni u l-adozzjoni tal-Pjanijiet Soċjali għall-Klima hija allinjata mal-proċess eżistenti tal-NECP.

L-implimentazzjoni tal-Fond permezz tal-Pjanijiet Soċjali għall-Klima tal-Istati Membri se tkun koerenti wkoll mal-politika u l-miżuri appoġġati minn diversi strumenti oħrajn tal-UE li jrawmu tranżizzjoni soċjalment ġusta. Dawn jinkludu l-Pjan ta' Azzjoni tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali[14], li jimmira għal tranżizzjoni ekoloġika soċjalment ġusta u xierqa għall-Ewropej kollha, il-Fond Soċjali Ewropew Plus (FSE+), il-Pjanijiet għal Tranżizzjoni Ġusta skont ir-Regolament (UE) 2021/1056, l-istrateġiji ta' rinnovazzjoni tal-bini fit-tul tal-Istati Membri skont id-Direttiva 2010/31/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[15] u l-Osservatorju tal-Faqar Enerġetiku, li jappoġġa l-isforzi tal-Istati Membri biex itaffu u jissorveljaw il-faqar enerġetiku u t-taħlitiet ta' politika relatati, f'konformità mar-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni dwar il-Faqar Enerġetiku[16].

Il-Fond Soċjali għall-Klima se jikkontribwixxi wkoll għall-implimentazzjoni tal-"Pjan ta' Azzjoni tal-UE: Lejn Tniġġis Żero għall-Arja, għall-Ilma u għall-Ħamrija"[17] li għandu l-għan li jimmassimizza s-sinerġiji bejn id-dekarbonizzazzjoni u l-ambizzjoni ta' tniġġis żero. Għal dan l-għan, il-miżuri u l-investimenti se jkunu mmirati wkoll lejn azzjonijiet (eż. dwar it-tisħin u l-bojlers) li jistgħu fl-istess ħin jgħinu biex jitnaqqas it-tniġġis tal-arja, minħabba li l-

13 Ir-Regolament (UE) 2018/1999 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2018 dwar il-Governanza tal-Unjoni tal-Enerġija u tal-Azzjoni Klimatika, li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 663/2009 u (KE) Nru 715/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, id-Direttivi 94/22/KE, 98/70/KE, 2009/31/KE, 2009/73/KE, 2010/31/UE, 2012/27/UE u 2013/30/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, id-Direttivi tal-Kunsill 2009/119/KE u (UE) 2015/652 u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 525/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 328, 21.12.2018, p. 1).

14 Approvat mill-Kunsill Ewropew fl-24 u l-25 ta' Ġunju 2021.

15 Id-Direttiva 2010/31/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Mejju 2010 dwar ir-rendiment tal-bini fl-użu tal-enerġija (ĠU L 153, 18.6.2010, p. 13).

16 Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/1563 tal-14 ta' Ottubru 2020 dwar il-faqar enerġetiku C/2020/9600 (ĠU L 357, 27.10.2020, p. 35).

17 COM(2021) 400.

ġlieda kontra t-tniġġis hija wkoll ġlieda għall-ġustizzja u l-ugwaljanza. L-aktar impatti ta' ħsara tat-tniġġis fuq is-saħħa tal-bniedem tipikament jiġġarrbu mill-aktar gruppi vulnerabbli.

## 2. BAŻI ĠURIDIKA, SUSSIDJARJETÀ U PROPORZJONALITÀ

- **Bażi ġuridika**

Il-bażijiet ġuridiċi għal din il-proposta għal Regolament li jistabbilixxi l-Fond Soċjali għall-Klima huma l-Artikolu 91(1)(d), l-Artikolu 192(1) u l-Artikolu 194(1)(c) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea ("TFUE").

Il-Fond huwa stabbilit biex jindirizza l-isfidi soċjali u distributtivi mit-tranżizzjoni ekoloġika meħtieġa għall-ġlieda kontra t-tibdil fil-klima u biex jinċentiva l-miżuri meħtieġa biex jittaffew il-konsegwenzi soċjali tal-iskambju ta' kwoti tal-emissjonijiet għas-setturi tal-bini u tat-trasport bit-triq.

Skont l-Artikolu 192(1) tat-TFUE, l-Unjoni għandha tikkontribwixxi, *inter alia*, għall-preservazzjoni, il-protezzjoni u t-titjib tal-kwalità tal-ambjent, għall-promozzjoni ta' miżuri fil-livell internazzjonali biex jiġu indirizzati problemi ambjentali reġjonali jew dinjija u, b'mod partikolari, għall-ġlieda kontra t-tibdil fil-klima. Il-politika tal-Unjoni dwar l-ambjent timmira għal livell għoli ta' protezzjoni filwaqt li titqies id-diversità ta' sitwazzjonijiet fid-diversi reġjuni tal-Unjoni. Il-miżuri mmirati lejn it-trasport sostenibbli huma adottati wkoll skont dawn id-dispożizzjonijiet.

Il-Fond jindirizza b'mod partikolari l-isfidi tal-faqar enerġetiku għall-unitajiet domestiċi vulnerabbli u għall-mikrointrapriżi vulnerabbli. Jenħtieġ li dan jappoġġa miżuri maħsuba biex jippromwovu l-effiċjenza enerġetika, l-iffrankar tal-enerġija u l-iżvilupp ta' forom ġodda u rinnovabbli ta' enerġija, kif indikat fl-Artikolu 194(1)(c) tat-TFUE.

Il-Fond jeħtieġ ukoll li jindirizza s-sitwazzjoni tal-utenti tat-trasport vulnerabbli. Jenħtieġ li dan jappoġġa miżuri maħsuba biex jiffaċilitaw l-aċċess tagħhom għal soluzzjonijiet ta' mobbiltà u trasport b'emissjonijiet żero u baxxi, inkluż it-trasport pubbliku, u b'hekk jikkontribwixxi biex jintlaħqu l-objettivi tal-politika komuni tat-trasport kif indikat fl-Artikolu 91(1)(d) tat-TFUE.

- **Sussidjarjetà (għall-kompetenza mhux esklużiva)**

Il-Fond huwa stabbilit biex jikkomplementa l-iskambju ta' kwoti tal-emissjonijiet għall-bini u għat-trasport bit-triq li għandu japplika fl-Unjoni kollha. L-applikazzjoni ta' prezz uniformi għall-emissjonijiet tal-gassijiet serra mill-bini u mit-trasport bit-triq se jkollha impatt mhux uniformi fi Stati Membri u reġjuni differenti. Il-Fond għandu jipprovdi appoġġ lill-Istati Membri, sabiex ikunu jistgħu jiffinanzjaw sett koerenti ta' miżuri, inkluż l-appoġġ għall-introjtu dirett temporanju, u investimenti meqjusa meħtieġa biex jintlaħqu l-miri klimatiċi tal-Unjoni u, b'mod partikolari, biex jiġu żgurati tisħin, tkessiħ u mobbiltà affordabbli u sostenibbli. Jenħtieġ li l-appoġġ ikun jirrifletti s-sitwazzjoni diversa tal-Istati Membri u tar-reġjuni tagħhom, b'kont meħud tal-mapep reġjonali tal-faqar enerġetiku u tal-mapep ta' żoni remoti u rurali li mhumiex konnessi tajjeb bit-triq jew bil-ferrovija. Dawk il-miżuri u l-investimenti, inkluż l-appoġġ għall-introjtu dirett temporanju, għandhom ikunu ta' benefiċċju għall-unitajiet domestiċi, għall-mikrointrapriżi u għall-utenti tat-trasport, li huma vulnerabbli u partikolarment affettwati mill-iskambju ta' kwoti tal-emissjonijiet għall-bini u għat-trasport bit-triq, minħabba li l-entitajiet regolati huma mistennija jgħaddu l-kostijiet lill-konsumaturi finali.

Il-finanzjament mill-baġit tal-Unjoni jikkonċentra fuq attivitajiet li l-objettivi tagħhom ma jistgħux jinkisbu b'mod suffiċjenti mill-Istati Membri kollha weħidhom ("test tan-neċessità"),

u fejn l-intervent tal-Unjoni jista' jġib valur addizzjonali meta mqabbel mal-azzjoni tal-Istati Membri weħidhom. F'dan il-każ, il-ħtiġijiet speċifiċi tal-Istati Membri differenti huma riflessi fil-metodoloġija tal-allokazzjoni. Il-ħolqien ta' programm tal-Unjoni jiżgura wkoll li l-Istati Membri kollha jkunu jistgħu jieħdu miżuri biex jikkomplementaw l-azzjoni klimatika fil-livell tal-Unjoni. L-Istati Membri se jkunu dawk li se jfasslu u jagħżlu l-miżuri u l-investimenti, minħabba li huma fl-aħjar pożizzjoni biex ifasslu miżuri li jkunu jirriflettu l-partikolaritajiet nazzjonali.

Jenħtieġ li l-Istati Membri jressqu sett komprensiv ta' miżuri u investimenti li għandhom jiġu ffinanzjati mill-Fond bħala l-Pjanijiet Soċjali għall-Klima tagħhom li għandhom jiġu sottomessi flimkien mal-aġġornament tal-NECP tagħhom f'konformità mar-Regolament dwar il-Governanza.

Hija meħtieġa azzjoni fil-livell tal-Unjoni biex tinkiseb tranżizzjoni ekoloġika rapida u robusta fejn ħadd ma jitħalla lura. B'hekk, fil-livell tal-Unjoni hija meħtieġa azzjoni biex jiġi kkoordinat rispons xieraq għall-isfidi soċjali mill-iskambju ta' kwoti tal-emissjonijiet għas-setturi tal-bini u tat-trasport bit-triq ("test tal-effettività"). Dan l-għan ma jistax jintlaħaq b'mod suffiċjenti mill-Istati Membri li jaġixxu weħidhom, filwaqt li l-intervent tal-Unjoni jista' jġib valur addizzjonali billi jistabbilixxi strument immirat biex jappoġġa finanzjarjament lill-Istati Membri fir-rigward tat-tfassil u l-implimentazzjoni tar-riformi u l-investimenti tant meħtieġa.

- **Proporzjonalità**

Il-proposta hija konformi mal-prinċipju tal-proporzjonalità, fis-sens li ma tmurx lil hinn mill-minimu meħtieġ sabiex jintlaħaq l-objettiv iddikjarat fil-livell tal-Unjoni u li huwa meħtieġ għal dak l-iskop.

- **L-għażla tal-istrument**

L-għanijiet deskritti fit-taqsimiet preċedenti ma jistgħux jintlaħqu permezz ta' armonizzazzjoni tal-leġiżlazzjonijiet, jew b'azzjoni volontarja tal-Istati Membri. Regolament biss jista' jippermetti li dawn jintlaħqu. Regolament applikabbli għall-Istati Membri kollha huwa wkoll l-aktar strument legali xieraq biex jiġi organizzat l-għoti ta' appoġġ finanzjarju bil-ħsieb li jiġi żgurat it-trattament ugwali tal-Istati Membri.

Il-maġġoranza tad-dħul mill-iskambju l-ġdid ta' kwoti tal-emissjonijiet se jakkumula għall-baġits nazzjonali tal-Istati Membri u jenħtieġ li jintuża għal skopijiet relatati mal-klima, inkluż biex jiġu indirizzati l-impatti soċjali tal-iskambju l-ġdid ta' kwoti tal-emissjonijiet. L-Istati Membri huma mħeġġa jużaw tali dħul, kif ukoll jidderieġu finanzjamenti addizzjonali disponibbli minn programmi oħrajn tal-Unjoni, għal miżuri li jappoġġaw dekarbonizzazzjoni soċjalment ġusta tas-setturi. Fond ġdid b'ġestjoni diretta fil-baġit tal-Unjoni jikkomplementa dawn il-miżuri b'mod li jipprevedi speċifikament għall-isfidi soċjali mill-iskambju ta' kwoti tal-emissjonijiet fis-setturi tal-bini u tat-trasport bit-triq permezz ta' approċċ integrat orjentat lejn ir-riżultati bbażat fuq pjan miftiehem b'miri, b'objettivi intermedji u b'riżultati tanġibbli ċari, u huwa marbut direttament magħhom. Il-koeffiċjent tad-distribuzzjoni għall-Fond iqis l-impatt mhux uniformi mistenni bejn l-Istati Membri u fihom.

## 3. RIŻULTATI TAL-EVALWAZZJONIJIET *EX POST*, TAL-KONSULTAZZJONIJIET MAL-PARTIJIET IKKONĊERNATI U TAL-VALUTAZZJONIJIET TAL-IMPATT

- **Evalwazzjonijiet *ex post*/kontrolli tal-idoneità tal-leġiżlazzjoni eżistenti**

Ma kien hemm l-ebda evalwazzjoni *ex post* jew kontroll tal-idoneità relatat ma' din il-proposta, minħabba li l-implimentazzjoni taż-żieda tal-ambizzjoni klimatika tal-Unjoni għadha ma bdietx.

- **Konsultazzjonijiet mal-partijiet ikkonċernati**

Il-Kummissjoni stiednet lill-Istati Membri, lir-rappreżentanti tal-industrija mis-settur privat, lill-organizzazzjonijiet mhux governattivi, lill-istituzzjonijiet ta' riċerka u akkademiċi, lit-trade unions u liċ-ċittadini biex jipprovdu l-feedback u l-opinjoni tagħhom dwar l-iskambju possibbli ta' kwoti tal-emissjonijiet għas-setturi tal-bini u tat-trasport bit-triq, inkluż dwar il-konsegwenzi soċjali tiegħu.

Il-Kummissjoni organizzat l-ewwel ċiklu ta' konsultazzjoni pubblika qabel ma adottat il-Komunikazzjoni dwar il-Pjan dwar il-Mira Klimatika għall-2030 li pproponiet li tiżdied l-ambizzjoni tal-Unjoni u ressqet pjan komprensiv biex tiżdied il-mira vinkolanti tal-Unjoni għall-2030 għal tnaqqis nett ta' mill-inqas 55 % fl-emissjonijiet, b'mod responsabbli.

Għal kull waħda mill-proposti tal-pakkett "**Lesti għall-Mira ta' 55 %**", il-Kummissjoni organizzat it-tieni sessjoni ta' konsultazzjonijiet pubbliċi online. Fir-rigward tar-reviżjoni tad-Direttiva dwar l-ETS, inkluż l-iskambju ta' kwoti tal-emissjonijiet għall-bini u għat-trasport bit-triq, waslu kważi 500 tweġiba[18]. Qabel dan, il-Kummissjoni għamlet stedina għal feedback dwar valutazzjoni tal-impatt tal-bidu[19] tar-reviżjoni tad-Direttiva dwar l-ETS, inklużi l-kunsiderazzjonijiet inizjali u l-għażliet ta' politika dwar it-twaqqif possibbli tal-iskambju ta' kwoti tal-emissjonijiet.

Fir-rigward tas-setturi tal-bini u tat-trasport bit-triq, diversi partijiet ikkonċernati, inklużi sħab soċjali kemm min-naħa ta' dawk li jħaddmu kif ukoll min-naħa tal-impjegati, ġeneralment ikunu xettiċi dwar estensjoni tal-iskambju ta' kwoti tal-emissjonijiet għal dawn is-setturi. Fost l-għażliet ippreżentati, l-għażla ta' politika ppreferuta ta' firxa wiesgħa ta' partijiet ikkonċernati kienet li jibdew b'sistema awtonoma separata għas-setturi tal-bini u tat-trasport bit-triq, kif riflessa fil-proposta dwar ir-reviżjoni tal-ETS. Diversi partijiet ikkonċernati rreferew ukoll għall-impatti soċjali ta' żieda fil-prezz għall-fjuwils tat-tisħin u tat-trasport fuq l-aktar unitajiet domestiċi vulnerabbli. B'mod partikolari, ġie enfasizzat li l-unitajiet domestiċi b'introjtu baxx jista' jkollhom bżonn appoġġ sabiex iwettqu l-investimenti meħtieġa fl-effiċjenza enerġetika u fil-mobbiltà u t-trasport b'emissjonijiet żero u baxxi.

- **Ġbir u użu tal-għarfien espert**

Din il-proposta tibni fuq l-evidenza miġbura fil-valutazzjoni tal-impatt li takkumpanja l-Pjan dwar il-Mira Klimatika għall-2030[20], il-valutazzjoni tal-impatt li tirfed ir-reviżjoni tad-

---

[18] Din kienet miftuħa għal 12-il ġimgħa mit-13 ta' Novembru 2020 sal-5 ta' Frar 2021. L-eżitu jista' jinstab fuq is-sit web li ġej: https://ec.europa.eu/info/law/better-regulation/have-your-say/initiatives/12660-Updating-the-EU-Emissions-Trading-System/public-consultation.

[19] Il-valutazzjoni tal-impatt tal-bidu kienet miftuħa għall-feedback mid-29 ta' Ottubru 2020 sas-26 ta' Novembru 2020 u rċeviet madwar 250 kontribuzzjoni. L-eżitu jista' jinstab fuq is-sit web li ġej: https://ec.europa.eu/info/law/better-regulation/have-your-say/initiatives/12660-Updating-the-EU-Emissions-Trading-System.

[20] SWD(2020)176, b'mod partikolari t-taqsima 6.5.2.

Direttiva dwar l-ETS[21], l-analiżi mwettqa b'appoġġ għall-Istrateġija fit-Tul tal-Kummissjoni[22] u l-evidenza rilevanti miġbura f'inizjattivi konkorrenti oħrajn tal-Patt Ekoloġiku Ewropew, kif ukoll fi studji preċedenti relatati mal-bini u mat-trasport bit-triq.

- **Valutazzjoni tal-impatt**

Il-problemi indirizzati mill-Fond propost u d-direzzjonijiet possibbli tas-soluzzjonijiet huma analizzati f'żewġ valutazzjonijiet tal-impatt konsekuttivi u, għalhekk, ma twettqet l-ebda valutazzjoni tal-impatt speċifika.

Il-valutazzjoni tal-impatt li tirfed il-Pjan dwar il-Mira Klimatika għall-2030 sabet li żieda fil-mira tal-emissjonijiet għall-2030 għal -55 % iżżid is-sehem tan-nefqa tal-unitajiet domestiċi relatat mal-enerġija b'madwar 0,7 sa 0,8 punti perċentwali. Il-bidliet fil-prezzijiet tal-konsumatur jaffettwaw lill-unitajiet domestiċi b'modi kkuntrastanti li jiddependu fuq l-istruttura tan-nefqa tagħhom, il-livell u s-sorsi tal-introjtu, il-ġid u l-kompożizzjoni stess tal-unità domestika.

Il-bidliet stmati fil-prezzijiet relattivi ġġenerati minn ambizzjoni klimatika ogħla jaffettwaw lil dawk b'introjtu aktar baxx ferm aktar minn dawk b'introjtu għoli. Madankollu, dawn ir-riżultati ma jinkludux ir-ridistribuzzjoni tad-dħul mill-irkanti. Jekk, pereżempju, tiġi introdotta ridistribuzzjoni ta' somma f'daqqa tad-dħul mill-irkanti abbażi tad-daqs tal-unità domestika għal kull Stat Membru, din tista' tiġġenera impatt pożittiv f'termini tal-benesseri fuq id-deċil tan-nefqa inferjuri tal-popolazzjoni tal-Unjoni kollha kemm hi u tnaqqas b'mod drastiku l-impatt negattiv fuq il-klassijiet tal-infiq l-oħrajn kollha. Il-valutazzjoni tal-impatt ikkonkludiet ukoll li, bħala politika reali, mekkaniżmu ta' ridistribuzzjoni jista' jkun immirat b'mod aktar sinifikanti biex jindirizza l-ħtiġijiet tad-deċili tal-introjtu/tan-nefqa aktar baxxi. Dan jippermetti grad ogħla ta' kumpens għall-unitajiet domestiċi fil-bżonn, kif ukoll appoġġ għalihom, għal kwalunkwe livell partikolari ta' dħul iġġenerat mill-ipprezzar tal-karbonju.

Il-valutazzjoni tal-impatt li takkumpanja l-Proposta għall-emendar tad-Direttiva dwar l-ETS fi ħdan il-pakkett "**Lesti għall-Mira ta' 55 %**" tirfina din l-analiżi. Hija tagħmel enfasi speċifika fuq l-introduzzjoni tal-iskambju ta' kwoti tal-emissjonijiet għall-bini u għat-trasport bit-triq u tanalizza l-impatti soċjali tiegħu, b'mod partikolari fuq l-unitajiet domestiċi vulnerabbli u b'introjtu aktar baxx. B'mod partikolari, din tiddiżaggrega n-nefqa tal-unitajiet domestiċi fuq l-enerġija fil-kostijiet tal-fjuwil u fil-kostijiet kapitali għall-investimenti, kif ukoll skont il-gruppi ewlenin tal-introjtu tal-unitajiet domestiċi u l-gruppi tal-introjtu tal-Istati Membri.

Fl-2030, l-nefqa fuq l-investiment residenzjali hija mistennija tiżdied fl-Unjoni b'bejn 0,4 u 0,7 punti perċentwali tal-introjtu tal-unitajiet domestiċi meta mqabbel mal-linja bażi bħala konsegwenza tal-pakkett "**Lesti għall-mira ta' 55 %**". F'ambjent ta' politika aktar xprunat mill-prezz tal-karbonju, in-nefqa fuq l-investiment tiżdied b'mod inqas qawwi milli f'taħlita ta' politika aktar ibbilanċjata. F'taħlita ta' politika kosteffettiva, iż-żidiet fin-nefqa fuq l-investiment għall-unitajiet domestiċi b'introjtu aktar baxx ikunu fil-gruppi kollha ta' introjtu tal-Istati Membri aktar mid-doppju tal-unità domestika medja. Iż-żidiet huma ferm ogħla mill-medja tal-Unjoni fl-Istati Membri b'PDG *per capita* taħt is-60 % tal-medja tal-Unjoni. Dan juri l-importanza tal-aċċess għall-finanzi, għar-rinnovazzjoni tad-djar, u għax-xiri ta' tagħmir effiċjenti fl-użu tal-enerġija, b'mod partikolari fi Stati Membri b'introjtu aktar baxx.

[21] [Valutazzjoni tal-impatt li takkumpanja ….]

[22] Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew, lill-Kumitat tar-Reġjuni u lill-Bank Ewropew tal-Investiment "Pjaneta Nadifa għal kulħadd, Viżjoni strateġika Ewropea fit-tul għal ekonomija għanja, moderna, kompetittiva u newtrali għall-klima", COM/2018/773 final.

Il-valutazzjoni tal-impatt għar-reviżjoni tad-Direttiva dwar l-ETS sabet li l-iskambju ta' kwoti tal-emissjonijiet għall-bini mhux se jaffettwa lill-unitajiet domestiċi bl-istess mod, iżda x'aktarx ikollu impatt regressiv fuq l-introjtu disponibbli, minħabba li l-unitajiet domestiċi bi dħul baxx għandhom it-tendenza li jonfqu proporzjon akbar tal-introjtu tagħhom fuq it-tisħin. Barra minn hekk, l-introduzzjoni ta' prezz armonizzat tal-karbonju se jkollha impatt differenti ħafna fuq il-prezzijiet tal-konsumatur fl-Istati Membri skont il-livell eżistenti ta' taxxi fuq il-fjuwils ikkonċernati, minħabba li l-prezzijiet tal-fjuwils fossili qabel it-taxxa huma komparabbli fl-Istati Membri kollha. Madankollu, in-nefqa ġenerali fuq il-fjuwil bħala persentaġġ tal-introjtu tibqa' kważi stabbli bħala medja. Dan ifisser li jista' jkun hemm iffrankar fin-nefqa fuq il-fjuwil minkejja ż-żidiet fil-prezzijiet, diment li jsiru investimenti kosteffettivi. Jekk dawn l-investimenti jsiru, bħala medja, l-unitajiet domestiċi b'introjtu aktar baxx se jkunu f'pożizzjoni aħjar mill-unità domestika medja. Għall-grupp ta' Stati Membri b'introjtu baxx, is-sehem tan-nefqa fuq il-fjuwil fin-nefqa tal-konsum tal-unitajiet domestiċi jiżdied fost il-gruppi ta' introjtu kollha u, b'mod aktar qawwi, għall-unitajiet domestiċi b'introjtu baxx. Jekk isiru l-investimenti meħtieġa fl-effiċjenza enerġetika, fir-rinnovazzjoni u fl-enerġija rinnovabbli, l-isfida taż-żidiet fil-prezzijiet tal-fjuwil tibqa' limitata u ffokata fuq l-unitajiet domestiċi b'introjtu aktar baxx fi Stati Membri b'introjtu baxx.

Fir-rigward tat-trasport bit-triq, l-Istrateġija għal Mobbiltà Sostenibbli u Intelliġenti ('Sustainable and Smart Mobility Strategy' - "SSMS") u l-valutazzjoni tal-impatt, li takkumpanja l-Pjan dwar il-Mira Klimatika għall-2030, irrikonoxxew l-importanza ċentrali tal-investimenti mmirati biex jagħtu spinta lid-domanda għal vetturi b'emissjonijiet żero u baxxi u biex iħaffu t-tnedija tal-infrastruttura tal-irriċarġjar u tar-riforniment għal dawn il-vetturi, li se jkollhom rwol ewlieni fil-kisba tal-għan tad-dekarbonizzazzjoni b'mod sinifikanti tat-trasport bit-triq sal-2030.

Il-valutazzjoni tal-impatt li takkumpanja l-proposta għar-reviżjoni tad-Direttiva dwar l-ETS issib li l-impatti fuq l-unitajiet domestiċi mill-iskambju ta' kwoti tal-emissjonijiet għat-trasport bit-triq huma mħalltin. Tipikament, huma l-partijiet medji u medji-baxxi tal-klassijiet ta' introjtu tal-unitajiet domestiċi fejn il-proporzjon tan-nefqa fuq it-trasport huwa l-ogħla (minħabba li l-unitajiet domestiċi bl-aktar introjtu baxx ma għandhomx aċċess għal vettura privata).

Madankollu, il-valutazzjoni tal-impatt tikkonkludi wkoll li għalkemm l-ipprezzar tal-karbonju jżid il-kostijiet tal-enerġija għall-konsumaturi, fl-istess ħin huwa jżid id-dħul, li jista' jintuża għall-investimenti mill-ġdid, biex jistimula l-azzjoni klimatika u biex jindirizza l-impatti soċjali jew distributtivi tal-ipprezzar tal-karbonju. Id-dħul mill-irkantar tal-kwoti taħt dik l-iskema ta' skambju ta' kwoti tal-emissjonijiet jista' jintuża permezz ta' mekkaniżmi ridistributtivi differenti bħala kumpens lill-konsumaturi, appoġġ għall-investiment fl-effiċjenza enerġetika jew fis-sorsi rinnovabbli, jew għażliet oħrajn.

- **Idoneità regolatorja u simplifikazzjoni**

Il-leġiżlazzjoni tal-EU ETS iffavoriet konsistentement approċċi biex timminimizza l-piż regolatorju kemm għall-operaturi ekonomiċi kif ukoll għall-amministrazzjonijiet.

F'konformità mal-impenn tal-Kummissjoni għal Regolamentazzjoni Aħjar, din il-proposta tħejjiet filwaqt li tqiesu l-kontribuzzjonijiet tal-partijiet ikkonċernati (ara wkoll it-taqsima dwar il-ġbir u l-użu tal-għarfien espert).

Il-Pjanijiet Soċjali għall-Klima għandhom jiġu sottomessi flimkien mal-aġġornament tal-pjanijiet nazzjonali għall-enerġija u l-klima ("NECPs") biex jitnaqqsu kemm jista' jkun l-isforzi amministrattivi addizzjonali. L-NECPs diġà jinkludu ħarsa ġenerali ddettaljata lejn il-kwistjonijiet sottostanti dwar il-faqar enerġetiku li jindirizza l-Fond. Bl-istess mod, ir-

rinnovazzjoni tal-bini, it-trasport sostenibbli u l-proġetti relatati mad-dekarbonizzazzjoni tat-trasport bit-triq diġà ġew indirizzati b'mod estensiv fil-Pjanijiet nazzjonali għall-Irkupru u r-Reżiljenza.

L-isforz amministrattiv addizzjonali meħtieġ jaqa' l-aktar fuq l-amministrazzjonijiet, filwaqt li l-benefiċċji finali jakkumulaw fuq l-unitajiet domestiċi, il-mikrointrapriżi u l-utenti tat-trasport. L-opportunitajiet għad-dħul u għall-impjiegi jkunu ta' benefiċċju għall-kumpaniji lokali, ħafna drabi intrapriżi żgħar u medji.

- **Drittijiet fundamentali**

Il-proposta għandha effett pożittiv fuq il-preservazzjoni u l-iżvilupp tad-drittijiet fundamentali tal-Unjoni, kif ukoll fuq il-prinċipji tal-inklużjoni u tan-nondiskriminazzjoni, jekk wieħed jassumi li l-Istati Membri jitolbu u jirċievu appoġġ f'oqsma relatati li jistgħu jiġu ffinanzjati taħt il-Fond.

In-nisa huma partikolarment affettwati minn miżuri ta' pprezzar tal-karbonju minħabba li jirrappreżentaw 85 % tal-familji b'ġenitur wieħed. Il-familji b'ġenitur wieħed għandhom riskju partikolarment għoli ta' faqar fost it-tfal. L-ugwaljanza bejn il-ġeneri u l-opportunitajiet indaqs għal kulħadd, kif ukoll l-integrazzjoni ta' dawk l-objettivi, għandhom jitqiesu u jiġu promossi matul l-implimentazzjoni tal-Fond. Barra minn hekk, 87 miljun ċittadin Ewropew b'xi tip ta' diżabbiltà jgħixu f'unitajiet domestiċi privati u jiffaċċjaw riskju sinifikanti ta' faqar u esklużjoni soċjali (28,5 % meta mqabbla ma' 18,6 % ta' dawk mingħajr diżabbiltà fl-Unjoni fl-2019).

## 4. IMPLIKAZZJONIJIET BAĠITARJI

Il-pakkett finanzjarju totali tal-Fond għall-perjodu 2025-32 se jkun ta' EUR 72,2 biljun fi prezzijiet kurrenti. Il-Kummissjoni dalwaqt se tipproponi emenda mmirata tar-Regolament għall-qafas finanzjarju pluriennali għas-snin mill-2021 sal-2027 biex takkomoda nefqa addizzjonali tal-Unjoni li tammonta għal EUR 23.7 biljun għall-perjodu 2025-2027. Jenħtieġ li n-nefqa titqassam minn qabel biex tippreċedi u takkumpanja introduzzjoni bla xkiel tal-ETS il-ġdida. L-ammont ta' EUR 48,5 biljun għall-perjodu 2028-2032 huwa soġġett għad-disponibbiltà tal-fondi taħt il-limiti massimi annwali tal-qafas finanzjarju pluriennali applikabbli msemmi fl-Artikolu 312 tat-TFUE, li għalihom il-Kummissjoni se tagħmel proposta qabel l-1 ta' Lulju 2025[23].

Fil-prinċipju, il-pakkett finanzjarju tal-Fond jenħtieġ li jkun jikkorrispondi għal 25 % tad-dħul mistenni mill-inklużjoni tal-bini u tat-trasport bit-triq fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva dwar l-ETS, minħabba r-rabta diretta tagħha mal-ETS il-ġdida. Il-proposta għal emenda għad-Deċiżjoni dwar ir-Riżorsi Proprji se tistabbilixxi kif l-Istati Membri jenħtieġ li jagħmlu disponibbli d-dħul meħtieġ għall-baġit tal-Unjoni bħala riżorsi proprji.

B'hekk, għall-perjodu 2025-2032, il-Fond se jiġi ffinanzjat mir-riżorsi proprji tal-baġit tal-Unjoni, inkluż, mill-2026, id-dħul mill-iskambju ta' kwoti tal-emissjonijiet għall-bini u għat-trasport bit-triq kif previst fl-emenda għad-Deċiżjoni dwar ir-Riżorsi Proprji li l-Kummissjoni se tippreżenta dalwaqt. Jenħtieġ li l-Fond japplika sena qabel l-introduzzjoni tal-prezz tal-karbonju taħt l-ETS il-ġdida.

[23] L-Artikolu 21 tar-Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) 2020/2093 tas-17 ta' Diċembru 2020 li jistabbilixxi l-qafas finanzjarju pluriennali għas-snin mill-2021 sal-2027 (ĠU L 433I, 22.12.2020, p. 11).

Id-distribuzzjoni annwali tal-impenji baġitarji għandha tiġi kkalibrata f'konformità mal-objettiv tal-Fond. Ir-riżultat huwa profil imqassam minn qabel, f'konformità mal-objettivi tal-Fond biex jittaffew l-effetti tal-kamp ta' applikazzjoni estiż tad-Direttiva dwar l-ETS fuq unitajiet domestiċi vulnerabbli, mikrointrapriżi vulnerabbli u utenti tat-trasport vulnerabbli. Sabiex jiġu antiċipati l-effetti tal-estensjoni, diġà sar disponibbli ċertu appoġġ fl-2025.

L-impenji baġitarji għandhom jiġu diżaggregati f'pagamenti annwali mifruxa fuq żewġ perjodi pluriennali, jiġifieri 2025-2027 u 2028-2032, korrispondenti mal-QFP attwali u li jmiss u f'konformità ma' skeda ta' żmien indikattiva għall-implimentazzjoni tal-objettivi intermedji u l-miri rilevanti inklużi fid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni li tapprova l-Pjanijiet Soċjali għall-Klima tal-Istat Membru.

Il-pagamenti tal-allokazzjonijiet finanzjarji lill-Istat Membru għandhom isiru mat-tlestija tal-objettivi intermedji u l-miri miftiehma rilevanti indikati fil-Pjan Soċjali għall-Klima tal-Istat Membru kif approvat u soġġett għall-finanzjament disponibbli. Il-pagamenti se jsiru abbażi tad-Deċiżjoni li tawtorizza l-iżborż tal-allokazzjoni finanzjarja.

Sabiex tiġi ffaċilitata l-implimentazzjoni f'waqtha tal-miżuri u l-investimenti appoġġati, l-ippjanar tal-objettivi intermedji u tal-miri huwa mistenni jsegwi mill-qrib l-iskeda tal-impenji baġitarji annwali, u b'hekk jirfed veloċità mgħaġġla ta' assorbiment għall-Fond. Il-pagamenti finali se jsiru fl-2032 f'konformità mal-iskadenza għat-tlestija tal-objettivi intermedji u l-miri kollha.

L-allokazzjoni finanzjarja massima mill-Fond lil kull Stat Membru għandha tiġi kkalkolata skont il-formula ppreżentata fl-Anness I tar-Regolament. Il-proporzjon u l-ammont li jirriżultaw ta' kull Stat Membru fil-pakkett finanzjarju tal-Fond huma ppreżentati fl-Anness II. Kull Stat Membru jista' jissottometti talba sal-allokazzjoni finanzjarja massima tiegħu biex jimplimenta l-pjan rispettiv tiegħu.

L-allokazzjoni finanzjarja massima għal kull Stat Membru għandha tqis il-gross tan-nefqa ta' appoġġ amministrattiv imsemmija fl-Artikolu 9(3) ta' dan ir-Regolament. L-ammonti relatati se jitnaqqsu mill-allokazzjonijiet finanzjarji individwali fuq bażi *pro rata*.

Jenħtieġ li l-Istati Membri jiffinanzjaw mill-inqas 50 % tal-kostijiet totali tal-Pjanijiet Soċjali għall-Klima. Huma għandhom jużaw parti mid-dħul mistenni tagħhom mill-inklużjoni tal-bini u t-trasport bit-triq fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva dwar l-ETS għal dan l-iskop, mingħajr preġudizzju għall-bidu tal-Fond fl-2025.

Aktar dettalji dwar l-implikazzjonijiet baġitarji u r-riżorsi umani u amministrattivi meħtieġa huma pprovduti fid-Dikjarazzjoni Finanzjarja Leġiżlattiva mehmuża ma' din il-proposta.

## 5. ELEMENTI OĦRAJN

- **Pjanijiet ta' implimentazzjoni u arranġamenti dwar il-monitoraġġ, l-evalwazzjoni u r-rapportar**

Sabiex tiġi ssorveljata l-prestazzjoni tal-implimentazzjoni tal-Fond, se tiġi stabbilita sistema għat-talba u l-eżekuzzjoni ta' pagamenti mill-Fond.

Jenħtieġ li l-Istati Membri jiżviluppaw il-Pjanijiet Soċjali għall-Klima tagħhom biex jistabbilixxu l-miżuri u l-investimenti li għandhom jiġu ffinanzjati, il-kostijiet mistennija tagħhom, kif ukoll l-objettivi intermedji u l-miri biex dawn jinkisbu. Il-Kummissjoni għandha tivvaluta dawk il-pjanijiet u tista' tapprovahom biss wara valutazzjoni pożittiva bbażata fuq ir-rilevanza, l-effettività, l-effiċjenza u l-koerenza tagħhom. L-iżborż tal-allokazzjoni finanzjarja se jsegwi t-tlestija tal-objettivi intermedji u tal-miri miftiehma mal-Istat Membru kkonċernat u magħmula vinkolanti b'Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni. Iż-

żmien tas-sottomissjoni kif ukoll iċ-ċikli ta' rapportar tal-progress huma allinjati mal-aġġornamenti tal-pjanijiet nazzjonali integrati dwar l-enerġija u l-klima sottomessi skont ir-Regolament dwar il-Governanza.

Għal dak l-iskop, darba jew darbtejn fis-sena, l-Istati Membri jistgħu jkunu jistgħu jitolbu pagament taħt il-Fond li jenħtieġ li jkun akkumpanjat minn evidenza dwar l-objettivi intermedji u l-miri rilevanti miksuba. Jenħtieġ li l-Istati Membri jirrapportaw lill-Kummissjoni dwar il-progress li sar għall-implimentazzjoni tal-miżuri u l-investimenti skont il-Pjanijiet Soċjali għall-Klima tagħhom fir-rapportar biennali dwar il-progress fl-implimentazzjoni tal-NECPs tagħhom skont ir-Regolament dwar il-Governanza.

Se jitwettqu evalwazzjoni u evalwazzjoni *ex post* bil-ħsieb li jiġu vvalutati l-effettività, l-effiċjenza, ir-rilevanza u l-koerenza tal-Fond. Fejn xieraq, il-Kummissjoni se takkumpanja l-evalwazzjoni bi proposta għal rieżami tar-Regolament.

• **Spjegazzjoni fid-dettall tad-dispożizzjonijiet speċifiċi tal-proposta**

Huwa stabbilit Fond Soċjali għall-Klima għall-perjodu mill-2025 sal-2032 biex jindirizza l-impatti soċjali li jirriżultaw mill-iskambju ta' kwoti tal-emissjonijiet għas-setturi tal-bini u tat-trasport bit-triq (l-Artikolu 1). Il-fondi tal-Fond jenħtieġ li jiġu pprovduti lill-Istati Membri biex jipprovdu appoġġ temporanju għall-introjtu u biex jappoġġaw il-miżuri u l-investimenti tagħhom maħsuba biex inaqqsu d-dipendenza fuq il-fjuwils fossili permezz ta' effiċjenza enerġetika akbar tal-bini, id-dekarbonizzazzjoni tat-tisħin u t-tkessiħ tal-bini, inkluż l-integrazzjoni tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli, u l-għoti ta' aċċess imtejjeb għal mobbiltà u trasport b'emissjonijiet żero u baxxi għall-benefiċċju tal-unitajiet domestiċi vulnerabbli, il-mikrointrapriżi vulnerabbli u l-utenti tat-trasport vulnerabbli.

Jenħtieġ li kull Stat Membru jistabbilixxi l-Pjan Soċjali għall-Klima tiegħu (l-Artikolu 3). Il-Pjan għandu jiġi sottomess flimkien mal-aġġornament tal-NECP skont il-proċedura u l-iskeda ta' żmien previsti mir-Regolament dwar il-Governanza, fejn is-sottomissjoni uffiċjali hija dovuta sal-aħħar ta' Ġunju 2024. Ir-Regolament jistabbilixxi l-kontenut tal-Klima Soċjali (l-Artikolu 4) u jelenka l-azzjonijiet eliġibbli (l-Artikolu 6) u mhux eliġibbli (l-Artikolu 7). Jenħtieġ li l-Fond jappoġġa attivitajiet li jirrispettaw bis-sħiħ l-istandards u l-prijoritajiet klimatiċi u ambjentali tal-Unjoni u l-prinċipju "la tagħmilx ħsara sinifikanti" skont it-tifsira tal-Artikolu 17 tar-Regolament (UE) 2020/852 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[24] (l-Artikolu 5).

Il-pakkett finanzjarju tal-Fond huwa ta' EUR 23,7 biljun għas-snin 2025-2027 u ta' EUR 48,5 biljun għas-snin 2028-2032 (l-Artikolu 9), li fil-prinċipju jikkorrispondi għal 25 % tad-dħul li mistenni jiġi akkumulat mill-irkantar tal-kwoti fi ħdan l-iskambju ta' kwoti tal-emissjonijiet għall-bini u għat-trasport bit-triq. Id-distribuzzjoni tal-fondi fil-Fond se ssir f'konformità mal-Artikolu 13 u mal-Annessi I u II. Jenħtieġ li l-Istati Membri jikkontribwixxu għal mill-inqas 50 % tal-kostijiet stmati totali tal-pjan. Għal dak l-iskop, jenħtieġ li huma, *inter alia*, jużaw id-dħul mill-irkantar tal-kwoti tagħhom taħt l-iskambju ta' kwoti tal-emissjonijiet għaż-żewġ setturi l-ġodda (l-Artikolu 14).

Il-Kummissjoni għandha tivvaluta r-rilevanza, l-effettività, l-effiċjenza u l-koerenza tal-Pjanijiet tal-Istati Membri (l-Artikolu 15). Wara valutazzjoni pożittiva, il-Kummissjoni għandha tadotta deċiżjoni ta' implimentazzjoni (l-Artikolu 16). Inkella, tista' tirrifjuta l-Pjan

[24] Ir-Regolament (UE) 2020/852 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Ġunju 2020 dwar l-istabbiliment ta' qafas biex jiġi ffaċilitat l-investiment sostenibbli, u li jemenda r-Regolament (UE) 2019/2088 (ĠU L 198, 22.6.2020, p. 13).

Soċjali għall-Klima, f'liema każ l-Istat Membru kkonċernat jista' jissottometti aġġornament tal-Pjan.

Matul il-fażi ta' implimentazzjoni, l-Istati Membri jistgħu jitolbu emenda motivata tal-Pjan Soċjali għall-Klima tagħhom, fejn l-objettivi intermedji u l-miri tiegħu ma għadhomx jistgħu jintlaħqu, parzjalment jew totalment, minħabba ċirkostanzi oġġettivi (l-Artikolu 17). Jenħtieġ li l-Istati Membri jivvalutaw l-adegwatezza tal-Pjanijiet Soċjali għall-Klima tagħhom fid-dawl tal-effetti attwali tal-iskema għall-iskambju ta' kwoti tal-emissjonijiet għall-bini u għat-trasport bit-triq.

Abbażi ta' valutazzjoni pożittiva tal-Pjan Soċjali għall-Klima, il-Kummissjoni se tikkonkludi ftehim mal-Istat Membru kkonċernat (l-Artikolu 18) għall-finijiet tal-istabbiliment ta' impenn legali individwali skont it-tifsira tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[25] ("ir-Regolament Finanzjarju").

Il-pagamenti tal-allokazzjonijiet finanzjarji lill-Istati Membri skont il-Fond isiru mat-tlestija tal-objettivi intermedji u l-miri miftiehma rilevanti indikati fil-Pjanijiet Soċjali għall-Klima. Huma stabbiliti regoli konkreti dwar il-pagamenti, is-sospensjoni u t-terminazzjoni ta' ftehimiet rigward l-allokazzjonijiet finanzjarji (l-Artikolu 19).

Ir-Regolament fih id-dispożizzjonijiet meħtieġa biex tiġi ssalvagwardjata r-rabta tal-Fond mal-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni (l-Artikolu 20).

Huma inklużi dispożizzjonijiet konkreti biex tiġi żgurata sistema robusta għall-koordinazzjoni, il-komunikazzjoni u l-monitoraġġ (l-Artikoli 21, 22 u 23). Il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi f'atti delegati l-indikaturi komuni għar-rapportar dwar il-progress u għall-fini ta' monitoraġġ u evalwazzjoni.

Se titwettaq evalwazzjoni bil-ħsieb li jiġu vvalutati l-effettività, l-effiċjenza, ir-rilevanza u l-koerenza tal-Fond. Se ssir valutazzjoni tad-daqs tal-pakkett finanzjarju tal-Fond fid-dawl tad-dħul mill-irkanti akkumulat mill-irkantar tal-kwoti skont l-iskema għall-iskambju ta' kwoti tal-emissjonijiet għall-bini u għat-trasport bit-triq skont id-Direttiva dwar l-ETS. Fejn xieraq, il-Kummissjoni se takkumpanja l-evalwazzjoni bi proposta għal rieżami tar-Regolament (l-Artikolu 24).

Sabiex jiġi żgurat li l-Fond jintuża biss jekk l-iskema għall-iskambju ta' kwoti tal-emissjonijiet għall-bini u għat-trasport bit-triq tiġi implimentata b'mod effettiv, ir-Regolament se japplika mid-data li fiha l-Istati Membri għandhom jittrasponu d-Direttiva dwar l-ETS għall-bini u għat-trasport bit-triq (l-Artikolu 26). Barra minn hekk, l-Istati Membri se jkunu jistgħu jitolbu pagament taħt il-Fond mhux aktar kmieni mis-sena ta' qabel is-sena tal-bidu tal-irkantijiet taħt l-iskema tal-iskambju ta' kwoti tal-emissjonijiet il-ġdida (l-Artikolu 18(1)).

[25] Ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1296/2013, (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1304/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 283/2014, u d-Deċiżjoni Nru 541/2014/UE u li jħassar ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 (ĠU L 193, 30.7.2018, p. 1).

2021/0206 (COD)

Proposta għal

**REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL**

**li jistabbilixxi Fond Soċjali għall-Klima**

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea u, b'mod partikolari, l-Artikolu 91(1), il-punt (d), l-Artikolu 192(1) u l-Artikolu 194(1), il-punt (c), tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Wara li l-abbozz tal-att leġiżlattiv intbagħat lill-parlamenti nazzjonali,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew[26],

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni[27],

Filwaqt li jaġixxu skont il-proċedura leġiżlattiva ordinarja,

Billi:

(1) L-Unjoni u l-Istati Membri tagħha huma Partijiet għall-Ftehim ta' Pariġi, li ġie ffirmat f'Diċembru 2015 skont il-Konvenzjoni Qafas tan-Nazzjonijiet Uniti dwar it-Tibdil fil-Klima (UNFCCC) ("il-Ftehim ta' Pariġi")[28] u daħal fis-seħħ f'Novembru 2016. Skont dak il-Ftehim, huma marbuta li jillimitaw iż-żieda fit-temperatura medja globali sew taħt 2 °C 'il fuq mil-livelli preindustrijali u jagħmlu sforzi biex jillimitaw iż-żieda fit-temperatura sa 1,5 °C 'il fuq mil-livelli preindustrijali.

(2) Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar il-Patt Ekoloġiku Ewropew[29] tistabbilixxi strateġija ġdida ta' tkabbir li għandha l-għan li tittrasforma l-Unjoni f'soċjetà sostenibbli, aktar ġusta u aktar għanja, b'ekonomija moderna, effiċjenti fl-użu tar-riżorsi u kompetittiva, fejn ma jkunx hemm emissjonijiet netti ta' gassijiet serra fl-2050 u fejn it-tkabbir ekonomiku jkun diżakkoppjat mill-użu tar-riżorsi. Il-Kummissjoni tipproponi wkoll li tipproteġi, tikkonserva u ssaħħaħ il-kapital naturali tal-Unjoni, u tipproteġi s-saħħa u l-benesseri taċ-ċittadini minn riskji u impatti relatati mal-ambjent. Fl-aħħar nett, il-Kummissjoni tqis li jenħtieġ li din it-tranżizzjoni tkun ġusta u inklużiva, u ma tħalli lil ħadd jibqa' lura.

(3) Ir-Regolament (UE) 2021/1119 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[30] jistabbilixxi fil-liġi l-mira ta' newtralità klimatika għall-ekonomija kollha sal-2050. Dak ir-Regolament jistabbilixxi impenn vinkolanti min-naħa tal-Unjoni biex tnaqqas l-

---

26 ĠU C , , p.

27 ĠU C , , p. .

28 Il-Ftehim ta' Pariġi (ĠU L 282, 19.10.2016, p. 4).

29 COM(2019) 640 final.

30 Ir-Regolament (UE) 2021/1119 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Ġunju 2021 li jistabbilixxi l-qafas biex tinkiseb in-newtralità klimatika u li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 401/2009 u (UE) 2018/1999 ("il-Liġi Ewropea dwar il-Klima") (ĠU L 243, 9.7.2021, p. 1).

emissjonijiet. Sal-2030, jenħtieġ li l-Unjoni tnaqqas l-emissjonijiet tal-gassijiet serra tagħha, wara t-tnaqqis tal-assorbimenti tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra, b'mill-inqas 55 %, meta mqabbel mal-livell fl-1990. Is-setturi kollha tal-ekonomija jenħtieġ li jikkontribwixxu biex tintlaħaq dik il-mira.

(4) Fil-11 ta' Diċembru 2020, il-Kunsill Ewropew approva dik il-mira, filwaqt li enfasizza l-importanza tal-kunsiderazzjonijiet ta' ġustizzja u solidarjetà u li ħadd ma jibqa' lura. Fil-25 ta' Mejju 2021, il-Kunsill Ewropew afferma mill-ġdid dawk il-konklużjonijiet u stieden lill-Kummissjoni biex tressaq malajr il-pakkett leġiżlattiv tagħha flimkien ma' eżami fil-fond tal-impatt ambjentali, ekonomiku u soċjali fil-livell tal-Istati Membri.

(5) Il-prinċipju 20 tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali jiddikjara li "kulħadd għandu d-dritt li jkollu aċċess għal servizzi essenzjali ta' kwalità tajba, inkluż l-ilma, is-sanitazzjoni, l-enerġija, it-trasport, is-servizzi finanzjarji u l-komunikazzjonijiet diġitali. Għandu jkun disponibbli appoġġ għall-aċċess għal dawn is-servizzi għal dawk fil-bżonn".

(6) Id-Dikjarazzjoni ta' Porto tat-8 ta' Mejju 2021 affermat mill-ġdid il-wegħda tal-Kunsill Ewropew li jaħdem lejn Ewropa soċjali, u d-determinazzjoni tiegħu li jkompli japprofondixxi l-implimentazzjoni tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali fil-livell nazzjonali u f'dak tal-UE, b'kunsiderazzjoni xierqa għall-kompetenzi rispettivi u l-prinċipji tas-sussidjarjetà u tal-proporzjonalità.

(7) Sabiex jiġu implimentati l-impenji lejn in-newtralità klimatika, il-leġiżlazzjoni tal-Unjoni dwar il-klima u l-enerġija ġiet rieżaminata u emendata sabiex jitħaffef it-tnaqqis tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra.

(8) Dawk l-emendi għandhom impatti ekonomiċi u soċjali differenti fuq is-setturi differenti tal-ekonomija, fuq iċ-ċittadini, u fuq l-Istati Membri. B'mod partikolari, l-inklużjoni tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra mill-bini u mit-trasport bit-triq fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 2003/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[31] jenħtieġ li tipprovdi inċentiv ekonomiku addizzjonali biex isir investiment fit-tnaqqis tal-konsum tal-fjuwils fossili u, b'hekk, jitħaffef it-tnaqqis tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra. Flimkien ma' miżuri oħrajn, jenħtieġ li dan inaqqas il-kostijiet għall-bini u għat-trasport bit-triq fuq terminu medju sa twil, u jipprovdi opportunitajiet ġodda għall-ħolqien tal-impjiegi u l-investiment.

(9) Madankollu, huma meħtieġa riżorsi biex jiġu ffinanzjati dawk l-investimenti. Barra minn hekk, qabel ma jseħħu, il-kost sostnut mill-unitajiet domestiċi u mill-utenti tat-trasport għat-tisħin, għat-tkessiħ u għat-tisjir, kif ukoll għat-trasport bit-triq, x'aktarx li jiżdied hekk kif il-fornituri tal-fjuwil soġġetti għall-obbligi taħt l-iskambju ta' kwoti tal-emissjonijiet għall-bini u għat-trasport bit-triq jgħaddu l-kostijiet fuq il-karbonju lill-konsumaturi.

(10) Iż-żieda fil-prezz għall-fjuwils fossili tista' taffettwa b'mod sproporzjonat lill-unitajiet domestiċi vulnerabbli, lill-mikrointrapriżi vulnerabbli u lill-utenti tat-trasport vulnerabbli li jonfqu parti akbar mill-introjtu tagħhom fuq l-enerġija u t-trasport, li, f'ċerti reġjuni, ma għandhomx aċċess għal soluzzjonijiet ta' mobbiltà u trasport alternattivi u affordabbli u li jistgħu ma jkollhomx il-kapaċità finanzjarja li jinvestu fit-tnaqqis tal-konsum ta' fjuwils fossili.

---

31 Id-Direttiva 2003/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Ottubru 2003 li tistabbilixxi skema għall-iskambju ta' kwoti ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra ġewwa l-Unjoni (ĠU L 275, 25.10.2003, p. 32).

(11) Għalhekk, parti mid-dħul iġġenerat mill-inklużjoni tal-bini u tat-trasport bit-triq fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 2003/87/KE jenħtieġ li jintuża biex jiġu indirizzati l-impatti soċjali li jirriżultaw minn dik l-inklużjoni, sabiex it-tranżizzjoni tkun ġusta u inklużiva, u b'hekk ħadd ma jibqa' lura.

(12) Dan huwa saħansitra aktar rilevanti fid-dawl tal-livelli eżistenti ta' faqar enerġetiku. Il-faqar enerġetiku huwa sitwazzjoni li fiha l-unitajiet domestiċi ma jkunux jistgħu jaċċessaw servizzi essenzjali tal-enerġija bħat-tkessiħ, hekk kif it-temperaturi jogħlew, u t-tisħin. Fl-2018, madwar 34 miljun ċittadin Ewropew irrapportaw nuqqas ta' kapaċità li jżommu djarhom sħan b'mod adegwat, u 6,9 % tal-popolazzjoni tal-Unjoni qalu li ma jaffordjawx li jsaħħnu djarhom b'mod suffiċjenti fi stħarriġ li sar fl-2019 madwar l-UE kollha[32]. B'mod ġenerali, l-Osservatorju tal-Faqar Enerġetiku jistma li aktar minn 50 miljun unità domestika fl-Unjoni Ewropea jesperjenzaw il-faqar enerġetiku. Għalhekk, il-faqar enerġetiku huwa sfida ewlenija għall-Unjoni. Filwaqt li t-tariffi soċjali jew l-appoġġ dirett għall-introjtu jistgħu jipprovdu serħan immedjat lill-unitajiet domestiċi li qed jiffaċċjaw il-faqar enerġetiku, huma biss il-miżuri strutturali mmirati, b'mod partikolari r-rinnovazzjonijiet tal-enerġija, li jistgħu jipprovdu soluzzjonijiet fit-tul.

(13) Għalhekk, jenħtieġ li jiġi stabbilit Fond Soċjali għall-Klima ("il-Fond") biex jipprovdi fondi lill-Istati Membri biex jappoġġaw il-politiki tagħhom maħsuba biex jindirizzaw l-impatti soċjali tal-iskambju ta' kwoti tal-emissjonijiet għall-bini u għat-trasport bit-triq fuq l-unitajiet domestiċi vulnerabbli, il-mikrointrapriżi vulnerabbli u l-utenti tat-trasport vulnerabbli. Jenħtieġ li dan jinkiseb notevolment permezz ta' appoġġ temporanju għall-introjtu u permezz ta' miżuri u investimenti maħsuba biex inaqqsu d-dipendenza fuq il-fjuwils fossili permezz ta' effiċjenza enerġetika miżjuda tal-binjiet, id-dekarbonizzazzjoni tat-tisħin u t-tkessiħ tal-binjiet, inkluża l-integrazzjoni tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli, u l-għoti ta' aċċess imtejjeb għal mobbiltà u trasport b'emissjonijiet żero u baxxi għall-benefiċċju ta' unitajiet domestiċi vulnerabbli, mikrointrapriżi vulnerabbli u utenti tat-trasport vulnerabbli.

(14) Għal dak l-għan, jenħtieġ li kull Stat Membru jissottometti Pjan Soċjali għall-Klima ("il-Pjan") lill-Kummissjoni. Jenħtieġ li dawk il-Pjanijiet isegwu żewġ objettivi. L-ewwel nett, jenħtieġ li dawn jipprovdu lill-unitajiet domestiċi vulnerabbli, lill-mikrointrapriżi vulnerabbli u lill-utenti tat-trasport vulnerabbli, ir-riżorsi meħtieġa biex jiffinanzjaw u jwettqu investimenti fl-effiċjenza enerġetika, fid-dekarbonizzazzjoni tat-tisħin u tat-tkessiħ, f'vetturi b'emissjonijiet żero u baxxi u fil-mobbiltà. It-tieni nett, jenħtieġ li huma jtaffu l-impatt taż-żieda fil-kost tal-fjuwils fossili fuq dawk l-aktar vulnerabbli u, b'hekk, jipprevjenu l-faqar enerġetiku u tat-trasport matul il-perjodu ta' tranżizzjoni sakemm ikunu ġew implimentati tali investimenti. Jenħtieġ li l-Pjanijiet ikollhom komponent ta' investiment li jippromwovi s-soluzzjoni fit-tul għat-tnaqqis tad-dipendenza fuq il-fjuwils fossili u jistgħu jipprevedu miżuri oħrajn, inkluż l-appoġġ għall-introjtu dirett temporanju biex jittaffew l-effetti negattivi fuq l-introjtu fuq perjodu ta' żmien iqsar.

(15) L-Istati Membri, f'konsultazzjoni mal-awtoritajiet fil-livell reġjonali, huma fl-aħjar pożizzjoni biex ifasslu u jimplimentaw Pjanijiet li huma adattati u mmirati għaċ-ċirkostanzi lokali, reġjonali u nazzjonali tagħhom bħall-politiki eżistenti tagħhom fl-oqsma rilevanti u l-użu ppjanat ta' fondi rilevanti oħrajn tal-UE. B'dak il-mod, id-diversità wiesgħa tas-sitwazzjonijiet, l-għarfien speċifiku tal-gvernijiet lokali u

[32] *Data* mill-2018. Eurostat, SILC [ilc_mdes01]).

reġjonali, ir-riċerka u l-innovazzjoni u r-relazzjonijiet industrijali u l-istrutturi ta' djalogu soċjali, kif ukoll it-tradizzjonijiet nazzjonali, jistgħu jiġu rrispettati bl-aħjar mod u jikkontribwixxu għall-effettività u l-effiċjenza tal-appoġġ globali lil dawk li huma vulnerabbli.

(16) L-iżgurar li l-miżuri u l-investimenti jkunu mmirati b'mod partikolari lejn unitajiet domestiċi foqra jew vulnerabbli fl-enerġija, mikrointrapriżi vulnerabbli u utenti tat-trasport vulnerabbli huwa kruċjali għal tranżizzjoni ġusta lejn in-newtralità klimatika. Il-miżuri ta' appoġġ maħsuba biex jippromwovu t-tnaqqis fl-emissjonijiet tal-gassijiet serra jenħtieġ li jgħinu lill-Istati Membri jindirizzaw l-impatti soċjali li jirriżultaw mill-iskambju ta' kwoti tal-emissjonijiet għas-setturi tal-bini u tat-trasport bit-triq.

(17) Sakemm jibda jinħass l-impatt ta' dawk l-investimenti fuq it-tnaqqis tal-kostijiet u tal-emissjonijiet, appoġġ dirett immirat tajjeb għall-introjtu għal dawk l-aktar vulnerabbli jgħin għat-tranżizzjoni ġusta. Tali appoġġ jenħtieġ li jinftiehem bħala miżura temporanja li takkumpanja d-dekarbonizzazzjoni tas-setturi tad-djar u tat-trasport. Dan ma jkunx permanenti minħabba li ma jindirizzax il-kawżi ewlenin tal-faqar enerġetiku u tat-trasport. Jenħtieġ li tali appoġġ ikun jikkonċerna biss l-impatti diretti tal-inklużjoni tal-bini u tat-trasport bit-triq fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 2003/87/KE, mhux il-kostijiet tal-elettriku jew tat-tisħin relatati mal-inklużjoni tal-produzzjoni tal-enerġija u tas-sħana fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dik id-Direttiva. Jenħtieġ li l-eliġibbiltà għal tali appoġġ dirett għall-introjtu tkun limitata fiż-żmien.

(18) B'kont meħud tal-importanza li jiġi indirizzat it-tibdil fil-klima f'konformità mal-impenji tal-Ftehim ta' Pariġi, u mal-impenn għall-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli tan-Nazzjonijiet Uniti, l-azzjonijiet taħt dan ir-Regolament jenħtieġ li jikkontribwixxu biex tintlaħaq il-mira li 30 % tan-nefqa kollha taħt il-qafas finanzjarju pluriennali għall-perjodu 2021-2027 tkun fuq l-integrazzjoni tal-objettivi klimatiċi u tikkontribwixxi għall-ambizzjoni li 10 % tan-nefqa annwali tiġi pprovduta għall-objettivi tal-bijodiversità fl-2026 u fl-2027, filwaqt li jitqies it-trikkib eżistenti bejn l-għanijiet tal-klima u tal-bijodiversità. Għal dan l-għan, jenħtieġ li l-metodoloġija stabbilita fl-Anness II tar-Regolament (UE) 2021/1060 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[33] tintuża għall-ittaggjar tan-nefqa tal-Fond. Jenħtieġ li l-Fond jappoġġa attivitajiet li jirrispettaw bis-sħiħ l-istandards u l-prijoritajiet klimatiċi u ambjentali tal-Unjoni u li jikkonformaw mal-prinċipju "la tagħmilx ħsara sinifikanti" skont it-tifsira tal-Artikolu 17 tar-Regolament (UE) 2020/852 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[34]. Huma biss tali miżuri u investimenti li jenħtieġ li jiġu inklużi fil-Pjanijiet. Bħala regola, jenħtieġ li l-miżuri ta' appoġġ dirett għall-introjtu jitqiesu li għandhom impatt prevedibbli insinifikanti fuq l-objettivi ambjentali u, bħala tali, jitqiesu konformi mal-prinċipju "la tagħmilx ħsara sinifikanti". Il-Kummissjoni beħsiebha toħroġ gwida teknika lill-Istati Membri ferm qabel it-tħejjija tal-Pjanijiet. Il-gwida se tispjega kif il-miżuri u l-investimenti jridu jikkonformaw mal-prinċipju "la tagħmilx ħsara

[33] Ir-Regolament (UE) 2021/1060 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Ġunju 2021 li jistipula dispożizzjonijiet komuni dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew Plus, il-Fond ta' Koeżjoni, il-Fond għal Tranżizzjoni Ġusta u l-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi, is-Sajd u l-Akkwakultura u r-regoli finanzjarji għalihom u għall-Fond għall-Ażil, il-Migrazzjoni u l-Integrazzjoni, il-Fond għas-Sigurtà Interna u l-Istrument għall-Appoġġ Finanzjarju għall-Ġestjoni tal-Fruntieri u l-Politika dwar il-Viżi (ĠU L 231, 30.6.2021, p. 159).

[34] Ir-Regolament (UE) 2020/852 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Ġunju 2020 dwar l-istabbiliment ta' qafas biex jiġi ffaċilitat l-investiment sostenibbli, u li jemenda r-Regolament (UE) 2019/2088 (ĠU L 198, 22.6.2020, p. 13).

sinifikanti" skont it-tifsira tal-Artikolu 17 tar-Regolament (UE) 2020/852. Fl-2021, il-Kummissjoni beħsiebha tippreżenta proposta għal Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar kif għandhom jiġu indirizzati l-aspetti soċjali tat-tranżizzjoni ekoloġika.

(19) In-nisa huma partikolarment affettwati mill-ipprezzar tal-karbonju billi jirrappreżentaw 85 % tal-familji b'ġenitur wieħed. Il-familji b'ġenitur wieħed għandhom riskju partikolarment għoli ta' faqar fost it-tfal. L-ugwaljanza bejn il-ġeneri u l-opportunitajiet indaqs għal kulħadd, u l-integrazzjoni ta' dawk l-objettivi, kif ukoll kwistjonijiet ta' aċċessibbiltà għall-persuni b'diżabbiltà jenħtieġ li jitqiesu u jiġu promossi matul it-tħejjija u l-implimentazzjoni tal-Pjanijiet biex jiġi żgurat li ħadd ma jitħalla lura.

(20) Jenħtieġ li l-Istati Membri jippreżentaw il-Pjanijiet tagħhom flimkien mal-aġġornament tal-pjanijiet nazzjonali integrati tagħhom dwar l-enerġija u l-klima f'konformità mal-Artikolu 14 tar-Regolament (UE) 2018/1999 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[35]. Jenħtieġ li l-Pjanijiet jinkludu l-miżuri li għandhom jiġu ffinanzjati, il-kostijiet stmati tagħhom u l-kontribuzzjoni nazzjonali. Jenħtieġ li dawn jinkludu wkoll l-objettivi intermedji u l-miri ewlenin biex tiġi vvalutata l-implimentazzjoni effettiva tal-miżuri.

(21) Il-Fond u l-Pjanijiet jenħtieġ li jkunu koerenti mar-riformi ppjanati u mal-impenji magħmula mill-Istati Membri skont il-pjanijiet nazzjonali integrati u aġġornati tagħhom dwar l-enerġija u l-klima f'konformità mar-Regolament (UE) 2018/1999, u jitfasslu minnhom, skont id-Direttiva [ssss/nnn] tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [Proposta għal riformulazzjoni tad-Direttiva 2012/27/UE dwar l-effiċjenza enerġetika][36], il-Pjan ta' Azzjoni tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali[37], il-Fond Soċjali Ewropew Plus (FSE+) stabbilit bir-Regolament (UE) 2021/1057 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[38], il-Pjanijiet għal Tranżizzjoni Ġusta skont ir-Regolament (UE) 2021/1056 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[39] u l-istrateġiji fit-tul dwar ir-rinnovazzjoni tal-bini tal-Istati Membri skont id-Direttiva 2010/31/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[40]. Sabiex tiġi żgurata l-effiċjenza amministrattiva, fejn applikabbli, jenħtieġ li l-informazzjoni inkluża fil-Pjanijiet tkun konsistenti mal-leġiżlazzjoni u l-pjanijiet elenkati hawn fuq.

(22) Jenħtieġ li l-Unjoni tappoġġa lill-Istati Membri b'mezzi finanzjarji biex jimplimentaw il-Pjanijiet tagħhom permezz tal-Fond Soċjali għall-Klima. Il-pagamenti mill-Fond Soċjali għall-Klima jenħtieġ li jsiru bil-kundizzjoni li jiġu ssodisfati l-objettivi intermedji u l-miri inklużi fil-Pjanijiet. Dan jippermetti li jitqiesu b'mod effiċjenti ċ-

---

35 Ir-Regolament (UE) 2018/1999 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2018 dwar il-Governanza tal-Unjoni tal-Enerġija u tal-Azzjoni Klimatika, li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 663/2009 u (KE) Nru 715/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, id-Direttivi 94/22/KE, 98/70/KE, 2009/31/KE, 2009/73/KE, 2010/31/UE, 2012/27/UE u 2013/30/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, id-Direttivi tal-Kunsill 2009/119/KE u (UE) 2015/652 u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 525/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 328, 21.12.2018, p. 1).

36 [Żid ref]

37 Approvat mill-Kunsill Ewropew fl-24 u l-25 ta' Ġunju 2021.

38 Ir-Regolament (UE) 2021/1057 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Ġunju 2021 li jistabbilixxi l-Fond Soċjali Ewropew Plus (FSE+) u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 1296/2013 (ĠU L 231, 30.6.2021, p. 21).

39 Ir-Regolament (UE) 2021/1056 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Ġunju 2021 li jistabbilixxi l-Fond għal Tranżizzjoni Ġusta (ĠU L 231, 30.6.2021, p. 1).

40 Id-Direttiva 2010/31/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Mejju 2010 dwar ir-rendiment tal-bini fl-użu tal-enerġija (ĠU L 153, 18.6.2010, p. 13).

ċirkostanzi u l-prijoritajiet nazzjonali, filwaqt li jiġi ssimplifikat il-finanzjament u tiġi ffaċilitata l-integrazzjoni tiegħu ma' programmi ta' nfiq nazzjonali oħrajn, kif ukoll jiġu ggarantiti l-impatt u l-integrità tan-nefqa tal-UE.

(23) Fil-prinċipju, jenħtieġ li l-pakkett finanzjarju tal-Fond ikun proporzjonat għal ammonti li jikkorrispondu għal 25 % tad-dħul mistenni mill-inklużjoni tal-bini u tat-trasport bit-triq fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 2003/87/KE fil-perjodu 2026-2032. Skont id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE, Euratom) 2020/2053[41], jenħtieġ li l-Istati Membri jagħmlu dak id-dħul disponibbli għall-baġit tal-Unjoni bħala riżorsi proprji. L-Istati Membri għandhom jiffinanzjaw 50 % tal-kostijiet totali tal-Pjan tagħhom huma stess. Għal dan l-iskop, kif ukoll għall-investiment u l-miżuri biex tittaffef u tittaffa t-tranżizzjoni meħtieġa għaċ-ċittadini affettwati b'mod negattiv, jenħtieġ li l-Istati Membri, *inter alia*, jużaw id-dħul mistenni tagħhom mill-iskambju ta' kwoti tal-emissjonijiet għall-bini u għat-trasport bit-triq skont id-Direttiva 2003/87/KE għal dak l-iskop.

(24) Jenħtieġ li l-Fond jappoġġa miżuri li jirrispettaw il-prinċipju tal-addizzjonalità tal-finanzjament tal-Unjoni. Jenħtieġ li l-Fond ma jkunx sostitut għan-nefqa nazzjonali rikorrenti, ħlief f'każijiet debitament ġustifikati.

(25) Sabiex tiġi żgurata allokazzjoni effiċjenti u koerenti tal-fondi u jiġi rrispettat il-prinċipju ta' ġestjoni finanzjarja tajba, jenħtieġ li l-azzjonijiet taħt dan ir-Regolament ikunu konsistenti mal-programmi kontinwi tal-Unjoni, u jkunu komplementari għalihom, filwaqt li jevitaw finanzjament doppju mill-Fond u minn programmi oħrajn tal-Unjoni għall-istess nefqa. B'mod partikolari, jenħtieġ li, fl-istadji kollha tal-proċess, il-Kummissjoni u l-Istati Membri jiżguraw koordinazzjoni effettiva sabiex jissalvagwardjaw il-konsistenza, il-koerenza, il-komplementarjetà u s-sinerġija fost is-sorsi ta' finanzjament. Għal dak l-għan, jenħtieġ li l-Istati Membri jkunu meħtieġa jippreżentaw l-informazzjoni rilevanti dwar il-finanzjament tal-Unjoni eżistenti jew ippjanat meta jissottomettu l-pjanijiet tagħhom lill-Kummissjoni. Jenħtieġ li l-appoġġ finanzjarju taħt il-Fond ikun addizzjonali għall-appoġġ ipprovdut taħt programmi u strumenti oħrajn tal-Unjoni. Il-miżuri u l-investiment iffinanzjati taħt il-Fond jenħtieġ li jkunu jistgħu jirċievu finanzjament minn programmi u strumenti oħrajn tal-Unjoni, diment li tali appoġġ ma jkunx ikopri l-istess kostijiet.

(26) Jenħtieġ li l-pagamenti jsiru abbażi ta' deċiżjoni tal-Kummissjoni li tawtorizza l-iżborż lill-Istat Membru kkonċernat. Għalhekk, huwa meħtieġ li ssir deroga mill-Artikolu 116(2) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[42], sabiex l-iskadenza għall-ħlas tkun tista' tibda tiddekorri mid-data tal-komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Istat Membru kkonċernat ta' dik id-deċiżjoni u mhux mid-data li fiha tasal talba għall-ħlas.

(27) Sabiex jiġu żgurati regoli trasparenti għall-monitoraġġ u l-evalwazzjoni, jenħtieġ li l-Kummissjoni tingħata s-setgħa li tadotta atti f'konformità mal-Artikolu 290 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea fir-rigward tal-iffissar ta' indikaturi komuni

---

41 Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE, Euratom) 2020/2053 tal-14 ta' Diċembru 2020 dwar is-sistema tar-riżorsi proprji tal-Unjoni Ewropea u li tħassar id-Deċiżjoni 2014/335/UE, Euratom (ĠU L 424, 15.12.2020, p. 1).

42 Ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1296/2013, (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1304/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 283/2014, u d-Deċiżjoni Nru 541/2014/UE u li jħassar ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 (ĠU L 193, 30.7.2018, p. 1).

għar-rapportar dwar il-progress u għall-fini ta' monitoraġġ u evalwazzjoni tal-implimentazzjoni tal-Pjanijiet. Huwa partikolarment importanti li l-Kummissjoni twettaq konsultazzjonijiet xierqa matul ix-xogħol tagħha ta' tħejjija, anke fil-livell ta' esperti, u li dawk il-konsultazzjonijiet jiġu mwettqa f'konformità mal-prinċipji stipulati fil-Ftehim Interistituzzjonali dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet tat-13 ta' April 2016. B'mod partikolari, sabiex tiġi żgurata parteċipazzjoni ugwali fit-tħejjija tal-atti delegati, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jirċievu d-dokumenti kollha fl-istess ħin li jirċevuhom l-esperti tal-Istati Membri, u l-esperti tagħhom ikollhom aċċess sistematiku għal-laqgħat tal-gruppi ta' esperti tal-Kummissjoni li jittrattaw it-tħejjija ta' atti delegati.

(28) L-implimentazzjoni tal-Fond jenħtieġ li titwettaq f'konformità mal-prinċipju ta' ġestjoni finanzjarja tajba, inklużi l-prevenzjoni u l-prosekuzzjoni effettivi tal-frodi, il-frodi tat-taxxa, l-evażjoni tat-taxxa, il-korruzzjoni u l-kunflitti ta' interess.

(29) Għall-fini ta' ġestjoni finanzjarja tajba, filwaqt li tiġi rrispettata n-natura bbażata fuq il-prestazzjoni tal-Fond, jenħtieġ li jiġu stabbiliti regoli speċifiċi għall-impenji tal-baġit, għall-pagamenti, għas-sospensjoni, u għall-irkupru tal-fondi, kif ukoll għat-terminazzjoni tal-ftehimiet relatati mal-appoġġ finanzjarju. Jenħtieġ li l-Istati Membri jieħdu miżuri xierqa biex jiżguraw li l-użu tal-fondi b'rabta mal-miżuri appoġġati mill-Fond ikun konformi mal-liġi nazzjonali u tal-Unjoni applikabbli. L-Istati Membri jridu jiżguraw li tali appoġġ jingħata f'konformità mar-regoli tal-UE dwar l-għajnuna mill-Istat, fejn applikabbli. B'mod partikolari, jenħtieġ li huma jiżguraw li l-frodi, il-korruzzjoni u l-kunflitti ta' interess jiġu evitati, identifikati u kkoreġuti, u li jiġi evitat finanzjament doppju mill-Fond u minn programmi oħrajn tal-Unjoni. Is-sospensjoni u t-terminazzjoni tal-ftehimiet relatati mal-appoġġ finanzjarju, kif ukoll it-tnaqqis u l-irkupru tal-allokazzjoni finanzjarja jenħtieġ li jkunu possibbli meta l-Pjan ma jkunx ġie implimentat b'mod sodisfaċenti mill-Istat Membru kkonċernat, jew fil-każ ta' irregolaritajiet serji, jiġifieri frodi, korruzzjoni u kunflitti ta' interess b'rabta mal-miżuri appoġġati mill-Fond, jew ksur serju ta' obbligu taħt il-ftehimiet relatati mal-appoġġ finanzjarju. Jenħtieġ li jiġu stabbiliti proċeduri kontradittorji xierqa biex jiżguraw li d-deċiżjoni mill-Kummissjoni b'rabta mas-sospensjoni u l-irkupru tal-ammonti mħallsa, kif ukoll mat-terminazzjoni tal-ftehimiet relatati mal-appoġġ finanzjarju, tirrispetta d-dritt tal-Istati Membri li jissottomettu osservazzjonijiet.

(30) Jenħtieġ li l-Kummissjoni tiżgura li l-interessi finanzjarji tal-Unjoni jkunu protetti b'mod effettiv. Filwaqt li hija primarjament ir-responsabbiltà tal-Istat Membru nnifsu li jiżgura li l-Fond jiġi implimentat f'konformità mal-liġi rilevanti tal-Unjoni u dik nazzjonali, jenħtieġ li l-Kummissjoni tkun tista' tirċievi assigurazzjoni suffiċjenti mill-Istati Membri f'dak ir-rigward. Għal dak l-għan, meta jiġu biex jimplimentaw il-Fond, jenħtieġ li l-Istati Membri jiżguraw il-funzjonament ta' sistema ta' kontroll intern effettiva u effiċjenti u jirkupraw l-ammonti mħallsa indebitament jew użati ħażin. F'dak ir-rigward, jenħtieġ li l-Istati Membri jkunu jistgħu jiddependu fuq is-sistemi ta' ġestjoni tal-baġit nazzjonali regolari tagħhom. Jenħtieġ li l-Istati Membri jiġbru, jirreġistraw u jaħżnu f'sistema elettronika kategoriji standardizzati ta' *data* u informazzjoni li jippermettu l-prevenzjoni, l-identifikazzjoni u l-korrezzjoni ta' irregolaritajiet serji, jiġifieri frodi, korruzzjoni u kunflitti ta' interess, b'rabta mal-miżuri appoġġati mill-Fond. Jenħtieġ li l-Kummissjoni tagħmel disponibbli sistema ta' informazzjoni u monitoraġġ, inkluża għodda unika għall-estrazzjoni tad-*data* u għall-valutazzjoni tar-riskju, sabiex taċċessa u tanalizza tali *data* u informazzjoni, bil-ħsieb li ssir applikazzjoni obbligatorja mill-Istati Membri.

(31) Jenħtieġ li l-Kummissjoni, l-Uffiċċju Ewropew ta' Kontra l-Frodi (OLAF), il-Qorti tal-Awdituri u, fejn applikabbli, l-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew (UPPE) ikunu jistgħu jużaw is-sistema ta' informazzjoni u monitoraġġ fi ħdan il-kompetenzi u d-drittijiet tagħhom.

(32) Jenħtieġ li l-Istati Membri u l-Kummissjoni jitħallew jipproċessaw *data* personali biss fejn dan ikun meħtieġ għall-iskop li jiżguraw il-kwittanza, l-awditjar u l-kontroll, l-informazzjoni, il-komunikazzjoni u l-pubbliċità tal-użu tal-fondi b'rabta mal-miżuri għall-implimentazzjoni taħt il-Fond. Jenħtieġ li d-*data* personali tiġi pproċessata f'konformità mar-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[43] jew mar-Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[44], skont liema minnhom ikun applikabbli.

(33) F'konformità mar-Regolament (EU, Euratom) 2018/1046, mar-Regolament (EU, Euratom) Nru 883/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[45], u mar-Regolamenti tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 2988/95[46], (Euratom, KE) Nru 2185/96[47] u (UE) 2017/1939[48], l-interessi finanzjarji tal-Unjoni għandhom jiġu protetti permezz ta' miżuri proporzjonati, inklużi miżuri relatati mal-prevenzjoni, l-identifikazzjoni, il-korrezzjoni u l-investigazzjoni ta' frodi, korruzzjoni u kunflitti ta' interess u, fejn xieraq, l-impożizzjoni ta' penali amministrattivi. B'mod partikolari, f'konformità mar-Regolament (Euratom, KE) Nru 2185/96 u (UE, Euratom) Nru 883/2013, l-OLAF għandu s-setgħa li jwettaq investigazzjonijiet amministrattivi, inklużi kontrolli u spezzjonijiet fuq il-post, bil-ħsieb li jistabbilixxi jekk kienx hemm frodi, korruzzjoni, kunflitti ta' interess jew kwalunkwe attività illegali oħra li taffettwa l-interessi finanzjarji tal-Unjoni. L-UPPE għandu s-setgħa, f'konformità mar-Regolament (UE) 2017/1939, li jinvestiga u jressaq għall-prosekuzzjoni l-frodi, il-korruzzjoni, il-kunflitti ta' interess u reati kriminali oħrajn li jaffettwaw l-interessi finanzjarji tal-Unjoni kif previst fid-Direttiva (UE) 2017/1371 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[49]. F'konformità mar-Regolament (UE, Euratom) Nru 2018/1046, kwalunkwe persuna jew entità li tirċievi fondi mill-baġit tal-Unjoni għandha tikkoopera bis-sħiħ fil-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni, tagħti d-drittijiet u l-aċċess meħtieġa

---

43 Ir-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' *data* personali u dwar il-moviment liberu ta' tali *data*, u li jħassar id-Direttiva 95/46/KE (ir-Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-*Data*) (ĠU L 119, 4.5.2016, p. 1).

44 Ir-Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2018 dwar il-protezzjoni ta' persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' *data* personali mill-istituzzjonijiet, korpi, uffiċċji u aġenziji tal-Unjoni u dwar il-moviment liberu ta' tali *data*, u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 45/2001 u d-Deċiżjoni Nru 1247/2002/KE (ĠU L 295, 21.11.2018, p. 39).

45 Ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 883/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Settembru 2013 dwar investigazzjonijiet immexxija mill-Uffiċċju Ewropew Kontra l-Frodi (OLAF) u li jħassar ir-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (KE) Nru 1073/1999 u r-Regolament tal-Kunsill (Euratom) Nru 1074/1999 (ĠU L 248, 18.9.2013, p. 1).

46 Ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 2988/95 tat-18 ta' Diċembru 1995 dwar il-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Komunità Ewropea (ĠU L 312, 23.12.1995, p. 1).

47 Ir-Regolament tal-Kunsill (Euratom, KE) Nru 2185/96 tal-11 ta' Novembru 1996 dwar il-verifiki u l-ispezzjonijiet fuq il-post imwettqa mill-Kummissjoni sabiex tipproteġi l-interessi finanzjarji tal-Komunità Ewropea kontra l-frodi u irregolaritajiet oħra (ĠU L 292, 15.11.1996, p. 2).

48 Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2017/1939 tat-12 ta' Ottubru 2017 li jimplimenta kooperazzjoni msaħħa dwar l-istabbiliment tal-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew ("l-UPPE") (ĠU L 283, 31.10.2017, p. 1).

49 Id-Direttiva (UE) 2017/1371 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' Lulju 2017 dwar il-ġlieda kontra l-frodi tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni permezz tal-liġi kriminali (ĠU L 198, 28.7.2017, p. 29).

lill-Kummissjoni, lill-OLAF, lill-Qorti Ewropea tal-Awdituri u, fir-rigward ta' dawk l-Istati Membri li jipparteċipaw f'kooperazzjoni msaħħa skont ir-Regolament (UE) 2017/1939, lill-UPPE, u tiżgura li kwalunkwe parti terza involuta fl-implimentazzjoni tal-fondi ffinanzjati mill-baġit tal-Unjoni tagħti drittijiet ekwivalenti.

(34) Ir-regoli finanzjarji orizzontali adottati mill-Parlament Ewropew u mill-Kunsill skont l-Artikolu 322 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea japplikaw għal dan ir-Regolament. Dawk ir-regoli huma stabbiliti fir-Regolament (EU, Euratom) Nru 2018/1046 u jiddeterminaw b'mod partikolari l-proċedura għall-istabbiliment u l-implimentazzjoni tal-baġit permezz ta' għotjiet, akkwist, premjijiet, implimentazzjoni indiretta, u jipprevedu kontrolli fuq ir-responsabbiltà tal-atturi finanzjarji. Ir-regoli adottati skont l-Artikolu 322 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea jinkludu wkoll reġim ġenerali ta' kundizzjonalità għall-protezzjoni tal-baġit tal-Unjoni.

ADOTTAW DAN IR-REGOLAMENT:

## KAPITOLU I
## DISPOŻIZZJONIJIET ĠENERALI

### *Artikolu 1*

### ***Suġġett, kamp ta' applikazzjoni u objettivi***

Il-Fond Soċjali għall-Klima ("il-Fond") huwa stabbilit.

Huwa għandu jipprovdi appoġġ lill-Istati Membri għall-finanzjament tal-miżuri u tal-investimenti inklużi fil-Pjanijiet Soċjali għall-Klima tagħhom ("il-Pjanijiet").

Il-miżuri u l-investimenti appoġġati mill-Fond għandhom ikunu ta' benefiċċju għall-unitajiet domestiċi, għall-mikrointrapriżi u għall-utenti tat-trasport, li huma vulnerabbli u partikolarment affettwati mill-inklużjoni tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra mill-bini u mit-trasport bit-triq fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 2003/87/KE, speċjalment l-unitajiet domestiċi fil-faqar enerġetiku u ċ-ċittadini mingħajr trasport pubbliku alternattiv għal karozzi individwali (f'żoni remoti u rurali).

L-objettiv ġenerali tal-Fond huwa li jikkontribwixxi għat-tranżizzjoni lejn in-newtralità klimatika billi jindirizza l-impatti soċjali tal-inklużjoni tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra mill-bini u mit-trasport bit-triq fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 2003/87/KE. L-objettiv speċifiku tal-Fond huwa li jappoġġa lil unitajiet domestiċi vulnerabbli, mikrointrapriżi vulnerabbli u utenti tat-trasport vulnerabbli permezz ta' appoġġ temporanju dirett għall-introjtu u permezz ta' miżuri u investimenti maħsuba biex iżidu l-effiċjenza enerġetika tal-binjiet, id-dekarbonizzazzjoni tat-tisħin u tat-tkessiħ tal-bini, inkluża l-integrazzjoni tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli, u l-għoti ta' aċċess imtejjeb għal mobbiltà u trasport b'emissjonijiet żero u baxxi.

### *Artikolu 2*

### ***Definizzjonijiet***

Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

(1) "rinnovazzjoni tal-bini" tfisser it-tipi kollha ta' rinnovazzjoni tal-bini relatata mal-enerġija, inkluż l-iżolament tal-involukru tal-bini, jiġifieri l-ħitan, is-saqaf, l-art, il-bdil tat-twieqi, il-bdil tal-apparati tat-tisħin, tat-tkessiħ u tat-tisjir, u l-installazzjoni tal-produzzjoni fuq il-post ta' enerġija minn sorsi rinnovabbli;

(2) "faqar enerġetiku" tfisser faqar enerġetiku kif iddefinit fil-punt [(49)] tal-Artikolu 2 tad-Direttiva (UE) [ssss/nnn] tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[50];

(3) "kostijiet totali stmati tal-Pjan" tfisser il-kostijiet totali stmati tal-miżuri u tal-investimenti inklużi fil-Pjan sottomess;

(4) "allokazzjoni finanzjarja" tfisser appoġġ finanzjarju li ma jistax jitħallas lura taħt il-Fond li huwa disponibbli għall-allokazzjoni jew li jkun ġie allokat lil Stat Membru;

---

50 [Id-Direttiva (UE) [ssss/nnn] tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU C […], […], p. […]).] [Proposta għal riformulazzjoni tad-Direttiva 2012/27/UE dwar l-effiċjenza enerġetika]

(5) “unità domestika” tfisser unità domestika privata kif definita fil-punt (15) tal-Artikolu 2 tar-Regolament (UE) 2019/1700 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[51];

(6) “objettiv intermedju” tfisser kisba kwalitattiva użata biex jitkejjel il-progress lejn il-kisba ta’ miżura jew investiment;

(7) “mira” tfisser kisba kwantitattiva użata biex jitkejjel il-progress lejn il-kisba ta’ miżura jew investiment;

(8) “enerġija minn sorsi rinnovabbli” tfisser enerġija minn sorsi mhux fossili rinnovabbli kif definita fil-punt (1) tat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 2 tad-Direttiva (UE) 2018/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[52];

(9) “mikrointrapriża” tfisser intrapriża li timpjega inqas minn 10 persuni u li l-fatturat annwali jew il-karta tal-bilanċ annwali tagħha ma jaqbżux EUR 2 miljun, ikkalkolati f’konformità mal-Artikoli minn 3 sa 6 tal-Anness I tar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 651/2014[53];

(10) “utenti tat-trasport” tfisser unitajiet domestiċi jew mikrointrapriżi li jużaw diversi għażliet ta’ trasport u mobbiltà;

(11) “unitajiet domestiċi vulnerabbli” tfisser unitajiet domestiċi fil-faqar enerġetiku jew unitajiet domestiċi, inklużi dawk b’introjtu medju inferjuri, li huma affettwati b’mod sinifikanti mill-impatti fuq il-prezzijiet tal-inklużjoni tal-bini fil-kamp ta’ applikazzjoni tad-Direttiva 2003/87/KE u li ma għandhomx il-mezzi biex jirrinnovaw il-bini li jokkupaw;

(12) “mikrointrapriżi vulnerabbli” tfisser mikrointrapriżi li huma affettwati b’mod sinifikanti mill-impatti fuq il-prezzijiet tal-inklużjoni tal-bini fil-kamp ta’ applikazzjoni tad-Direttiva 2003/87/KE u li ma għandhomx il-mezzi biex jirrinnovaw il-bini li jokkupaw;

(13) “utenti tat-trasport vulnerabbli” tfisser utenti tat-trasport, inkluż minn unitajiet domestiċi b’introjtu medju inferjuri, li huma affettwati b’mod sinifikanti mill-impatti fuq il-prezzijiet tal-inklużjoni tat-trasport bit-triq fil-kamp ta’ applikazzjoni tad-Direttiva 2003/87/KE u li ma għandhomx il-mezzi biex jixtru vetturi b’emissjonijiet żero u baxxi jew biex jaqilbu għal modi sostenibbli alternattivi ta’ trasport, inkluż it-trasport pubbliku, b’mod partikolari f’żoni rurali u remoti.

---

[51] Ir-Regolament (UE) 2019/1700 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-10 ta’ Ottubru 2019 li jistabbilixxi qafas komuni għall-istatistika Ewropea relatata ma’ persuni u unitajiet domestiċi, abbażi ta’ *data* fuq livell individwali miġbura minn kampjuni, li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 808/2004, (KE) Nru 452/2008 u (KE) Nru 1338/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1177/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 577/980 (ĠU L 261I, 14.10.2019, p. 1).

[52] Id-Direttiva (UE) 2018/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta’ Diċembru 2018 dwar il-promozzjoni tal-użu tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli (ĠU L 328, 21.12.2018, p. 82).

[53] Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 651/2014 tas-17 ta’ Ġunju 2014 li jiddikjara li ċerti kategoriji ta’ għajnuna huma kompatibbli mas-suq intern skont l-Artikoli 107 u 108 tat-Trattat Test b’rilevanza għaż-ŻEE (ĠU L 187, 26.6.2014, p. 1).

KAPITOLU II

PJANIJIET SOĊJALI GĦALL-KLIMA

*Artikolu 3*

***Pjanijiet Soċjali għall-Klima***

1. Kull Stat Membru għandu jissottometti lill-Kummissjoni Pjan Soċjali għall-Klima ("il-Pjan") flimkien mal-aġġornament tal-pjan nazzjonali integrat dwar l-enerġija u l-klima msemmi fl-Artikolu 14(2) tar-Regolament (UE) 2018/1999 f'konformità mal-proċedura u mal-iskeda ta' żmien stabbiliti f'dak l-Artikolu. Il-Pjan għandu jinkludi sett koerenti ta' miżuri u investimenti maħsuba biex jindirizzaw l-impatt tal-ipprezzar tal-karbonju fuq unitajiet domestiċi vulnerabbli, mikrointrapriżi vulnerabbli u utenti tat-trasport vulnerabbli sabiex jiġu żgurati tisħin, tkessiħ u mobbiltà affordabbli, filwaqt li jakkumpanjaw u jħaffu l-miżuri meħtieġa biex jintlaħqu l-miri klimatiċi tal-Unjoni.

2. Il-Pjan jista' jinkludi miżuri nazzjonali li jipprovdu appoġġ għall-introjtu dirett temporanju lill-unitajiet domestiċi vulnerabbli u l-unitajiet domestiċi li huma utenti tat-trasport vulnerabbli biex jitnaqqas l-impatt taż-żieda fil-prezz tal-fjuwils fossili li tirriżulta mill-inklużjoni tal-bini u tat-trasport bit-triq fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 2003/87/KE.

3. Il-Pjan għandu jinkludi proġetti nazzjonali maħsuba biex:

   (a) jiffinanzjaw miżuri u investimenti biex tiżdied l-effiċjenza enerġetika tal-bini, biex jiġu implimentati miżuri għat-titjib tal-effiċjenza enerġetika, biex titwettaq rinnovazzjoni tal-bini, u biex jiġu dekarbonizzati t-tisħin u t-tkessiħ tal-bini, inkluża l-integrazzjoni tal-produzzjoni tal-enerġija minn sorsi tal-enerġija rinnovabbli;

   (b) jiffinanzjaw miżuri u investimenti biex jiżdied l-użu ta' mobbiltà u trasport b'emissjonijiet żero u baxxi.

*Artikolu 4*

***Il-kontenut tal-Pjanijiet Soċjali għall-Klima***

1. Il-Pjanijiet Soċjali għall-Klima għandhom jistabbilixxu b'mod partikolari l-elementi li ġejjin:

   (a) miżuri u investimenti konkreti f'konformità mal-Artikolu 3 biex jitnaqqsu l-effetti msemmija fil-punt (c) ta' dan il-paragrafu, flimkien ma' spjegazzjoni ta' kif dawn jikkontribwixxu b'mod effettiv għall-kisba tal-objettivi stabbiliti fl-Artikolu 1 fil-qafas ġenerali tal-politiki rilevanti ta' Stat Membru;

   (b) miżuri ta' akkumpanjament konkreti meħtieġa biex jitwettqu l-miżuri u l-investimenti tal-Pjan u jitnaqqsu l-effetti msemmija fil-punt (c), kif ukoll informazzjoni dwar il-finanzjament eżistenti jew ippjanat ta' miżuri u investimenti minn sorsi pubbliċi jew privati tal-Unjoni jew internazzjonali oħrajn;

   (c) stima tal-effetti probabbli taż-żieda fil-prezzijiet fuq l-unitajiet domestiċi u, b'mod partikolari, fuq l-inċidenza tal-faqar enerġetiku, fuq il-mikrointrapriżi u

fuq l-utenti tat-trasport, li tinkludi, b'mod partikolari, stima u l-identifikazzjoni ta' unitajiet domestiċi vulnerabbli, mikrointrapriżi vulnerabbli u utenti tat-trasport vulnerabbli; dawn l-impatti għandhom jiġu analizzati b'livell suffiċjenti ta' diżaggregazzjoni reġjonali, filwaqt li jitqiesu elementi bħall-aċċess għat-trasport pubbliku u għal servizzi bażiċi u jiġu identifikati ż-żoni l-aktar affettwati, b'mod partikolari t-territorji li huma remoti u rurali;

(d) fejn il-Pjan jipprevedi l-miżuri msemmija fl-Artikolu 3(2), il-kriterji għall-identifikazzjoni tar-riċevituri finali eliġibbli, l-indikazzjoni tal-limitu ta' żmien previst għall-miżuri inkwistjoni u l-ġustifikazzjoni tagħhom abbażi ta' stima kwantitattiva u spjegazzjoni kwalitattiva ta' kif il-miżuri fil-Pjan huma mistennija jnaqqsu l-faqar enerġetiku u tat-trasport u l-vulnerabbiltà tal-unitajiet domestiċi, tal-mikrointrapriżi u tal-utenti tat-trasport għal żieda fil-prezzijiet tat-trasport bit-triq u tal-fjuwil għat-tisħin;

(e) l-objettivi intermedji previsti, il-miri u skeda ta' żmien indikattiva għall-implimentazzjoni tal-miżuri u tal-investimenti li għandhom jitlestew sal-31 ta' Lulju 2032;

(f) il-kostijiet totali stmati tal-Pjan akkumpanjati minn ġustifikazzjoni xierqa tal-kostijiet u spjegazzjonijiet dwar kif dan huwa konformi mal-prinċipju tal-kostefficjenza u proporzjonat għall-impatt mistenni tal-Pjan;

(g) il-kontribuzzjoni nazzjonali prevista għall-kostijiet totali stmati, ikkalkolata f'konformità mal-Artikolu 14;

(h) spjegazzjoni ta' kif il-Pjan jiżgura li l-ebda investiment jew miżura, inklużi fil-Pjan, ma jagħmlu ħsara sinifikanti lill-objettivi ambjentali skont it-tifsira tal-Artikolu 17 tar-Regolament (UE) 2020/852; il-Kummissjoni għandha tipprovdi gwida teknika lill-Istati Membri mmirata għall-kamp ta' applikazzjoni tal-Fond għal dak l-għan; l-ebda spjegazzjoni għall-miżuri msemmija fl-Artikolu 3(2) ma hija meħtieġa;

(i) l-arranġamenti għall-monitoraġġ u l-implimentazzjoni effettivi tal-Pjan mill-Istat Membru kkonċernat, b'mod partikolari tal-objettivi intermedji u l-miri proposti, inklużi indikaturi għall-implimentazzjoni ta' miżuri u investimenti li, fejn rilevanti, għandhom ikunu dawk disponibbli għall-Uffiċċju tal-Istatistika tal-Unjoni Ewropea, l-Uffiċċju Ewropew tal-Istatistika u għall-Osservatorju Ewropew tal-Faqar Enerġetiku kif identifikati mir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni 2020/1563[54] dwar il-faqar enerġetiku;

(j) għat-tħejjija u, fejn disponibbli, għall-implimentazzjoni tal-Pjan, sommarju tal-proċess ta' konsultazzjoni, imwettaq f'konformità mal-Artikolu 10 tar-Regolament (UE) 2018/1999 u mal-qafas legali nazzjonali, ta' awtoritajiet lokali u reġjonali, sħab soċjali, organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, organizzazzjonijiet taż-żgħażagħ u partijiet ikkonċernati rilevanti oħrajn, u kif il-kontribut tal-partijiet ikkonċernati huwa rifless fil-Pjan;

(k) spjegazzjoni tas-sistema tal-Istat Membru li tipprevjeni, tiskopri u tikkoreġi l-korruzzjoni, il-frodi u l-kunflitti ta' interess, meta jintużaw il-fondi pprovduti taħt il-Fond, u l-arranġamenti li għandhom l-għan li jevitaw finanzjament doppju mill-Fond u minn programmi oħrajn tal-Unjoni.

[54] ĠU L 357, 27.10.2020, p. 35.

2. Il-Pjanijiet għandhom ikunu konsistenti mal-informazzjoni inkluża u mal-impenji magħmula mill-Istati Membri taħt il-Pjan ta' Azzjoni tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali u l-Fond Soċjali Ewropew Plus (FSE+) stabbilit bir-Regolament (UE) 2021/1057, taħt il-programmi operazzjonali tagħhom tal-politika ta' koeżjoni skont ir-Regolament (UE) 2021/1058[55], taħt il-Pjanijiet tagħhom għall-Irkupru u r-Reżiljenza f'konformità mar-Regolament (UE) 2021/241 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[56], taħt l-istrateġiji fit-tul tagħhom tar-rinnovazzjoni tal-bini skont id-Direttiva 2010/31/UE u taħt il-pjanijiet nazzjonali integrati u aġġornati tagħhom dwar l-enerġija u l-klima skont ir-Regolament (UE) 2018/1999. Dawn għandhom ikunu wkoll komplementari għall-Pjanijiet għal Tranżizzjoni Ġusta skont ir-Regolament (UE) 2021/1056 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[57].

3. Meta jkunu qed iħejju l-Pjanijiet tagħhom, l-Istati Membri jistgħu jitolbu lill-Kummissjoni torganizza skambju ta' prattiki tajbin. L-Istati Membri jistgħu jitolbu wkoll appoġġ tekniku taħt il-faċilità ELENA, stabbilita permezz ta' Ftehim tal-Kummissjoni mal-Bank Ewropew tal-Investiment fl-2009, jew taħt l-Istrument ta' Appoġġ Tekniku stabbilit bir-Regolament (UE) 2021/240 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[58].

## KAPITOLU III

## APPOĠĠ MILL-FOND GĦALL-PJANIJIET SOĊJALI GĦALL-KLIMA

### *Artikolu 5*

### ***Il-prinċipji li jirregolaw il-Fond u l-eliġibbiltà***

1. Il-Fond għandu jipprovdi appoġġ finanzjarju lill-Istati Membri biex jiffinanzjaw il-miżuri u l-investimenti stabbiliti fil-Pjanijiet tagħhom.

2. Il-ħlas tal-appoġġ għandu jkun kundizzjonali fuq il-kisba tal-objettivi intermedji u tal-miri għall-miżuri u l-investimenti stabbiliti fil-Pjanijiet. Dawk l-objettivi intermedji u l-miri għandhom ikunu kompatibbli mal-miri klimatiċi tal-Unjoni u jkopru b'mod partikolari:

   (a) l-effiċjenza enerġetika;

   (b) ir-rinnovazzjoni tal-bini;

   (c) il-mobbiltà u t-trasport b'emissjonijiet żero u baxxi;

   (d) it-tnaqqis tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra;

   (e) it-tnaqqis fl-għadd ta' unitajiet domestiċi vulnerabbli, speċjalment unitajiet domestiċi fil-faqar enerġetiku, ta' mikrointrapriżi vulnerabbli u ta' utenti tat-trasport vulnerabbli, inkluż f'żoni rurali u remoti.

---

55 Ir-Regolament (UE) 2021/1058 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Ġunju 2021 dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali u l-Fond ta' Koeżjoni (ĠU L 231, 30.6.2021, p. 60).

56 Ir-Regolament (UE) 2021/241 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Frar 2021 li jistabbilixxi l-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza (ĠU L 57, 18.2.2021, p. 17).

57 Ir-Regolament (UE) 2021/1056 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Ġunju 2021 li jistabbilixxi l-Fond għal Tranżizzjoni Ġusta (ĠU L 231, 30.6.2021, p. 1).

58 Ir-Regolament (UE) 2021/240 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-10 ta' Frar 2021 li jistabbilixxi Strument ta' Appoġġ Tekniku (ĠU L 57, 18.2.2021, p. 1).

3. Il-Fond għandu jappoġġa biss miżuri u investimenti li jirrispettaw il-prinċipju "la tagħmilx ħsara sinifikanti" msemmi fl-Artikolu 17 tar-Regolament (UE) 2020/852.

*Artikolu 6*

***Il-miżuri u l-investimenti li għandhom jiġu inklużi fil-kostijiet totali stmati tal-Pjanijiet Soċjali għall-Klima***

1. L-Istati Membri jistgħu jinkludu l-kostijiet ta' miżuri li jipprovdu appoġġ temporanju dirett għall-introjtu lil unitajiet domestiċi vulnerabbli u lil unitajiet domestiċi vulnerabbli li huma utenti tat-trasport biex jassorbu ż-żieda fil-prezzijiet tal-fjuwil għat-trasport bit-triq u għat-tisħin. Tali appoġġ għandu jonqos maż-żmien u jkun limitat għall-impatt dirett tal-iskambju ta' kwoti tal-emissjonijiet għall-bini u t-trasport bit-triq. L-eliġibbiltà għal tali appoġġ dirett għall-introjtu għandha tieqaf fil-limiti ta' żmien identifikati taħt il-punt (d) tal-Artikolu 4(1).

2. L-Istati Membri jistgħu jinkludu l-kostijiet tal-miżuri u tal-investimenti li ġejjin fil-kostijiet totali stmati tal-Pjanijiet, diment li dawn ikunu ta' benefiċċju prinċipalment għall-unitajiet domestiċi vulnerabbli, għall-mikrointrapriżi vulnerabbli jew għall-utenti tat-trasport vulnerabbli u jkollhom l-għan li:

   (a) jappoġġaw ir-rinnovazzjonijiet tal-bini, speċjalment għal dawk li jokkupaw binjiet bl-agħar rendiment, inkluż fil-forma ta' appoġġ finanzjarju jew inċentivi fiskali, bħall-possibbiltà ta' tnaqqis tal-kostijiet tar-rinnovazzjoni mill-kera, indipendentement mis-sjieda tal-binjiet ikkonċernati;

   (b) jikkontribwixxu għad-dekarbonizzazzjoni, inkluża l-elettrifikazzjoni, tat-tisħin u t-tkessiħ tal-binjiet, u t-tisjir fihom, u l-integrazzjoni tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli li jikkontribwixxu għall-kisbiet tal-iffrankar tal-enerġija;

   (c) jappoġġaw lill-entitajiet pubbliċi u privati fl-iżvilupp u l-forniment ta' soluzzjonijiet affordabbli ta' rinnovazzjoni tal-effiċjenza enerġetika u strumenti ta' finanzjament xierqa f'konformità mal-għanijiet soċjali tal-Fond;

   (d) jipprovdu aċċess għal vetturi u roti b'emissjonijiet żero u baxxi, inklużi appoġġ finanzjarju jew inċentivi fiskali għax-xiri tagħhom, kif ukoll għal infrastruttura pubblika u privata xierqa, inkluż għall-irriċarġjar u għar-riforniment tal-fjuwil; għall-appoġġ li jikkonċerna vetturi b'emissjonijiet baxxi, għandha tiġi pprovduta skeda ta' żmien għat-tnaqqis gradwali tal-appoġġ;

   (e) jagħtu aċċess mingħajr ħlas għat-trasport pubbliku jew tariffi adattati għall-aċċess għat-trasport pubbliku, kif ukoll irawmu mobbiltà sostenibbli fuq talba u servizzi ta' mobbiltà kondiviża;

   (f) jappoġġaw lill-entitajiet pubbliċi u privati fl-iżvilupp u l-forniment ta' servizzi affordabbli ta' mobbiltà u trasport b'emissjonijiet żero u baxxi u fl-użu ta' għażliet ta' mobbiltà attiva attraenti għal żoni rurali, insulari, muntanjużi, remoti u inqas aċċessibbli jew għal reġjuni jew territorji inqas żviluppati, inklużi żoni periurbani inqas żviluppati.

*Artikolu 7*

***Esklużjonijiet mill-kostijiet totali stmati tal-Pjanijiet Soċjali għall-Klima***

1. Il-Fond ma għandux jappoġġa, u l-kostijiet totali stmati tal-Pjanijiet ma għandhomx jinkludu, miżuri fil-forma ta' appoġġ dirett għall-introjtu skont l-Artikolu 3(2) ta' dan ir-Regolament għall-unitajiet domestiċi li diġà jibbenefikaw:

   (a) minn intervent pubbliku fil-livell tal-prezz tal-fjuwils koperti mill-Kapitolu IVa tad-Direttiva 2003/87/KE;

   (b) minn interventi pubbliċi fl-iffissar tal-prezzijiet għall-provvista tal-gass f'konformità mal-Artikolu 3(3) tad-Direttiva 2009/73/KE;

2. Fejn ikun ipprovat mill-Istat Membru kkonċernat fil-Pjan tiegħu li l-interventi pubbliċi msemmija fil-paragrafu 1 ma jikkumpensawx kompletament għaż-żieda fil-prezz li tirriżulta mill-inklużjoni tas-setturi tal-bini u tat-trasport bit-triq fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 2003/87/KE, jista' jiġi inkluż appoġġ dirett għall-introjtu fil-kostijiet totali stmati fil-limiti taż-żieda fil-prezz mhux ikkumpensata kompletament.

*Artikolu 8*

***Trasferiment tal-benefiċċji lill-unitajiet domestiċi, lill-mikrointrapriżi u lill-utenti tat-trasport***

L-Istati Membri jistgħu jinkludu fil-kostijiet totali stmati l-appoġġ finanzjarju pprovdut lil entitajiet pubbliċi jew privati għajr unitajiet domestiċi vulnerabbli, mikrointrapriżi vulnerabbli u utenti tat-trasport vulnerabbli, jekk dawk l-entitajiet iwettqu miżuri u investimenti li fl-aħħar mill-aħħar ikunu ta' benefiċċju għal unitajiet domestiċi vulnerabbli, mikrointrapriżi vulnerabbli u utenti tat-trasport vulnerabbli.

L-Istati Membri għandhom jipprevedu s-salvagwardji statutorji u kuntrattwali meħtieġa biex jiżguraw li l-benefiċċju kollu jiġi mgħoddi lill-unitajiet domestiċi, lill-mikrointrapriżi u lill-utenti tat-trasport.

*Artikolu 9*

***Baġit***

1. Il-pakkett finanzjarju għall-implimentazzjoni tal-Fond għall-perjodu 2025-2027 għandu jkun ta' EUR 23 700 000 000 fi prezzijiet kurrenti.

2. Il-pakkett finanzjarju għall-implimentazzjoni tal-Fond għall-perjodu 2028-2032 għandu jkun ta' EUR 48 500 000 000 fi prezzijiet attwali, soġġett għad-disponibbiltà tal-ammonti taħt il-limiti massimi annwali tal-qafas finanzjarju pluriennali applikabbli msemmi fl-Artikolu 312 tat-TFUE.

3. L-ammonti msemmija fil-paragrafi 1 u 2 jistgħu jkopru wkoll l-ispejjeż li jappartjenu għal attivitajiet ta' tħejjija, monitoraġġ, kontroll, awditu u evalwazzjoni li huma meħtieġa għall-ġestjoni tal-Fond u għall-kisba tal-objettivi tiegħu, b'mod partikolari studji, laqgħat ta' esperti, konsultazzjoni ma' partijiet ikkonċernati, azzjonijiet ta' informazzjoni u komunikazzjoni, inklużi azzjonijiet ta' sensibilizzazzjoni inklużivi, u

l-komunikazzjoni korporattiva tal-prijoritajiet politiċi tal-Unjoni, sa fejn dawn ikunu relatati mal-objettivi ta' dan ir-Regolament, mal-ispejjeż marbuta man-networks tal-IT li jiffokaw fuq l-ipproċessar u l-iskambju ta' informazzjoni, mal-għodod korporattivi tat-teknoloġija tal-informazzjoni, u mal-ispejjeż l-oħrajn kollha ta' assistenza teknika u amministrattiva mġarrba mill-Kummissjoni għall-ġestjoni tal-Fond. L-ispejjeż jistgħu jkopru wkoll il-kostijiet ta' attivitajiet ta' sostenn oħrajn, bħall-kontroll tal-kwalità u l-monitoraġġ ta' proġetti fuq il-post u l-kostijiet ta' konsulenza bejn il-pari u l-esperti għall-valutazzjoni u l-implimentazzjoni tal-azzjonijiet eliġibbli.

*Artikolu 10*

***Ir-riżorsi mill-programmi b'ġestjoni kondiviża u l-użu tar-riżorsi***

1. Ir-riżorsi allokati lill-Istati Membri taħt ġestjoni kondiviża jistgħu, fuq talba tagħhom, jiġu ttrasferiti lill-Fond soġġett għall-kundizzjonijiet stabbiliti fid-dispożizzjonijiet rilevanti tar-Regolament (UE) 2021/1060. Il-Kummissjoni għandha timplimenta dawk ir-riżorsi direttament f'konformità mal-punt (a) tal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 62(1) tar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046. Dawk ir-riżorsi għandhom jintużaw esklussivament għall-benefiċċju tal-Istat Membru kkonċernat.
2. L-Istati Membri jistgħu jinkarigaw lill-awtoritajiet maniġerjali tal-Fond Soċjali Ewropew Plus (FSE+) stabbilit bir-Regolament (UE) 2021/1057 u tal-programmi operazzjonali tal-politika ta' koeżjoni skont ir-Regolament (UE) 2021/1058 bl-implimentazzjoni ta' miżuri u investimenti li jibbenefikaw minn dan il-Fond, fejn applikabbli fid-dawl tas-sinerġiji ma' dawk il-fondi tal-Unjoni u f'konformità mal-objettivi tal-Fond. L-Istati Membri għandhom jiddikjaraw l-intenzjoni tagħhom li jinkarigaw lil dawk l-awtoritajiet fil-Pjanijiet tagħhom.
3. L-Istati Membri jistgħu jinkludu fil-Pjan tagħhom, bħala parti mill-kostijiet totali stmati, il-pagamenti għal appoġġ tekniku addizzjonali skont l-Artikolu 7 tar-Regolament (UE) 2021/240 u l-ammont tal-kontribuzzjoni fi flus kontanti għall-fini tal-kompartiment tal-Istat Membru skont id-dispożizzjonijiet rilevanti tar-Regolament (UE) 2021/523. Dawk il-kostijiet ma għandhomx jaqbżu l-4 % tal-allokazzjoni totali finanzjarja għall-Pjan, u l-miżuri rilevanti, kif stabbiliti fil-Pjan, għandhom ikunu konformi ma' dan ir-Regolament.

*Artikolu 11*

***Implimentazzjoni***

Il-Fond għandu jiġi implimentat mill-Kummissjoni f'ġestjoni diretta f'konformità mar-regoli rilevanti adottati skont l-Artikolu 322 tat-TFUE, b'mod partikolari r-Regolament (UE, Euratom) Nru 2018/1046 u r-Regolament (UE, Euratom) Nru 2020/2092 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[59].

[59] Ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 2020/2092 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2020 dwar reġim ġenerali ta' kondizzjonalità għall-protezzjoni tal-baġit tal-Unjoni (ĠU L 433I, 22.12.2020, p. 1).

*Artikolu 12*

***Addizzjonalità u finanzjament komplementari***

1. L-appoġġ taħt il-Fond għandu jkun addizzjonali għall-appoġġ ipprovdut taħt fondi, programmi u strumenti oħrajn tal-Unjoni. Il-miżuri u l-investimenti appoġġati taħt il-Fond jistgħu jirċievu appoġġ minn fondi, programmi u strumenti oħrajn tal-Unjoni, diment li tali appoġġ ma jkoprix l-istess kost.

2. L-appoġġ mill-Fond għandu jkun addizzjonali u ma għandux jissostitwixxi n-nefqa baġitarja nazzjonali rikorrenti.

*Artikolu 13*

***Allokazzjoni finanzjarja massima***

1. L-allokazzjoni finanzjarja massima għandha tiġi kkalkolata għal kull Stat Membru kif speċifikat fl-Anness I u fl-Anness II.

2. Kull Stat Membru jista' jissottometti talba sal-allokazzjoni finanzjarja massima tiegħu biex jimplimenta l-Pjan tiegħu.

*Artikolu 14*

***Kontribuzzjoni nazzjonali għall-kostijiet totali stmati***

1. L-Istati Membri għandhom jikkontribwixxu għal mill-inqas 50 fil-mija tal-kostijiet totali stmati tal-Pjanijiet tagħhom.

2. L-Istati Membri għandhom, *inter alia*, jużaw id-dħul mill-irkantar tal-kwoti tagħhom f'konformità mal-Kapitolu IVa tad-Direttiva 2003/87/KE għall-kontribuzzjoni nazzjonali tagħhom għall-kostijiet totali stmati tal-Pjanijiet tagħhom.

*Artikolu 15*

***Valutazzjoni tal-Kummissjoni***

1. Il-Kummissjoni għandha tivvaluta l-Pjan u, fejn applikabbli, kwalunkwe emenda għal dak il-Pjan sottomessa minn Stat Membru f'konformità mal-Artikolu 17, għall-konformità mad-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament. Meta twettaq dik il-valutazzjoni, il-Kummissjoni għandha taġixxi f'kooperazzjoni mill-qrib mal-Istat Membru kkonċernat. Il-Kummissjoni tista' tagħmel osservazzjonijiet jew tfittex informazzjoni addizzjonali. L-Istat Membru kkonċernat għandu jipprovdi l-informazzjoni addizzjonali mitluba u jista' jirrevedi l-Pjan, jekk ikun meħtieġ, inkluż wara s-sottomissjoni tal-Pjan. L-Istat Membru kkonċernat u l-Kummissjoni jistgħu jaqblu li jestendu l-iskadenza għall-valutazzjoni b'perjodu raġonevoli, jekk ikun meħtieġ.

2. Il-Kummissjoni għandha tivvaluta r-rilevanza, l-effettività, l-effiċjenza u l-koerenza tal-Pjan kif ġej:

   (a) Għall-fini tal-valutazzjoni tar-rilevanza, il-Kummissjoni għandha tqis il-kriterji li ġejjin:

(i) jekk il-Pjan jirrappreżentax rispons għall-impatt soċjali fuq, u l-isfidi ffaċċjati minn, unitajiet domestiċi vulnerabbli, mikrointrapriżi vulnerabbli u utenti tat-trasport vulnerabbli fl-Istat Membru kkonċernat mill-istabbiliment tal-iskema għall-iskambju ta' kwoti tal-emissjonijiet għall-bini u għat-trasport bit-triq stabbilita skont il-Kapitolu IVa tad-Direttiva 2003/87/KE, speċjalment unitajiet domestiċi fil-faqar enerġetiku, filwaqt li jitqiesu kif xieraq l-isfidi identifikati fil-valutazzjonijiet tal-Kummissjoni tal-aġġornament tal-pjan nazzjonali integrat tal-Istat Membru kkonċernat dwar l-enerġija u l-klima u tal-progress tiegħu skont l-Artikolu 9(3), u l-Artikoli 13 u 29 tar-Regolament (UE) 2018/1999, kif ukoll fir-rakkomandazzjonijiet tal-Kummissjoni lill-Istati Membri maħruġa skont l-Artikolu 34 tar-Regolament (UE) 2018/1999 fid-dawl tal-objettiv fit-tul tan-newtralità klimatika fl-Unjoni sal-2050. Dan għandu jqis l-isfidi speċifiċi u l-allokazzjoni finanzjarja tal-Istat Membru kkonċernat;

(ii) jekk il-Pjan huwiex mistenni jiżgura li l-ebda miżura jew investiment inklużi fil-Pjan ma jagħmlu ħsara sinifikanti lill-objettivi ambjentali skont it-tifsira tal-Artikolu 17 tar-Regolament (UE) 2020/852;

(iii) jekk il-Pjan fihx miżuri u investimenti li jikkontribwixxu għat-tranżizzjoni ekoloġika, inkluż biex jiġu indirizzati l-isfidi li jirriżultaw minnha u, b'mod partikolari, għall-kisba tal-objettivi tal-Unjoni dwar il-klima u l-enerġija għall-2030 u l-objettivi intermedji għall-2030 tal-Istrateġija għall-Mobbiltà.

(b) Għall-fini tal-valutazzjoni tal-effettività, il-Kummissjoni għandha tqis il-kriterji li ġejjin:

(i) jekk il-Pjan huwiex mistenni jkollu impatt fit-tul fuq l-isfidi indirizzati minn dak il-Pjan u, b'mod partikolari, fuq unitajiet domestiċi vulnerabbli, mikrointrapriżi vulnerabbli u utenti tat-trasport vulnerabbli, speċjalment unitajiet domestiċi fil-faqar enerġetiku, fl-Istat Membru kkonċernat;

(ii) jekk l-arranġamenti proposti mill-Istat Membru kkonċernat humiex mistennija jiżguraw il-monitoraġġ u l-implimentazzjoni effettivi tal-Pjan, inklużi l-iskeda ta' żmien prevista, l-objettivi intermedji u l-miri, u l-indikaturi relatati;

(iii) jekk il-miżuri u l-investimenti proposti mill-Istat Membru kkonċernat humiex konsistenti u konformi mar-rekwiżiti skont id-Direttiva [ssss/nnn] [Proposta għal riformulazzjoni tad-Direttiva 2012/27/UE], id-Direttiva (UE) 2018/2001, id-Direttiva 2014/94/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[60], id-Direttiva (UE) 2019/1161 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u d-Direttiva 2010/31/UE;

(c) Għall-finijiet tal-valutazzjoni tal-effiċjenza, il-Kummissjoni għandha tqis il-kriterji li ġejjin:

(i) jekk il-ġustifikazzjoni pprovduta mill-Istat Membru għall-ammont tal-kostijiet totali stmati tal-Pjan hijiex raġonevoli, plawżibbli, konformi mal-

[60] Id-Direttiva 2014/94/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Ottubru 2014 dwar l-installazzjoni ta' infrastruttura tal-karburanti alternattivi (ĠU L 307, 28.10.2014, p. 1).

prinċipju tal-kostefffiċjenza u proporzjonata għall-impatt ambjentali u soċjali nazzjonali mistenni;

(ii) jekk l-arranġamenti proposti mill-Istat Membru kkonċernat humiex mistennija jipprevjenu, jidentifikaw u jikkoreġu l-korruzzjoni, il-frodi u l-kunflitti ta' interess meta jkunu qed jintużaw il-fondi pprovduti taħt il-Fond, inklużi l-arranġamenti li għandhom l-għan li jevitaw il-finanzjament doppju mill-Fond u minn programmi oħrajn tal-Unjoni;

(iii) jekk l-objettivi intermedji u l-miri proposti mill-Istat Membru humiex effiċjenti fid-dawl tal-kamp ta' applikazzjoni, l-objettivi u l-azzjonijiet eliġibbli tal-Fond;

(d) Għall-fini tal-valutazzjoni tal-koerenza, il-Kummissjoni għandha tqis jekk il-Pjan fihx miżuri u investimenti li jirrappreżentaw azzjonijiet koerenti.

*Artikolu 16*

***Id-deċiżjoni tal-Kummissjoni***

1. Abbażi tal-valutazzjoni f'konformità mal-Artikolu 15, il-Kummissjoni għandha tiddeċiedi dwar il-Pjan ta' Stat Membru, permezz ta' att ta' implimentazzjoni, fi żmien sitt xhur mid-data tas-sottomissjoni ta' dak il-Pjan skont l-Artikolu 3(1) ta' dan ir-Regolament.

Meta l-Kummissjoni tagħti valutazzjoni pożittiva, dik id-deċiżjoni għandha tistabbilixxi:

(a) il-miżuri u l-investimenti li għandhom jiġu implimentati mill-Istat Membru, l-ammont tal-kostijiet totali stmati tal-Pjan u l-objettivi intermedji u l-miri;

(b) l-allokazzjoni finanzjarja tal-Unjoni allokata f'konformità mal-Artikolu 13 ta' dan ir-Regolament li għandha titħallas f'pagamenti parzjali ladarba l-Istat Membru jkun issodisfa b'mod sodisfaċenti l-objettivi intermedji u l-miri rilevanti identifikati b'rabta mal-implimentazzjoni tal-Pjan, li għandhom ikunu soġġetti, għall-perjodu 2028-2032, għad-disponibbiltà tal-ammonti msemmija fl-Artikolu 9(2) ta' dan ir-Regolament taħt il-limiti massimi annwali tal-qafas finanzjarju pluriennali msemmi fl-Artikolu 312 tat-TFUE;

(c) il-kontribuzzjoni nazzjonali;

(d) l-arranġamenti u l-iskeda ta' żmien għall-monitoraġġ u l-implimentazzjoni inklużi, fejn rilevanti, il-miżuri meħtieġa għall-konformità mal-Artikolu 20 ta' dan ir-Regolament;

(e) l-indikaturi rilevanti relatati mal-issodisfar tal-objettivi intermedji u l-miri previsti;

(f) l-arranġamenti biex jingħata aċċess sħiħ mill-Kummissjoni għad-*data* rilevanti sottostanti.

2. L-allokazzjoni finanzjarja msemmija fil-punt (b) tal-paragrafu 1 għandha tiġi ddeterminata abbażi tal-kostijiet totali stmati tal-Pjan propost mill-Istat Membru kkonċernat, kif ivvalutat skont il-kriterji stabbiliti fl-Artikolu 15(2).

L-ammont tal-allokazzjoni finanzjarja għandu jiġi stabbilit kif ġej:

(a) fejn il-Pjan ikun konformi b'mod sodisfaċenti mal-kriterji stabbiliti fl-Artikolu 15(2), u l-ammont tal-kostijiet totali stmati tal-pakkett nieqes il-kontribuzzjoni nazzjonali jkun ugwali għal, jew ogħla minn, l-allokazzjoni finanzjarja massima għal dak l-Istat Membru msemmi fl-Artikolu 13(1), l-allokazzjoni finanzjarja allokata lill-Istat Membru kkonċernat għandha tkun ugwali għall-ammont totali tal-allokazzjoni finanzjarja massima msemmija fl-Artikolu 9;

(b) fejn il-Pjan ikun konformi b'mod sodisfaċenti mal-kriterji stabbiliti fl-Artikolu 15(2), u l-ammont tal-kostijiet totali stmati tal-pakkett nieqes il-kontribuzzjoni finanzjarja jkun aktar baxx mill-allokazzjoni finanzjarja massima għal dak l-Istat Membru msemmi fl-Artikolu 13(1), l-allokazzjoni finanzjarja allokata lill-Istat Membru għandha tkun ugwali għall-ammont tal-kostijiet totali stmati tal-pakkett nieqes il-kontribuzzjoni nazzjonali;

(c) fejn il-Pjan ikun konformi b'mod sodisfaċenti mal-kriterji stabbiliti fl-Artikolu 15(2), iżda l-valutazzjoni tistabbilixxi dgħufijiet fis-sistemi ta' kontroll, il-Kummissjoni tista' titlob li jintlaħqu objettivi intermedji u miri addizzjonali qabel ma jsir l-ewwel pagament;

(d) fejn il-Pjan ma jkunx konformi b'mod sodisfaċenti mal-kriterji stabbiliti fl-Artikolu 15(2), ma għandha tiġi allokata l-ebda allokazzjoni finanzjarja lill-Istat Membru kkonċernat.

3. Meta l-Kummissjoni tagħti valutazzjoni negattiva lil Pjan, id-deċiżjoni msemmija fil-paragrafu 1 għandha tinkludi r-raġunijiet għal dik il-valutazzjoni negattiva. L-Istat Membru kkonċernat għandu jerġa' jissottometti l-Pjan, wara li jqis il-valutazzjoni tal-Kummissjoni.

*Artikolu 17*

***Emenda tal-Pjanijiet Soċjali għall-Klima***

1. Fejn Pjan Soċjali għall-Klima, inklużi l-objettivi intermedji u l-miri rilevanti, ma jkunx jista' jinkiseb aktar, kompletament jew parzjalment, mill-Istat Membru kkonċernat minħabba ċirkostanzi oġġettivi, b'mod partikolari minħabba l-effetti diretti attwali tal-iskema għall-iskambju ta' kwoti tal-emissjonijiet għall-bini u għat-trasport bit-triq stabbilita skont il-Kapitolu IVa tad-Direttiva 2003/87/KE, l-Istat Membru kkonċernat jista' jissottometti lill-Kummissjoni emenda tal-Pjan tiegħu biex jinkludi l-bidliet meħtieġa u debitament ġustifikati. L-Istati Membri jistgħu jitolbu appoġġ tekniku għat-tħejjija ta' tali talba.

2. Il-Kummissjoni għandha tivvaluta l-Pjan emendat f'konformità mal-Artikolu 15.

3. Meta l-Kummissjoni tagħti valutazzjoni pożittiva lill-Pjan emendat, hija għandha tadotta, f'konformità mal-Artikolu 16(1), fi żmien tliet xhur mis-sottomissjoni uffiċjali tal-Pjan emendat mill-Istat Membru, deċiżjoni li tistabbilixxi r-raġunijiet għall-valutazzjoni pożittiva tiegħu, permezz ta' att ta' implimentazzjoni.

4. Meta l-Kummissjoni tagħti valutazzjoni negattiva lill-Pjan emendat, hija għandha tirrifjuta t-talba fil-perjodu msemmi fil-paragrafu 3, wara li tkun tat lill-Istat Membru kkonċernat il-possibbiltà li jippreżenta l-osservazzjonijiet tiegħu fi żmien tliet xhur mill-komunikazzjoni tal-valutazzjoni tal-Kummissjoni.

5. Sal-15 ta’ Marzu 2027, kull Stat Membru kkonċernat għandu jivvaluta l-adegwatezza tal-Pjanijiet tiegħu fid-dawl tal-effetti diretti attwali tal-iskema għall-iskambju ta’ kwoti tal-emissjonijiet għall-bini u għat-trasport bit-triq stabbilita skont il-Kapitolu IVa tad-Direttiva 2003/087/KE. Dawk il-valutazzjonijiet għandhom jiġu sottomessi lill-Kummissjoni bħala parti mir-rapportar biennali tal-progress skont l-Artikolu 17 tar-Regolament (UE) 2018/1999.

*Artikolu 18*

***Impenn tal-allokazzjoni finanzjarja***

1. Wara li l-Kummissjoni tkun adottat deċiżjoni kif imsemmi fl-Artikolu 16, hija għandha, fi żmien debitu, tikkonkludi ftehim mal-Istat Membru kkonċernat li jikkostitwixxi impenn legali individwali skont it-tifsira tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 2018/1046 li jkopri l-perjodu 2025-2027. Dak il-ftehim jista’ jiġi konkluż mhux aktar kmieni minn sena qabel is-sena tal-bidu tal-irkantijiet skont il-Kapitolu IVa tad-Direttiva 2003/87/KE.

2. L-impenn legali individwali li jkopri l-perjodu 2028-2032 għandu jiġi konkluż soġġett għad-disponibbiltà tal-ammonti msemmija fl-Artikolu 9(2) ta’ dan ir-Regolament taħt il-limiti massimi annwali tal-qafas finanzjarju pluriennali msemmi fl-Artikolu 312 tat-TFUE.

3. L-impenji baġitarji jistgħu jkunu bbażati fuq impenji globali u, fejn xieraq, jistgħu jiġu diżaggregati f’pagamenti annwali mifruxa fuq diversi snin.

*Artikolu 19*

***Regoli dwar il-ħlasijiet, is-sospensjoni u t-terminazzjoni ta’ ftehimiet rigward allokazzjonijiet finanzjarji***

1. Il-ħlasijiet tal-allokazzjonijiet finanzjarji lill-Istat Membru kkonċernat skont dan l-Artikolu għandhom isiru mal-ikkompletar tal-objettivi intermedji u l-miri rilevanti miftiehma indikati fil-Pjan kif approvati f’konformità mal-Artikolu 16 u soġġetti għall-finanzjament disponibbli. Ma’ dan l-ikkompletar, l-Istat Membru kkonċernat għandu jissottometti lill-Kummissjoni talba debitament ġustifikata għall-ħlas tal-allokazzjoni finanzjarja. Tali talbiet għall-ħlas għandhom jiġu sottomessi mill-Istati Membri lill-Kummissjoni darba jew darbtejn fis-sena sal-31 ta’ Lulju.

2. Il-Kummissjoni għandha tivvaluta mingħajr dewmien żejjed, u sa mhux aktar tard minn xahrejn minn meta tirċievi t-talba, jekk l-objettivi intermedji u l-miri rilevanti stabbiliti fid-deċiżjoni tal-Kummissjoni msemmija fl-Artikolu 16 intlaħqux b’mod sodisfaċenti. L-ilħuq sodisfaċenti tal-objettivi intermedji u tal-miri għandu jippresupponi li l-miżuri relatati ma’ objettivi intermedji u miri milħuqa b’mod sodisfaċenti preċedentement ma jkunux treġġgħu lura mill-Istat Membru kkonċernat. Il-Kummissjoni tista’ tiġi assistita minn esperti.

3. Meta l-Kummissjoni tagħmel valutazzjoni pożittiva, hija għandha tadotta mingħajr dewmien żejjed deċiżjoni li tawtorizza l-iżborż tal-allokazzjoni finanzjarja f’konformità mar-Regolament (UE, Euratom) Nru 2018/1046.

4. Meta, b'riżultat tal-valutazzjoni msemmija fil-paragrafu 3, il-Kummissjoni tistabbilixxi li l-objettivi intermedji u l-miri stabbiliti fid-deċiżjoni tal-Kummissjoni msemmija fl-Artikolu 16 ma jkunux intlaħqu b'mod sodisfaċenti, il-ħlas tal-allokazzjoni finanzjarja kollha jew ta' parti minnha għandu jiġi sospiż. L-Istat Membru kkonċernat jista' jippreżenta l-osservazzjonijiet tiegħu fi żmien xahar mill-komunikazzjoni tal-valutazzjoni tal-Kummissjoni.

Is-sospensjoni għandha titneħħa biss meta l-objettivi intermedji u l-miri jkunu ġew issodisfati b'mod sodisfaċenti kif stabbilit fid-deċiżjoni tal-Kummissjoni msemmija fl-Artikolu 16.

5. B'deroga mill-Artikolu 116(2) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 2018/1046, l-iskadenza għall-ħlas għandha tibda tiddekorri mid-data tal-komunikazzjoni tad-deċiżjoni li tawtorizza l-iżborż lill-Istat Membru kkonċernat skont il-paragrafu 3 ta' dan l-Artikolu, jew mid-data tal-komunikazzjoni tat-tneħħija ta' sospensjoni skont it-tieni subparagrafu tal-paragrafu 4 ta' dan l-Artikolu.

6. Meta l-objettivi intermedji u l-miri ma jkunux intlaħqu b'mod sodisfaċenti fi żmien perjodu ta' sitt xhur mis-sospensjoni, il-Kummissjoni għandha tnaqqas l-ammont tal-allokazzjoni finanzjarja b'mod proporzjonat wara li tkun tat lill-Istat Membru kkonċernat il-possibbiltà li jippreżenta l-osservazzjonijiet tiegħu fi żmien xahrejn mill-komunikazzjoni tal-konklużjonijiet tagħha.

7. Meta, fi żmien 12-il xahar mid-data tal-konklużjoni tal-ftehimiet rilevanti msemmija fl-Artikolu 18, ma jkun sar l-ebda progress tanġibbli fir-rigward ta' kwalunkwe objettivi intermedji u miri rilevanti mill-Istat Membru kkonċernat, il-Kummissjoni għandha tittermina l-ftehimiet rilevanti msemmija fl-Artikolu 18 u għandha tiddiżimpenja l-ammont tal-allokazzjoni finanzjarja. Il-Kummissjoni għandha tieħu deċiżjoni dwar it-terminazzjoni tal-ftehimiet imsemmija fl-Artikolu 18 wara li tkun tat lill-Istat Membru kkonċernat il-possibbiltà li jippreżenta l-osservazzjonijiet tiegħu fi żmien perjodu ta' xahrejn mill-komunikazzjoni tal-valutazzjoni tiegħu dwar jekk ma sarx progress tanġibbli.

*Artikolu 20*

***Il-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni***

1. Meta jiġu biex jimplimentaw il-Fond, l-Istati Membri, bħala benefiċjarji tal-fondi taħt il-Fond, għandhom jieħdu l-miżuri xierqa kollha biex jipproteġu l-interessi finanzjarji tal-Unjoni u biex jiżguraw li l-użu tal-fondi b'rabta mal-miżuri u l-investimenti appoġġati mill-Fond ikun konformi mad-dritt tal-Unjoni u mal-liġi nazzjonali applikabbli, b'mod partikolari fir-rigward tal-prevenzjoni, l-identifikazzjoni u l-korrezzjoni ta' frodi, korruzzjoni u kunflitti ta' interess. Għal dan l-għan, l-Istati Membri għandhom jipprovdu sistema effettiva u effiċjenti ta' kontroll intern kif spjegata f'aktar dettall fl-Anness III u l-irkupru tal-ammonti mħallsa b'mod żbaljat jew użati b'mod skorrett. L-Istati Membri jistgħu jiddependu fuq is-sistemi ta' ġestjoni tal-baġit nazzjonali regolari tagħhom.

2. Il-ftehimiet imsemmija fl-Artikolu 18 għandhom jipprevedu l-obbligi tal-Istati Membri:

(a) li jikkontrollaw regolarment li l-finanzjament ipprovdut ikun intuża kif suppost f'konformità mar-regoli applikabbli kollha u li kwalunkwe miżura jew

investiment taħt il-Pjan ikunu ġew implimentati kif suppost f'konformità mar-regoli applikabbli kollha, b'mod partikolari fir-rigward tal-prevenzjoni, l-identifikazzjoni u l-korrezzjoni ta' frodi, korruzzjoni u kunflitti ta' interess;

(b) li jieħdu miżuri xierqa biex jipprevjenu, jidentifikaw u jikkoreġu l-frodi, il-korruzzjoni u l-kunflitti ta' interess kif definiti fl-Artikolu 61 tar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 li jaffettwaw l-interessi finanzjarji tal-Unjoni u li jieħdu azzjonijiet legali biex jirkupraw fondi li jkunu ġew miżappproprjati, inkluż b'rabta ma' kwalunkwe miżura jew investiment implimentati taħt il-Pjan;

(c) li jakkumpanjaw talba għall-ħlas:

(i) b'dikjarazzjoni ta' ġestjoni li l-fondi ntużaw għall-iskop maħsub tagħhom, li l-informazzjoni ppreżentata mat-talba għall-ħlas hija kompluta, preċiża u affidabbli, u li s-sistemi ta' kontroll stabbiliti jagħtu l-assigurazzjonijiet meħtieġa li l-fondi ġew ġestiti f'konformità mar-regoli applikabbli kollha, b'mod partikolari r-regoli dwar l-evitar ta' kunflitti ta' interess, il-prevenzjoni tal-frodi, il-korruzzjoni u l-finanzjament doppju mill-Fond u minn programmi oħrajn tal-Unjoni f'konformità mal-prinċipju ta' ġestjoni finanzjarja tajba; u

(ii) b'sommarju tal-awditi mwettqa f'konformità mal-istandards tal-awditjar aċċettati internazzjonalment, inkluż il-kamp ta' applikazzjoni ta' dawn l-awditi f'termini tal-ammont ta' nfiq kopert u l-perjodu ta' żmien kopert u l-analiżi tad-dgħufijiet identifikati u kwalunkwe azzjoni korrettiva meħuda;

(a) għall-fini tal-awditjar u l-kontroll u biex tiġi prevista informazzjoni komparabbli dwar l-użu ta' fondi b'rabta mal-miżuri u l-investimenti implimentati taħt il-Pjan, li jiġbru, jirreġistraw u jaħżnu f'sistema elettronika u jiżguraw l-aċċess għall-kategoriji standardizzati ta' *data* li ġejjin:

(i) l-isem tar-riċevituri finali tal-fondi, in-numri tar-reġistrazzjoni tal-VAT tagħhom jew in-numri ta' identifikazzjoni tat-taxxa u l-ammont tal-allokazzjoni finanzjarja mill-Fond;

(ii) l-isem tal-kuntrattur(i) u tas-sottokuntrattur(i) u n-numru/i tar-reġistrazzjoni tal-VAT jew in-numru/i ta' identifikazzjoni tat-taxxa tagħhom fejn ir-riċevitur finali tal-fondi jkun awtorità kontraenti f'konformità mad-dritt tal-Unjoni jew mal-liġi nazzjonali dwar l-akkwist pubbliku, u l-valur tal-kuntratt(i);

(iii) l-isem/ismijiet, il-kunjom(ijiet), id-data tat-twelid u n-numru/i ta' reġistrazzjoni tal-VAT jew in-numru/i ta' identifikazzjoni tat-taxxa tas-sid/sidien benefiċjarju/i tar-riċevitur tal-fondi jew tal-kuntrattur, kif definiti fil-punt (6) tal-Artikolu 3 tad-Direttiva (UE) 2015/849 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[61];

---

[61] Id-Direttiva (UE) 2015/849 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Mejju 2015 dwar il-prevenzjoni tal-użu tas-sistema finanzjarja għall-finijiet tal-ħasil tal-flus jew il-finanzjament tat-terroriżmu, li temenda r-Regolament (UE) Nru 648/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, u li tħassar id-Direttiva 2005/60/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u d-Direttiva tal-Kummissjoni 2006/70/KE (ĠU L 141, 5.6.2015, p. 73).

(iv) lista ta' kwalunkwe miżura u investiment implimentati taħt il-Fond bl-ammont totali ta' finanzjament pubbliku ta' dawk il-miżuri u l-investimenti u li tindika l-ammont ta' fondi mħallsa taħt fondi oħrajn iffinanzjati mill-baġit tal-Unjoni;

(b) li jawtorizzaw espressament lill-Kummissjoni, lill-OLAF, lill-Qorti tal-Awdituri u, fejn applikabbli, lill-UPPE, biex jeżerċitaw id-drittijiet tagħhom kif previst fl-Artikolu 129(1) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 2018/1046 u biex jimponu obbligi fuq ir-riċevituri finali kollha ta' fondi mħallsa għall-implimentazzjoni tal-miżuri u l-investimenti inklużi fil-Pjan, jew lill-persuni jew l-entitajiet l-oħrajn kollha involuti fl-implimentazzjoni tagħhom biex jawtorizzaw espressament lill-Kummissjoni, lill-OLAF, lill-Qorti tal-Awdituri u, fejn applikabbli, lill-UPPE, biex jeżerċitaw id-drittijiet tagħhom kif previst fl-Artikolu 129(1) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 2018/1046 u biex jimponu obbligi simili fuq ir-riċevituri finali kollha tal-fondi żborżati;

(c) li jżommu rekords f'konformità mal-Artikolu 132 tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 2018/1046.

3. Id-*data* personali msemmija fil-punt (d) tal-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu għandha tiġi pproċessata mill-Istati Membri u mill-Kummissjoni għall-fini, u d-durata korrispondenti, tal-proċedimenti ta' kwittanza, awditjar u kontroll, informazzjoni, komunikazzjoni u pubbliċità relatati mal-użu ta' fondi relatati mal-implimentazzjoni tal-ftehimiet imsemmija fl-Artikolu 18. Id-*data* personali għandha tiġi pproċessata f'konformità mar-Regolament (UE) 2016/679 jew mar-Regolament (UE) 2018/1725, skont liema minnhom ikun applikabbli. Fil-qafas tal-proċedura ta' kwittanza lill-Kummissjoni, f'konformità mal-Artikolu 319 tat-TFUE, il-Fond għandu jkun soġġett għal rapportar taħt ir-rapportar finanzjarju u ta' akkontabbiltà integrat imsemmi fl-Artikolu 247 tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 2018/1046 u, b'mod partikolari, separatament fir-Rapport Annwali dwar il-Ġestjoni u l-Prestazzjoni.

4. Il-Kummissjoni għandha tqiegħed għad-dispożizzjoni tal-Istati Membri sistema ta' informazzjoni u monitoraġġ integrata u interoperabbli li tinkludi għodda unika għall-estrazzjoni tad-*data* u l-kejl tar-riskju biex tiġi aċċessata u analizzata d-*data* rilevanti. L-Istati Membri għandhom jużaw l-għodda għall-finijiet ta' awditjar u kontroll biex jevitaw finanzjament doppju u biex jipprevjenu, jidentifikaw u jikkoreġu l-frodi, il-korruzzjoni u l-kunflitti ta' interess b'rabta mal-miżuri u l-investimenti appoġġati mill-Fond. Il-Kummissjoni, l-OLAF, il-Qorti tal-Awdituri u, fejn applikabbli, l-UPPE jistgħu jużaw l-għodda fil-kompetenzi u d-drittijiet imsemmija fil-punt (d) tal-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu.

5. Il-ftehimiet imsemmija fl-Artikolu 18 għandhom jipprevedu wkoll id-dritt tal-Kummissjoni li tnaqqas b'mod proporzjonat l-appoġġ taħt il-Fond u li tirkupra kwalunkwe ammont dovut lill-baġit tal-Unjoni, f'każijiet ta' frodi, korruzzjoni u kunflitti ta' interess li jaffettwaw l-interessi finanzjarji tal-Unjoni li ma jkunux ġew ikkoreġuti mill-Istat Membru, jew ksur serju ta' obbligu li jirriżulta minn tali ftehimiet.

Meta tkun qed tiddeċiedi fuq l-ammont tal-irkupru u t-tnaqqis, il-Kummissjoni għandha tirrispetta l-prinċipju tal-proporzjonalità u għandha tqis is-serjetà tal-frodi, tal-korruzzjoni u tal-kunflitti ta' interess li jaffettwaw l-interessi finanzjarji tal-Unjoni, jew ta' ksur ta' obbligu. L-Istat Membru għandu jingħata l-opportunità li jippreżenta l-osservazzjonijiet tiegħu qabel ma jsir it-tnaqqis.

## KAPITOLU IV

## KOMPLEMENTARJETÀ, MONITORAĠĠ U EVALWAZZJONI

### *Artikolu 21*

### ***Il-koordinazzjoni u l-komplementarjetà***

Il-Kummissjoni u l-Istati Membri kkonċernati għandhom, b'mod proporzjonat mar-responsabbiltajiet rispettivi tagħhom, irawmu sinerġiji u jiżguraw koordinazzjoni effettiva bejn il-Fond u programmi u strumenti oħrajn tal-Unjoni, inklużi l-Programm InvestEU, l-Istrument ta' Appoġġ Tekniku, il-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza, u l-Fondi koperti mir-Regolament (UE) 2021/1060. Għal dak l-iskop, huma għandhom:

(a) jiżguraw il-komplementarjetà, is-sinerġija, il-koerenza u l-konsistenza fost strumenti differenti fil-livelli tal-Unjoni, nazzjonali u, fejn xieraq, reġjonali, kemm fil-fażi tal-ippjanar kif ukoll waqt l-implimentazzjoni;

(b) itejbu kemm jista' jkun il-mekkaniżmi għall-koordinazzjoni biex jevitaw id-duplikazzjoni tal-isforzi; u

(c) jiżguraw kooperazzjoni mill-qrib bejn dawk responsabbli għall-implimentazzjoni u l-kontroll fil-livelli tal-Unjoni, nazzjonali u, fejn xieraq, reġjonali biex jintlaħqu l-objettivi tal-Fond.

### *Artikolu 22*

### ***Informazzjoni, komunikazzjoni u pubbliċità***

1. L-Istati Membri għandhom jagħmlu d-*data* msemmija fil-punt (d), (i), (ii) u (iv) tal-Artikolu 20(2) ta' dan ir-Regolament disponibbli għall-pubbliku u aġġornata f'sit web uniku f'formati miftuħa u li jinqraw mill-magni, kif stabbilit fl-Artikolu 5(1) tad-Direttiva (UE) 2019/1024 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[62], li għandhom jippermettu li d-*data* tiġi magħżula, imfittxija, estratta, imqabbla u użata mill-ġdid. L-informazzjoni msemmija fil-punt (d), (i) u (ii) tal-Artikolu 20(2) ta' dan ir-Regolament ma għandhiex tiġi ppubblikata fil-każijiet imsemmija fl-Artikolu 38(3) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 2018/1046 jew jekk l-appoġġ dirett għall-introjtu mħallas ikun inqas minn EUR 15 000.

2. Ir-riċevituri ta' finanzjament tal-Unjoni għandhom jirrikonoxxu l-oriġini ta' dawk il-fondi u jiżguraw il-viżibbiltà tal-finanzjament tal-Unjoni, b'mod partikolari meta jippromwovu l-azzjonijiet u r-riżultati tagħhom, billi jipprovdu informazzjoni mmirata koerenti, effettiva u proporzjonata lil udjenzi multipli, inklużi l-midja u l-pubbliku.

3. Il-Kummissjoni għandha timplimenta azzjonijiet ta' informazzjoni u komunikazzjoni relatati mal-Fond, mal-azzjonijiet meħuda skont dan ir-Regolament u mar-riżultati

[62] Id-Direttiva (UE) 2019/1024 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ġunju 2019 dwar id-*data* miftuħa u l-użu mill-ġdid tal-informazzjoni tas-settur pubbliku (ĠU L 172, 26.6.2019, p. 56).

miksuba, inkluż, fejn xieraq u bil-qbil tal-awtoritajiet nazzjonali, permezz ta' attivitajiet ta' komunikazzjoni konġunti mal-awtoritajiet nazzjonali u mal-uffiċċji ta' rappreżentanza tal-Parlament Ewropew u tal-Kummissjoni fl-Istat Membru kkonċernat.

*Artikolu 23*

***Il-monitoraġġ tal-implimentazzjoni***

1. Kull Stat Membru kkonċernat għandu, fuq bażi biennali, jirrapporta lill-Kummissjoni dwar l-implimentazzjoni tal-Pjan tiegħu bħala parti mir-rapport ta' progress nazzjonali integrat tiegħu dwar l-enerġija u l-klima skont l-Artikolu 17 tar-Regolament (UE) 2018/1999 u f'konformità mal-Artikolu 28 tiegħu. L-Istati Membri kkonċernati għandhom jinkludu fir-rapport ta' progress tagħhom:

   (a) informazzjoni kwantitattiva dettaljata dwar l-għadd ta' unitajiet domestiċi fil-faqar enerġetiku;

   (b) meta applikabbli, informazzjoni dettaljata dwar il-progress lejn l-objettiv indikattiv nazzjonali biex jitnaqqas l-għadd ta' unitajiet domestiċi fil-faqar enerġetiku;

   (c) informazzjoni dettaljata dwar ir-riżultati tal-miżuri u l-investimenti, inklużi fil-Pjan tagħhom;

   (d) informazzjoni rrapportata dwar il-politiki u l-miżuri tal-gassijiet serra u dwar il-projezzjonijiet, kif ukoll dwar il-faqar enerġetiku, ipprovduta skont l-Artikolu 18 u l-Artikolu 24 tar-Regolament (UE) 2018/1999;

   (e) informazzjoni rrapportata skont l-istrateġiji ta' rinnovazzjoni tal-bini fit-tul skont id-Direttiva 2010/31/UE;

   (f) fl-2027, valutazzjoni tal-Pjan imsemmi fl-Artikolu 17(5) fid-dawl tal-effetti diretti attwali tal-iskema għall-iskambju ta' kwoti tal-emissjonijiet għall-bini u għat-trasport bit-triq stabbilita skont il-Kapitolu IVa tad-Direttiva 2003/087/KE;

   (g) informazzjoni dwar il-bidliet fil-Pjan tagħhom f'konformità mal-Artikolu 17.

2. Il-Kummissjoni għandha tissorvelja l-implimentazzjoni tal-Fond u tkejjel il-kisba tal-objettivi tagħha. Il-monitoraġġ tal-implimentazzjoni għandu jkun immirat u proporzjonat għall-attivitajiet imwettqa taħt il-Fond.

3. Is-sistema ta' rapportar tal-prestazzjoni tal-Kummissjoni għandha tiżgura li d-*data* għall-monitoraġġ tal-implimentazzjoni tal-attivitajiet u tar-riżultati tinġabar b'mod effiċjenti, effettiv u f'waqtu. Għal dak l-għan, għandhom jiġu imposti rekwiżiti ta' rapportar proporzjonati fuq ir-riċevituri tal-finanzjament tal-Unjoni.

4. Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 25 biex tissupplimenta dan ir-Regolament sabiex tistabbilixxi l-indikaturi komuni li għandhom jintużaw għar-rapportar dwar il-progress u għall-fini ta' monitoraġġ u evalwazzjoni tal-Fond lejn il-kisba tal-objettivi stabbiliti fl-Artikolu 1.

## KAPITOLU V

## DISPOŻIZZJONIJIET FINALI

### *Artikolu 24*

### ***L-evalwazzjoni u r-rieżami tal-Fond***

1. Sal-1 ta’ Lulju 2028, il-Kummissjoni għandha tipprovdi lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni b’rapport ta’ evalwazzjoni dwar l-implimentazzjoni u l-funzjonament tal-Fond.

2. Sal-31 ta’ Diċembru 2033, il-Kummissjoni għandha tipprovdi lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni b’rapport ta’ evalwazzjoni *ex post* indipendenti.

3. B’mod partikolari, ir-rapport ta’ evalwazzjoni għandu jivvaluta sa liema punt intlaħqu l-objettivi tal-Fond stabbiliti fl-Artikolu 1, l-effiċjenza tal-użu tar-riżorsi u l-valur miżjud tal-Unjoni. Dan għandu jqis ir-rilevanza kontinwa tal-objettivi u l-azzjonijiet kollha stabbiliti fl-Artikolu 6 fid-dawl tal-impatt fuq l-emissjonijiet tal-gassijiet serra mill-iskema għall-iskambju ta’ kwoti tal-emissjonijiet għall-bini u għat-trasport bit-triq skont il-Kapitolu IVa tad-Direttiva 2003/87/KE u mill-miżuri nazzjonali meħuda biex jintlaħaq it-tnaqqis annwali vinkolanti tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra mill-Istati Membri skont ir-Regolament (UE) 2018/842 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[63]. Dan għandu jqis ukoll ir-rilevanza kontinwa tal-pakkett finanzjarju tal-Fond b’rabta mal-iżviluppi possibbli li jikkonċernaw l-irkantar tal-kwoti taħt l-iskema għall-iskambju ta’ kwoti tal-emissjonijiet għall-bini u għat-trasport bit-triq skont il-Kapitolu IVa tad-Direttiva 2003/87/KE u kunsiderazzjonijiet rilevanti oħrajn.

4. Fejn xieraq, ir-rapport ta’ evalwazzjoni għandu jkun akkumpanjat minn proposta għal emendi għal dan ir-Regolament.

5. Ir-rapport ta’ evalwazzjoni *ex post* għandu jikkonsisti f’valutazzjoni globali tal-Fond u għandu jinkludi informazzjoni dwar l-impatt tiegħu.

### *Artikolu 25*

### ***Eżerċitar tad-delega***

1. Is-setgħa ta’ adozzjoni ta’ atti delegati għandha tingħata lill-Kummissjoni suġġett għall-kundizzjonijiet stabbiliti f'dan l- Artikolu.

2. Is-setgħa ta’ adozzjoni ta’ atti delegati msemmija fl-Artikolu 23(4) għandha tiġi mogħtija lill-Kummissjoni għal perjodu ta’ żmien indeterminat.

---

63 Ir-Regolament (UE) 2018/842 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta’ Mejju 2018 dwar it-tnaqqis annwali vinkolanti tal-emissjonijiet ta’ gassijiet serra mill-Istati Membri mill-2021 sal-2030 li jikkontribwixxi għall-azzjoni klimatika biex jiġu onorati l-impenji li saru fil-Ftehim ta’ Pariġi, u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 525/2013 (ĠU L 156, 19.6.2018, p. 26-42).

3. Id-delegi tas-setgħa msemmija fl-Artikolu 23(4) jistgħu jiġu rrevokati fi kwalunkwe mument mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill. Deċiżjoni li tirrevoka għandha ttemm id-delega tas-setgħa speċifikata f'dik id-deċiżjoni. Din għandha ssir effettiva l-għada tal-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* jew f'data aktar tard speċifikata fih. Ma għandhiex taffettwa l-validità ta' kwalunkwe att delegat li jkun diġà fis-seħħ.

4. Qabel ma tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tikkonsulta esperti nnominati minn kull Stat Membru skont il-prinċipji stipulati fil-Ftehim Interistituzzjonali dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet tat-13 ta' April 2016.

5. Hekk kif tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tinnotifikah simultanjament lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

6. Att delegat adottat skont l-Artikolu 23(4) għandu jidħol fis-seħħ biss jekk ma tiġix espressa oġġezzjoni mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill fi żmien xahrejn min-notifika ta' dak l-att lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jew jekk, qabel ma jiskadi dak il-perjodu, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ikunu t-tnejn infurmaw lill-Kummissjoni li mhumiex sejrin joġġezzjonaw. Dak il-perjodu għandu jiġi estiż b'xahrejn fuq l-inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill.

*Artikolu 26*

***Dħul fis-seħħ***

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Huwa għandu japplika mid-data sa meta l-Istati Membri għandhom idaħħlu fis-seħħ il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi meħtieġa biex jikkonformaw mad-Direttiva (UE) [ssss/nnn] tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[64] li temenda d-Direttiva 2003/87/KE fir-rigward tal-Kapitolu IVa tad-Direttiva 2003/87/KE.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell,

| | |
|---|---|
| *Għall-Parlament Ewropew*<br>*Il-President* | *Għall-Kunsill*<br>*Il-President* |

64 [Id-Direttiva (UE) ssss/nnn tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill…. (ĠU …..).] [Direttiva li temenda d-Direttiva 2003/87/KE]

## DIKJARAZZJONI FINANZJARJA LEĠIŻLATTIVA

### 1. QAFAS TAL-PROPOSTA/TAL-INIZJATTIVA

#### 1.1. Titolu tal-proposta/tal-inizjattiva

#### 1.2. Qasam/Oqsma ta’ politika kkonċernat(i)

#### 1.3. Il-proposta/l-inizjattiva hija relatata ma’:

#### 1.4. Objettiv(i)

*1.4.1. Objettiv(i) ġenerali*

*1.4.2. Objettiv(i) speċifiku/speċifiċi*

*1.4.3. Riżultat(i) u impatt mistennija*

*1.4.4. Indikaturi tal-prestazzjoni*

#### 1.5. Raġunijiet għall-proposta/għall-inizjattiva

*1.5.1. Rekwiżit(i) li jrid(u) jiġi/u ssodisfat(i) fuq terminu qasir jew twil inkluża kronoloġija dettaljata għat-tnedija tal-implimentazzjoni tal-inizjattiva*

*1.5.2. Valur miżjud tal-involviment tal-Unjoni (dan jista’ jirriżulta minn fatturi differenti, eż. il-gwadanji mill-koordinazzjoni, iċ-ċertezza legali, effettività akbar jew il-komplementarjetajiet). Għall-finijiet ta’ dan il-punt, il-“valur miżjud tal-involviment tal-Unjoni” huwa l-valur li jirriżulta mill-intervent tal-Unjoni li jkun addizzjonali għall-valur illi kieku kien jinħoloq mill-Istati Membri waħedhom.*

*1.5.3. Tagħlimiet meħuda minn esperjenzi simili fl-imgħoddi*

*1.5.4. Kompatibbiltà mal-qafas finanzjarju pluriennali u sinerġiji possibbli ma’ strumenti xierqa oħra*

*1.5.5. Valutazzjoni tal-għażliet differenti ta’ finanzjament disponibbli, inkluż l-ambitu għar-riallokazzjoni*

#### 1.6. Durata u impatt finanzjarju tal-proposta/tal-inizjattiva

#### 1.7. Mod(i) ta’ ġestjoni ppjanat/i

### 2. MIŻURI TA’ ĠESTJONI

#### 2.1. Regoli ta’ monitoraġġ u ta’ rapportar

#### 2.2. Sistema/i ta’ ġestjoni u ta’ kontroll

*2.2.1. Ġustifikazzjoni tal-mod(i) ta’ ġestjoni, tal-mekkaniżmu/i għall-implimentazzjoni tal-finanzjament, tal-modalitajiet ta’ pagament u tal-istrateġija ta’ kontroll proposta*

*2.2.2. Informazzjoni dwar ir-riskji identifikati u s-sistema/i ta’ kontroll intern stabbilita/i għall-mitigazzjoni tagħhom*

*2.2.3. Stima u ġustifikazzjoni tal-kosteffettività tal-kontrolli (proporzjon tal-“kostijiet tal-kontroll ÷ il-valur tal-fondi relatati ġestiti”), u valutazzjoni tal-livelli mistennija tar-riskju ta’ żball (mal-ħlas u fl-għeluq)*

#### 2.3. Miżuri għall-prevenzjoni ta’ frodi u ta’ irregolaritajiet

## 3. IMPATT FINANZJARJU STMAT TAL-PROPOSTA/TAL-INIZJATTIVA

### 3.1. Intestatura/i tal-qafas finanzjarju pluriennali u l-linja/i baġitarja/i tan-nefqa affettwata/i

### 3.2. Impatt finanzjarju stmat tal-proposta fuq l-approprjazzjonijiet

*3.2.1. Sommarju tal-impatt stmat fuq l-approprjazzjonijiet operazzjonali*

*3.2.2. Sommarju tal-impatt stmat fuq l-approprjazzjonijiet amministrattivi*

*3.2.2.1. Rekwiżiti stmati ta' riżorsi umani*

*3.2.3. Kompatibbiltà mal-qafas finanzjarju pluriennali attwali*

*3.2.4. Kontribuzzjonijiet ta' partijiet terzi*

### 3.3. Impatt stmat fuq id-dħul

# DIKJARAZZJONI FINANZJARJA LEĠIŻLATTIVA

1. QAFAS TAL-PROPOSTA/TAL-INIZJATTIVA

1.1. Titolu tal-proposta/tal-inizjattiva

| |
|---|
| Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi Fond Soċjali għall-Klima |

1.2. Qasam/Oqsma ta' politika kkonċernat(i)

| |
|---|
| L-ambjent u l-azzjoni klimatika, il-faqar enerġetiku, il-promozzjoni tal-effiċjenza enerġetika u l-iffrankar tal-enerġija, il-promozzjoni ta' mezzi sostenibbli tat-trasport |

1.3. Il-proposta/l-inizjattiva hija relatata ma':

☒ **azzjoni ġdida**

☐ **azzjoni ġdida b'segwitu għal proġett pilota/azzjoni preparatorja**[65]

☐ **l-estensjoni ta' azzjoni eżistenti**

☐ **fużjoni jew ridirezzjonar ta' azzjoni waħda jew aktar lejn azzjoni oħra/ġdida**

1.4. Objettiv(i)

1.4.1. Objettiv(i) ġenerali

| |
|---|
| L-objettiv ġenerali tal-Fond huwa li jikkontribwixxi għat-tranżizzjoni lejn in-newtralità klimatika billi jindirizza l-impatti soċjali tal-inklużjoni tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra mill-bini u mit-trasport bit-triq fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 2003/87/KE. |

1.4.2. Objettiv(i) speċifiku/speċifiċi

| |
|---|
| L-objettiv speċifiku tal-Fond huwa li jappoġġa lill-unitajiet domestiċi vulnerabbli, il-mikrointrapriżi vulnerabbli u l-utenti tat-trasport vulnerabbli permezz ta' miżuri u investimenti maħsuba biex iżidu l-effiċjenza enerġetika tal-bini permezz ta' miżuri bħar-rinnovazzjoni tal-bini, biex jiddekarbonizzaw it-tisħin u t-tkessiħ tal-bini, inkluża l-integrazzjoni tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli, u biex jiffinanzjaw l-użu ta' mobbiltà u trasport b'emissjonijiet żero u baxxi. |

1.4.3. Riżultat(i) u impatt mistennija

*Speċifika l-effetti li l-proposta/l-inizjattiva jenħtieġ li jkollha fuq il-benefiċjarji/il-gruppi fil-mira.*

| |
|---|
| Il-Fond jikkontribwixxi biex tintlaħaq il-mira globali riveduta tal-UE ta' tnaqqis nett ta' mill-inqas -55 % tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra fl-2030, meta mqabbla mal-1990, billi jappoġġa l-investimenti meħtieġa u jtaffi l-impatti soċjali fuq l-aktar gruppi vulnerabbli.<br><br>Il-fondi tal-Fond jenħtieġ li jiġu pprovduti lill-Istati Membri biex jappoġġaw il-miżuri u l-investimenti tagħhom maħsuba biex iżidu l-effiċjenza enerġetika tal-bini, biex iwettqu rinnovazzjoni tal-bini, u biex jiddekarbonizzaw it-tisħin u t-tkessiħ tal-bini, inkluża l-integrazzjoni tal-produzzjoni tal-enerġija minn sorsi tal-enerġija rinnovabbli u biex jiffinanzjaw il-mobbiltà u t-trasport b'emissjonijiet żero u baxxi. |

1.4.4. Indikaturi tal-prestazzjoni

[65] Kif imsemmi fl-Artikolu 58(2)(a) jew (b) tar-Regolament Finanzjarju.

*Speċifika l-indikaturi għall-monitoraġġ tal-progress u tal-kisbiet.*

| |
|---|
| Indikaturi tal-output |
| Indikatur nru 1: l-għadd ta’ pjanijiet kif approvati mill-Kummissjoni |
| Indikatur nru 2: l-allokazzjoni finanzjarja globali allokata lill-pjanijiet |
| Indikaturi tar-riżultati: |
| Indikatur nru 3: l-għadd ta’ pjanijiet implimentati |
| Indikaturi tal-impatt: |
| Indikatur nru 4: l-objettivi milħuqa li huma stabbiliti fil-pjanijiet |

1.5. Raġunijiet għall-proposta/għall-inizjattiva

1.5.1. Rekwiżit(i) li jrid(u) jiġi/u ssodisfat(i) fuq terminu qasir jew twil inkluża kronoloġija dettaljata għat-tnedija tal-implimentazzjoni tal-inizjattiva

Kull Stat Membru għandu jikkonforma mar-rekwiżiti deskritti fir-Regolament. Dan se jtaffi l-iżbilanċi soċjali bejn u fi ħdan l-Istati Membri meta dawn ikunu qed ifittxu li jilħqu l-mira aġġornata li jnaqqsu l-emissjonijiet netti ta’ gassijiet serra b’55 %, meta mqabbla mal-1990, speċjalment fir-rigward tal-iskambju ta’ kwoti tal-emissjonijiet għall-bini u għat-trasport bit-triq.

Il-Fond għandu jkun applikabbli mill-2025 sal-2032.

1.5.2. Valur miżjud tal-involviment tal-Unjoni (dan jista’ jirriżulta minn fatturi differenti, eż. il-gwadanji mill-koordinazzjoni, iċ-ċertezza legali, effettività akbar jew il-komplementarjetajiet). Għall-finijiet ta’ dan il-punt, il-“valur miżjud tal-involviment tal-Unjoni” huwa l-valur li jirriżulta mill-intervent tal-Unjoni li jkun addizzjonali għall-valur illi kieku kien jinħoloq mill-Istati Membri waħedhom.

<u>Raġunijiet għall-azzjoni fil-livell Ewropew (ex ante)</u>

It-tibdil fil-klima huwa problema transkonfinali u l-azzjoni tal-UE tista’ tikkomplementa u ssaħħaħ b’mod effettiv l-azzjoni nazzjonali. Iż-żieda tal-mira tal-2030 għat-tnaqqis tal-gassijiet serra tal-UE se jkollha impatt fuq ħafna setturi madwar l-ekonomija tal-UE u, għalhekk, huwa indispensabbli li tittieħed azzjoni kkoordinata, kif ukoll li jiġi pprovdut appoġġ finanzjarju fil-livell tal-UE. F’konformità mal-Artikolu 191(1) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (“TFUE”), il-politika tal-Unjoni dwar l-ambjent għandha tikkontribwixxi għall-preservazzjoni, il-protezzjoni u t-titjib tal-kwalità tal-ambjent; kif ukoll għall-promozzjoni ta’ miżuri fil-livell internazzjonali sabiex jiġu ttrattati problemi ambjentali reġjonali jew globali u, b’mod partikolari, għall-ġlieda kontra t-tibdil fil-klima. Il-politika tal-Unjoni dwar l-ambjent timmira għal livell għoli ta’ protezzjoni filwaqt li titqies id-diversità ta’ sitwazzjonijiet fid-diversi reġjuni tal-Unjoni.

Barra minn hekk, f’konformità mal-Artikolu 194(1)(c) tat-TFUE, fl-ispirtu ta’ solidarjetà bejn l-Istati Membri, il-politika tal-Unjoni dwar l-enerġija għandha timmira, b’mod partikolari, li tippromwovi l-effiċjenza enerġetika u l-iffrankar tal-enerġija, kif ukoll l-iżvilupp ta’ forom ġodda u rinnovabbli ta’ enerġija.

Il-Fond jeħtieġ ukoll li jindirizza s-sitwazzjoni tal-utenti tat-trasport vulnerabbli. Jenħtieġ li dan jappoġġa miżuri maħsuba biex jiffaċilitaw l-aċċess tagħhom għal soluzzjonijiet ta’ mobbiltà u trasport b’emissjonijiet żero u baxxi, inkluż it-trasport

pubbliku, u b'hekk jikkontribwixxi biex jintlaħqu l-objettivi tal-politika komuni tat-trasport kif indikat fl-Artikolu 91(1)(d) tat-TFUE.

Il-Fond huwa stabbilit biex itaffi l-piż soċjali mill-iskambju ta' kwoti tal-emissjonijiet għall-bini u għat-trasport bit-triq billi jappoġġa l-miżuri u l-investimenti tal-Istati Membri maħsuba biex iżidu l-effiċjenza enerġetika tal-bini, biex iwettqu rinnovazzjoni tal-bini, u biex jiddekarbonizzaw it-tisħin u t-tkessiħ tal-bini, inklużi l-integrazzjoni tal-produzzjoni tal-enerġija minn sorsi tal-enerġija rinnovabbli u l-iffinanzjar ta' mobbiltà u trasport b'emissjonijiet żero u baxxi.

Valur miżjud tal-Unjoni li mistenni jkun iġġenerat (*ex post*)

L-appoġġ finanzjarju mill-Fond se jitqassam b'mod ġust u xieraq biex jiġu indirizzati l-impatti soċjali fuq l-aktar gruppi vulnerabbli ta' ċittadini tal-UE fl-Istati Membri kollha. Sabiex jirċievu finanzjament, l-Istati Membri għandhom jistabbilixxu Pjanijiet Soċjali għall-Klima li jelenkaw l-attivitajiet (il-miżuri u l-investimenti) li beħsiebhom jiffinanzjaw mill-Fond. Il-finanzjament mill-baġit tal-Unjoni jikkonċentra fuq attivitajiet li l-objettivi tagħhom ma jistgħux jintlaħqu b'mod suffiċjenti mill-Istati Membri weħidhom ("test tan-neċessità"), u fejn l-intervent tal-Unjoni jista' jġib valur addizzjonali meta mqabbel mal-azzjoni tal-Istati Membri weħidhom. Hija meħtieġa azzjoni fil-livell tal-Unjoni biex jiġi kkoordinat rispons xieraq għall-isfidi soċjali mill-iskambju ta' kwoti tal-emissjonijiet għas-setturi tal-bini u tat-trasport bit-triq ("test tal-effettività"). Dan l-għan ma jistax jintlaħaq b'mod suffiċjenti mill-Istati Membri li jaġixxu weħidhom, filwaqt li l-intervent tal-Unjoni jista' jġib valur addizzjonali billi jistabbilixxi strument immirat biex jappoġġa lill-Istati Membri finanzjarjament fir-rigward tat-tfassil u l-implimentazzjoni tal-miżuri u l-investimenti meħtieġa.

1.5.3. Tagħlimiet meħuda minn esperjenzi simili fl-imgħoddi

Dan il-Fond jibni fuq l-esperjenza miksuba fl-implimentazzjoni ta' finanzjamenti oħra tal-Unjoni. L-istabbiliment u l-implimentazzjoni tal-Fond isegwu l-prinċipji ewlenin tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza ("RRF").

1.5.4. Kompatibbiltà mal-qafas finanzjarju pluriennali u sinerġiji possibbli ma' strumenti xierqa oħra

L-objettiv tan-newtralità klimatika tal-Patt Ekoloġiku Ewropew u tal-Liġi Ewropea dwar il-Klima, u t-tranżizzjoni doppja ekoloġika u diġitali huma prijorità ewlenija tal-Unjoni Ewropea. Il-pakkett "lesti għall-mira ta' 55 %", Next Generation EU u l-qafas finanzjarju pluriennali għall-perjodu 2021-2027 se jgħinu biex tinkiseb it-tranżizzjoni doppja ekoloġika u diġitali li qed timmira għaliha l-Ewropa. Il-kombinazzjoni ta' dawn il-politiki se tindirizza l-kriżi ekonomika wara l-pandemija tal-COVID-19 u taċċellera l-bidla għal ekonomija nadifa u sostenibbli, billi tgħaqqad l-azzjoni klimatika u t-tkabbir ekonomiku.

Din il-proposta hija parti mill-pakkett dwar il-klima u l-enerġija "Lesti għall-Mira ta' 55 %". L-objettiv ġenerali tal-pakkett huwa li l-leġiżlazzjoni tal-Unjoni tiġi allinjata mal-ambizzjoni klimatika miżjuda tal-UE. L-inizjattivi kollha fil-pakkett huma interkonnessi mill-qrib, u kull waħda tiddependi mit-tfassil tal-oħrajn. Din il-proposta leġiżlattiva hija komplementari għall-proposti magħmula fil-pakkett u żżomm il-konsistenza magħhom.

Il-Fond se jiġi ffinanzjat taħt l-Intestatura 3 "Riżorsi Naturali u Ambjent" tal-qafas finanzjarju pluriennali, u fin-nomenklatura baġitarja annwali bħala parti mir-raggruppament 9 "Politika ta' Azzjoni dwar l-Ambjent u l-Klima".

Fil-prinċipju, jenħtieġ li d-daqs tal-Fond Soċjali għall-Klima jkun jikkorrispondi għal 25 % tad-dħul mistenni mill-inklużjoni tat-trasport bit-triq u tal-bini fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 2003/87/KE. Il-Kummissjoni dalwaqt se tagħmel proposta għal emenda tad-Deċiżjoni dwar ir-Riżorsi Proprji, li skontha l-Istati Membri jenħtieġ li jagħmlu dak id-dħul disponibbli għall-baġit tal-Unjoni bħala riżorsi proprji.

Ammont ekwivalenti għas-sehem imsemmi hawn fuq se jkun disponibbli taħt il-qafas finanzjarju pluriennali biex jappoġġa l-Fond. Għal dan l-għan, il-Kummissjoni dalwaqt se tipproponi reviżjoni mmirata tal-qafas finanzjarju pluriennali sabiex il-limitu massimu fl-approprjazzjonijiet ta' impenn tal-Intestatura 3 "Riżorsi Naturali u Ambjent" jiżdied b'ammont ta' EUR 2 176 miljun fl-2025, EUR 9 132 miljun fl-2026 u EUR 8 786 miljun fl-2027, fi prezzijiet tal-2018.

Fid-dawl tal-fatt li ż-żidiet proposti fil-limitu massimu fl-impenji se jirriżultaw f'żieda ekwivalenti fil-ħtiġijiet tal-ħlas, b'hekk, il-Kummissjoni tipproponi li tirrevedi l-limitu massimu tal-ħlas għas-snin 2025, 2026 u 2027 bl-istess ammonti.

Fir-rigward tas-sinerġiji ma' strumenti oħrajn, l-aktar rilevanti hija l-RRF, li diġà qed tippermetti lill-Istati Membri jiffinanzjaw miżuri biex jitnaqqas il-faqar enerġetiku. L-RRF se tikkompleta l-iżborżi finanzjarji tagħha lill-Istati Membri sal-aħħar tal-2026, b'hekk, dan il-Fond Soċjali għall-Klima se jikkomplementaha fil-ħin u fil-kamp ta' applikazzjoni b'enfasi fuq dawk l-aktar vulnerabbli. Bl-istess mod, il-Fond għal Tranżizzjoni Ġusta u, speċjalment, il-parti tal-finanzjament tiegħu minn NextGeneration EU se jiġu fi tmiemhom ftit wara l-bidu tal-Fond Soċjali għall-Klima.

1.5.5. Valutazzjoni tal-għażliet differenti ta' finanzjament disponibbli, inkluż l-ambitu għar-riallokazzjoni

Il-Fond se jkun komplementari u se jiżgura sinerġiji ma' programmi oħra tal-Unjoni, notevolment il-proġetti ffinanzjati mill-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza.

Abbażi tal-Pjanijiet Soċjali għall-Klima tal-Istati Membri, il-Fond se jipprovdi appoġġ finanzjarju mhux ripagabbli għall-kofinanzjament ta' skemi nazzjonali li jipprovdu appoġġ għal unitajiet domestiċi bi dħul baxx primarjament permezz ta' appoġġ għall-investiment u, kif meħtieġ, permezz ta' appoġġ temporanju għall-introjtu.

1.6. Durata u impatt finanzjarju tal-proposta/tal-inizjattiva

☒ **durata limitata**

☐ fis-seħħ minn [JJ/XX]SSSS sa [JJ/XX]SSSS

☒ Impatt finanzjarju mill-2025 sal-2032 għall-approprjazzjonijiet ta' impenn u mill-2025 sal-2032 għall-approprjazzjonijiet ta' pagament.

☐ **durata mhux limitata**

☐ Implimentazzjoni b'perjodu ta' tnedija minn SSSS sa SSSS, segwita minn operazzjoni fuq skala sħiħa.

1.7. Mod(i) ta' ġestjoni ppjanat/i[66]

☒ **Ġestjoni diretta** mill-Kummissjoni

☒ mid-dipartimenti tagħha, inkluż mill-persunal tagħha fid-delegazzjonijiet tal-Unjoni;

☐ mill-aġenziji eżekuttivi

☐ **Ġestjoni kondiviża** mal-Istati Membri

☐ **Ġestjoni indiretta** billi jiġu fdati kompiti ta' implimentazzjoni baġitarja:

☐ lill-pajjiżi terzi jew lill-korpi nnominati minnhom;

☐ lill-organizzazzjonijiet internazzjonali u lill-aġenziji tagħhom (iridu jiġu speċifikati);

☐ lill-BEI u lill-Fond Ewropew tal-Investiment;

☐ lill-korpi msemmija fl-Artikoli 70 u 71 tar-Regolament Finanzjarju;

☐ lill-korpi tal-liġi pubblika;

☐ lill-korpi regolati mid-dritt privat b'missjoni ta' servizz pubbliku safejn jipprovdu garanziji finanzjarji adegwati;

☐ lill-korpi regolati mid-dritt privat ta' Stat Membru li huma fdati bl-implimentazzjoni ta' sħubija pubblika-privata u li jipprovdu garanziji finanzjarji adegwati;

☐ lill-persuni fdati bl-implimentazzjoni ta' azzjonijiet speċifiċi fil-PESK skont it-Titolu V tat-TUE, u identifikati fl-att bażiku rilevanti.

*Jekk jiġi indikat iżjed minn mod ta' ġestjoni wieħed, jekk jogħġbok ipprovdi d-dettalji fit-taqsima "Kummenti".*

Kummenti

| |
|---|
| N/A |

[66] Id-dettalji tal-modi ta' ġestjoni u r-referenzi għar-Regolament Finanzjarju jinsabu fuq is-sit BudgWeb: https://myintracomm.ec.europa.eu/budgweb/EN/man/budgmanag/Pages/budgmanag.aspx

## 2. MIŻURI TA' ĠESTJONI

### 2.1. Regoli ta' monitoraġġ u ta' rapportar

*Speċifika l-frekwenza u l-kundizzjonijiet.*

Sabiex tiġi ssorveljata l-prestazzjoni tal-implimentazzjoni tal-Fond, se tiġi stabbilita sistema għat-talba u l-eżekuzzjoni ta' pagamenti mill-Fond.

Sabiex jirċievu fondi mill-Fond, jenħtieġ li l-Istati Membri jiżviluppaw il-Pjanijiet Soċjali għall-Klima ("Pjanijiet") tagħhom biex jistabbilixxu l-miżuri u l-investimenti li għandhom jiġu ffinanzjati. Il-Kummissjoni għandha tivvaluta dawk il-Pjanijiet u tista' tapprovahom biss wara valutazzjoni pożittiva bbażata fuq ir-rilevanza, l-effettività, l-effiċjenza u l-koerenza tagħhom. L-iżborż tal-allokazzjoni finanzjarja se jsegwi l-ikkompletar tal-objettivi intermedji u tal-miri miftiehma mal-Istat Membru kkonċernat. L-għażla taż-żmien għas-sottomissjoni tal-Pjanijiet, kif ukoll iċ-ċikli ta' rapportar tal-progress huma allinjati mal-aġġornamenti tal-pjanijiet nazzjonali integrati dwar l-enerġija u l-klima sottomessi skont ir-Regolament (UE) 2018/1999.

Għal dak l-iskop, darbtejn fis-sena, l-Istati Membri jistgħu jitolbu pagament taħt il-Fond li jenħtieġ li jkun akkumpanjat minn evidenza dwar il-progress li jkun sar lejn l-objettivi intermedji u l-miri. Jenħtieġ li l-Istati Membri jagħmlu rapportar lill-Kummissjoni dwar il-progress li jkun sar għall-implimentazzjoni tal-miżuri u l-investimenti skont il-pjanijiet tagħhom fir-rapportar biennali dwar il-progress fl-implimentazzjoni tal-pjanijiet nazzjonali għall-enerġija u l-klima (NECPs) tagħhom skont ir-Regolament dwar il-Governanza.

Se jitwettqu evalwazzjoni u evalwazzjoni *ex post* bil-ħsieb li jiġu vvalutati l-effettività, l-effiċjenza, ir-rilevanza u l-koerenza tal-Fond. Fejn xieraq, il-Kummissjoni se takkumpanja l-evalwazzjoni bi proposta għal rieżami tar-Regolament.

### 2.2. Sistema/i ta' ġestjoni u ta' kontroll

#### 2.2.1. Ġustifikazzjoni tal-mod(i) ta' ġestjoni, tal-mekkaniżmu/i għall-implimentazzjoni tal-finanzjament, tal-modalitajiet ta' pagament u tal-istrateġija ta' kontroll proposta

Il-finanzjament tal-azzjonijiet inklużi fil-Pjanijiet sottomessi mill-Istati Membri, b'kontribuzzjonijiet nazzjonali, huwa l-aktar soluzzjoni xierqa. Il-ġestjoni diretta flimkien ma' strument ibbażat fuq il-prestazzjoni tiżgura bl-aħjar mod ir-riżultati għall-flus u timminimizza l-istrutturi amministrattivi involuti fil-proċess, u b'hekk tnaqqas ukoll il-kumplessità u l-kostijiet amministrattivi.

Il-Fond huwa mistenni jkollu l-iskeda ta' żmien li ġejja:

Minn nofs l-2023, l-Istati Membri jistgħu jibdew jissottomettu l-abbozzi tal-pjanijiet tagħhom għall-użu tal-Fond.

Fl-aħħar tal-2023 u fil-bidu tal-2024, is-Servizzi tal-Kummissjoni jkollhom jibdew iħejju l-atti delegati dwar ir-rekwiżiti ta' rapportar taħt il-Fond.

It-30 ta' Ġunju 2024 hija d-data ppjanata għad-dħul fis-seħħ tar-Regolament biex jiġi stabbilit il-Fond.

It-30 ta' Ġunju 2024 hija wkoll l-iskadenza sa meta l-Istati Membri jkollhom bżonn jissottomettu uffiċjalment il-Pjanijiet tagħhom lill-Kummissjoni. Madankollu, kif imsemmi hawn fuq, huma jistgħu jibdew jissottomettu dawn il-pjanijiet diġà f'nofs l-

2023, minħabba li dawn għandhom jiġu sottomessi f'konformità mal-NECPs skont ir-Regolament dwar il-Governanza.

Bejn it-30 ta' Ġunju u l-31 ta' Diċembru 2024, il-Kummissjoni għandha tivvaluta l-Pjanijiet għall-użu tal-Fond u eventwalment tadotta atti delegati għall-approvazzjoni tagħhom. Dan se jkun ammont enormi ta' xogħol, meta wieħed iżomm f'moħħu li qed nipprevedu l-istess sistema bħal dik għall-Faċilità/Pjanijiet għall-Irkupru u r-Reżiljenza.

Mill-bidu tal-2025, il-Kummissjoni se tibda tiffirma Ftehimiet individwali mal-Istati Membri dwar l-użu tal-Fond – dawn se jkunu l-impenji finanzjarji għall-użu tal-flus mill-Istati Membri taħt il-Fond.

Minn nofs l-2025, l-Istati Membri jistgħu jibdew jitolbu pagamenti mill-Fond. L-Istati Membri jistgħu jitolbu pagamenti mill-Fond darbtejn fis-sena. Il-pagamenti se jsiru mal-valutazzjoni tal-objettivi intermedji u l-miri kompluti.

2.2.2. Informazzjoni dwar ir-riskji identifikati u s-sistema/i ta' kontroll intern stabbilita/i għall-mitigazzjoni tagħhom

Ir-riskju jirrigwardja l-kejl tal-prestazzjoni (in-nuqqas ta' kisba ta' miri /objettivi intermedji definiti minn qabel).

Il-miżuri li se jiġu implimentati biex itaffu dawn ir-riskji huma dawn li ġejjin:

– proċess ta' evalwazzjoni bir-reqqa qabel l-iżborż ta' fondi biex jintlaħqu l-objettivi intermedji/il-miri mill-Istati Membri benefiċjarji;

– l-attivazzjoni tas-sospensjoni, l-irkupru tal-fondi, it-terminazzjoni tal-ftehimiet fil-każ ta' nuqqas ta' kisba tal-objettivi intermedji/miri mill-Istati Membri benefiċjarji jew fil-każ ta' irregolaritajiet serji jew ksur tal-obbligi fil-ftehimiet mal-Istati Membri.

Il-Fond se jiġi implimentat f'ġestjoni diretta mill-Kummissjoni f'konformità mar-Regolament Finanzjarju.

2.2.3. Stima u ġustifikazzjoni tal-kosteffettività tal-kontrolli (proporzjon tal-"kostijiet tal-kontroll ÷ il-valur tal-fondi relatati ġestiti"), u valutazzjoni tal-livelli mistennija tar-riskju ta' żball (mal-ħlas u fl-għeluq)

L-allokazzjoni finanzjarja se tiġi pprovduta lill-Istati Membri fil-forma ta' finanzjament mhux marbut mal-kostijiet.

2.3. Miżuri għall-prevenzjoni ta' frodi u ta' irregolaritajiet

*Speċifika l-miżuri ta' prevenzjoni u ta' protezzjoni eżistenti jew previsti, eż. mill-Istrateġija Kontra l-Frodi.*

Ir-Regolament fih id-dispożizzjonijiet meħtieġa biex jiġi żgurat li l-implimentazzjoni tal-Fond tkun konformi mal-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni.

Il-proċessi xierqa ta' kontroll intern se japplikaw fil-livelli ta' ġestjoni u jitfasslu biex jipprovdu assigurazzjoni raġonevoli li se jintlaħqu l-objettivi li ġejjin: l-effettività, l-effiċjenza u l-ekonomija tal-operazzjonijiet; l-affidabbiltà tar-rapportar; is-salvagwardja tal-assi u tal-informazzjoni; il-ġestjoni adegwata tar-riskji relatati mal-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet sottostanti, u l-prevenzjoni, l-identifikazzjoni, u l-korrezzjoni ta' frodi, korruzzjoni, kunflitti ta' interess, irregolaritajiet u finanzjament doppju mill-Fond u minn programmi oħrajn tal-Unjoni.

3. IMPATT FINANZJARJU STMAT TAL-PROPOSTA/TAL-INIZJATTIVA

3.1. Intestatura/i tal-qafas finanzjarju pluriennali u l-linja/i baġitarja/i tan-nefqa affettwata/i

Linji baġitarji ġodda mitluba

*<u>Skont</u> l-ordni tal-intestaturi tal-qafas finanzjarju pluriennali u tal-linji baġitarji.*

| Intestatura tal-qafas finanzjarju pluriennali | Linja baġitarja | Tip ta' nefqa | Kontribuzzjoni | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| | Numru | Diff./Mhux diff. | mill-pajjiżi tal-EFTA | mill-pajjiżi kandidati | minn pajjiżi terzi | skont it-tifsira tal-Artikolu 21(2)(b) tar-Regolament Finanzjarju |
| 3 | 09 01 04 01 – Nefqa ta’ appoġġ għall-Fond Soċjali għall-Klima | Mhux diff. | LE | LE | LE | LE |
| 3 | 09 05 01- Il-Fond Soċjali għall-Klima – Nefqa operazzjonali | Diff. | LE | LE | LE | LE |

3.2. Impatt finanzjarju stmat tal-proposta fuq l-approprjazzjonijiet

3.2.1. Sommarju tal-impatt stmat fuq l-approprjazzjonijiet operazzjonali

☐ Il-proposta/l-inizjattiva ma teħtieġx l-użu ta' approprjazzjonijiet operazzjonali

☒ Il-proposta/l-inizjattiva teħtieġ l-użu ta' approprjazzjonijiet operazzjonali, kif spjegat hawn taħt:

| **Intestatura tal-qafas finanzjarju pluriennali** | 3 | RIŻORSI NATURALI U AMBJENT |
|---|---|---|

miljuni ta' EUR (għal tliet pożizzjonijiet deċimali)

| | | | **2025** | **2026** | **2027** | **2028** | **2029** | **2030** | **2031** | **2032** | **TOTAL** |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Approprjazzjonijiet operazzjonali | | | | | | | | | | | |
| 09 05 01 | Impenji | -1 | 2.495,000 | 10.695,000 | 10.495,000 | 10.145,000 | 9.945,000 | 9.745,000 | 9.495,000 | 9.145,000 | **72.160,000** |
| | Pagamenti | -2 | 2.495,000 | 10.695,000 | 10.495,000 | 10.145,000 | 9.945,000 | 9.745,000 | 9.495,000 | 9.145,000 | **72.160,000** |
| Approprjazzjonijiet ta' natura amministrattiva ffinanzjati mill-pakkett ta' programmi speċifiċi | | | | | | | | | | | |
| 09 01 04 01 | | -3 | 5,000 | 5,000 | 5,000 | 5,000 | 5,000 | 5,000 | 5,000 | 5,000 | **40,000** |
| **TOTAL ta' approprjazzjonijiet għall-pakkett tal-programm** | **Impenji** | **= 1 + 3** | **2.500,000** | **10.700,000** | **10.500,000** | **10.150,000** | **9.950,000** | **9.750,000** | **9.500,000** | **9.150,000** | **72.200,000** |
| | **Pagamenti** | **= 2 + 3** | **2.500,000** | **10.700,000** | **10.500,000** | **10.150,000** | **9.950,000** | **9.750,000** | **9.500,000** | **9.150,000** | **72.200,000** |

| Intestatura tal-qafas finanzjarju pluriennali | 7 | “Nefqa amministrattiva” |
|---|---|---|

Jenħtieġ li din it-taqsima timtela billi tintuża d-“data baġitarja ta’ natura amministrattiva” li, qabel kollox, trid tiġi introdotta fl-Anness tad-Dikjarazzjoni Finanzjarja Leġiżlattiva (l-Anness V tar-regoli interni), li jittella’ fid-DECIDE għall-finijiet ta’ konsultazzjoni bejn is-servizzi.

miljuni ta’ EUR (għal tliet pożizzjonijiet deċimali)

| | | 2022 | 2023 | 2024 | 2025 | 2026 | 2027 | 2028 | 2029 | 2030 | 2031 | 2032 | TOTAL |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Riżorsi umani | | 1,824 | 8,664 | 8,664 | 8,664 | 8,664 | 8,664 | 8,664 | 8,664 | 8,664 | 8,664 | 8,664 | **88,464** |
| Nefqa amministrattiva oħra | | - | - | 0,059 | 0,016 | - | - | - | - | - | - | - | **0,075** |
| **TOTAL tal-approprjazzjonijiet taħt l-INTESTATURA 7 tal-qafas finanzjarju pluriennali** | (Impenji totali = Pagamenti totali) | 1,824 | 8,664 | 8,723 | 8,680 | 8,664 | 8,664 | 8,664 | 8,664 | 8,664 | 8,664 | 8,664 | **88,539** |

miljuni ta’ EUR (għal tliet pożizzjonijiet deċimali)

| | | 2022 | 2023 | 2024 | 2025 | 2026 | 2027 | 2028 | 2029 | 2030 | 2031 | 2032 | TOTAL |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| **TOTAL tal-approprjazzjonijiet fl-INTESTATURI** tal-qafas finanzjarju pluriennali | Impenji | 1,824 | 8,664 | 8,723 | 2.508,680 | 10.708,664 | 10.508,664 | 10.158,664 | 9.958,664 | 9.758,664 | 9.508,664 | 9.158,664 | **72.288,539** |
| | Pagamenti | 1,824 | 8,664 | 8,723 | 2.508,680 | 10.708,664 | 10.508,664 | 10.158,664 | 9.958,664 | 9.758,664 | 9.508,664 | 9.158,664 | **72.288,539** |

3.2.2. Sommarju tal-impatt stmat fuq l-approprjazzjonijiet amministrattivi

☐ Il-proposta/l-inizjattiva ma teħtieġx l-użu ta' approprjazzjonijiet ta' natura amministrattiva

☒ Il-proposta/l-inizjattiva teħtieġ l-użu ta' approprjazzjonijiet ta' natura amministrattiva, kif spjegat hawn taħt:

miljuni ta' EUR (għal tliet pożizzjonijiet deċimali)

| | **2022** | **2023** | **2024** | **2025** | **2026** | **2027** | **2028** | **2029** | **2030** | **2031** | **2032** | **TOTAL** |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| **INTESTATURA 7 tal-qafas finanzjarju pluriennali** | | | | | | | | | | | | |
| Riżorsi umani | 1,824 | 8,664 | 8,664 | 8,664 | 8,664 | 8,664 | 8,664 | 8,664 | 8,664 | 8,664 | 8,664 | 88,464 |
| Nefqa amministrattiva oħra | - | - | 0,059 | 0,016 | - | - | - | - | - | - | - | **0,075** |
| **Subtotal tal-INTESTATURA 7 tal-qafas finanzjarju pluriennali** | **1,824** | **8,664** | **8,723** | **8,680** | **8,664** | **8,664** | **8,664** | **8,664** | **8,664** | **8,664** | **8,664** | **88,539** |
| **Barra mill-INTESTATURA 7[67] tal-qafas finanzjarju pluriennali** | | | | | | | | | | | | |
| Riżorsi umani | | | | | | | | | | | | |
| Other expenditure ta' natura amministrattiva | - | - | - | 5,000 | 5,000 | 5,000 | 5,000 | 5,000 | 5,000 | 5,000 | 5,000 | **40,000** |
| **Subtotal barra mill-INTESTATURA 7 tal-qafas finanzjarju pluriennali** | - | - | - | 5,000 | 5,000 | 5,000 | 5,000 | 5,000 | 5,000 | 5,000 | 5,000 | **40,000** |

[67] Assistenza teknika u/jew amministrattiva u nefqa b'appoġġ għall-implimentazzjoni ta' programmi u/jew azzjonijiet tal-UE (li qabel kienu l-linji "BA"), riċerka indiretta, riċerka diretta.

| | | | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| **TOTAL** | **1,824** | **8,664** | **8,723** | **13,680** | **13,664** | **13,664** | **13,664** | **13,664** | **13,664** | **13,664** | **13,664** | **128,539** |

L-approprjazzjonijiet meħtieġa għar-riżorsi umani u għal nefqa oħra ta' natura amministrattiva se jiġu koperti mill-approprjazzjonijiet tad-DĠ li diġà jkunu assenjati għall-ġestjoni tal-azzjoni u/jew li diġà jkunu ġew riassenjati fid-DĠ, flimkien, jekk ikun meħtieġ, ma' kwalunkwe allokazzjoni addizzjonali li tista' tingħata lid-DĠ tal-ġestjoni skont il-proċedura annwali ta' allokazzjoni u fid-dawl tal-limitazzjonijiet baġitarji.

3.2.2.1. Rekwiżiti stmati ta' riżorsi umani

☐ Il-proposta/l-inizjattiva ma teħtieġx l-użu ta' riżorsi umani.

☒ Il-proposta/l-inizjattiva teħtieġ l-użu ta' riżorsi umani, kif spjegat hawn taħt:

*L-istima trid tiġi espressa f'unitajiet ekwivalenti għall-full-time*

| | | 2022 | 2023 | 2024 | 2025 | 2026 | 2027 | 2028 | 2029 | 2030 | 2031 | 2032 |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| **Pożizzjonijiet fil-pjan ta' stabbiliment (uffiċjali u persunal temporanju)** | | | | | | | | | | | | |
| 20 01 02 01 (Kwartieri Ġenerali u Uffiċċji tar-Rappreżentanza tal-Kummissjoni) | | 12 | 57 | 57 | 57 | 57 | 57 | 57 | 57 | 57 | 57 | 57 |
| 20 01 02 03 (Delegazzjonijiet) | | | | | | | | | | | | |
| 01 01 01 01 (Riċerka indiretta) | | | | | | | | | | | | |
| 01 01 01 11 (Riċerka diretta) | | | | | | | | | | | | |
| Linji baġitarji oħra (speċifika) | | | | | | | | | | | | |
| **Persunal estern (f'unità Ekwivalenti għall-Full Time: FTE)[1]** | | | | | | | | | | | | |
| 20 02 01 (AC, END, INT mill-"pakkett globali") | | | | | | | | | | | | |
| 20 02 03 (AC, AL, END, INT u JPD fid-delegazzjonijiet) | | | | | | | | | | | | |
| XX 01 xx yy zz | - fil-Kwartieri Ġenerali | | | | | | | | | | | |
| | - fid-Delegazzjonijiet | | | | | | | | | | | |
| 01 01 01 02 (AC, END, INT - Riċerka indiretta) | | | | | | | | | | | | |
| 01 01 01 12 (AC, END, INT - Riċerka diretta) | | | | | | | | | | | | |
| Linji baġitarji oħra (speċifika) | | | | | | | | | | | | |
| **TOTAL** | | 12 | 57 | 57 | 57 | 57 | 57 | 57 | 57 | 57 | 57 | 57 |

Ir-riżorsi umani meħtieġa se jiġu koperti mill-persunal tad-DĠ li diġà jkun assenjat għall-ġestjoni tal-azzjoni u/jew li diġà jkun ġie riassenjat fid-DĠ, flimkien, jekk ikun meħtieġ, ma' kwalunkwe allokazzjoni addizzjonali li tista' tingħata lid-DĠ tal-ġestjoni skont il-proċedura annwali ta' allokazzjoni u fid-dawl tal-limitazzjonijiet baġitarji.

Deskrizzjoni tal-kompiti li jridu jitwettqu:

| | |
|---|---|
| Uffiċjali u persunal temporanju | • It-tfassil, l-abbozzar legali, il-konsultazzjonijiet, il-koordinazzjoni mas-servizzi tal-Kummissjoni<br>• Valutazzjoni tal-abbozzi tal-Pjanijiet Soċjali għall-Klima Nazzjonali u ta' dawk finali, f'sinerġija ma' proċessi oħrajn (2023-2024);<br>• It-tħejjija u l-ġestjoni tal-ftehimiet ta' għotja u tal-operazzjonijiet finanzjarji relatati;<br>• Is-sorveljanza u l-monitoraġġ tal-implimentazzjoni tal-Fond (mill-2025 'il quddiem)<br>• Proċeduri baġitarji u ta' monitoraġġ mad-DĠ BUDG (mill-2025 'il quddiem) |
| Persunal estern | |

3.2.3. Kompatibbiltà mal-qafas finanzjarju pluriennali attwali

Il-proposta/l-inizjattiva:

☐ tista' tiġi ffinanzjata kompletament permezz ta' riallokazzjoni fl-intestatura rilevanti tal-Qafas Finanzjarju Pluriennali (QFP).

☐ teħtieġ l-użu tal-marġni mhux allokat taħt l-intestatura rilevanti tal-QFP u/jew l-użu tal-istrumenti speċjali ddefiniti fir-Regolament dwar il-QFP.

☒ teħtieġ reviżjoni tal-QFP.

Il-Fond se jiġi ffinanzjat taħt l-Intestatura 3 "Riżorsi Naturali u Ambjent" tal-qafas finanzjarju pluriennali, u fin-nomenklatura baġitarja annwali bħala parti mir-raggruppament 9 "Politika ta' Azzjoni dwar l-Ambjent u l-Klima".

Fil-prinċipju, jenħtieġ li d-daqs tal-Fond Soċjali għall-Klima jkun jikkorrispondi għal 25 % tad-dħul mistenni mill-inklużjoni tat-trasport bit-triq u tal-bini fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 2003/87/KE.

Ammont ekwivalenti għas-sehem imsemmi hawn fuq se jkun disponibbli taħt il-qafas finanzjarju pluriennali biex jappoġġa l-Fond. Għal dan l-għan, il-Kummissjoni dalwaqt se tipproponi reviżjoni mmirata tal-qafas finanzjarju pluriennali sabiex il-limitu massimu fl-approprjazzjonijiet ta' impenn tal-Intestatura 3 "Riżorsi Naturali u Ambjent" jiżdied b'ammont ta' EUR 2 176 miljun fl-2025, EUR 9 132 miljun fl-2026 u EUR 8 786 miljun fl-2027, fi prezzijiet tal-2018.Fid-dawl tal-fatt li ż-żidiet proposti fil-limitu massimu fl-impenji se jirriżultaw f'żieda ekwivalenti fil-ħtiġijiet tal-ħlas, b'hekk, il-Kummissjoni tipproponi li tirrevedi l-limitu massimu tal-ħlas għas-snin 2025, 2026 u 2027 bl-istess ammonti.

3.2.4. Kontribuzzjonijiet ta' partijiet terzi

Il-proposta/l-inizjattiva:

☐ ma tipprevedix kofinanzjament minn partijiet terzi

☒ tipprevedi l-kofinanzjament minn partijiet terzi kif stmat hawn taħt:

Approprjazzjonijiet f'miljuni ta' EUR (għal tliet pożizzjonijiet deċimali)

| | 2022 | 2023 | 2024 | 2025 | 2026 | 2027 | 2028 | 2029 | 2030 | 2031 | 2032 |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Speċifika l-korp ta' kofinanzjament | *p.m.* | *p.m.* | *p.m.* | *p.m.* | *p.m.* | *p.m.* | *p.m.* | *p.m.* | *p.m.* | *p.m.* | *p.m.* |
| TOTAL tal-approprjazzjonijiet kofinanzjati | *p.m.* | *p.m.* | *p.m.* | *p.m.* | *p.m.* | *p.m.* | *p.m.* | *p.m.* | *p.m.* | *p.m.* | *p.m.* |

3.3. Impatt stmat fuq id-dħul

☒ Il-proposta/l-inizjattiva ma għandha l-ebda impatt finanzjarju fuq id-dħul.

☐ Il-proposta/l-inizjattiva jkollha l-impatt finanzjarju li ġej:

☐ fuq ir-riżorsi proprji

☐ fuq dħul ieħor

jekk jogħġbok indika jekk id-dħul hu x assenjat għal-linji tan-nefqa ☐

miljuni ta' EUR (għal tliet pożizzjonijiet deċimali)

| Linja baġitarja tad-dħul: | Approprjazzjonijiet disponibbli għas-sena finanzjarja kurrenti | Impatt tal-proposta/tal-inizjattiva[68] | | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | 2022 | 2023 | 2024 | 2025 | 2026 | 2027 | 2028 | 2029 | 2030 | 2031 | 2032 |
| L-Artikolu ………… | | | | | | | | | | | | |

Għad-dħul assenjat, speċifika l-linja/i baġitarja/i tan-nefqa affettwata/i.

[…]

Rimarki oħra (eż. il-metodu/il-formula li ntużaw biex jiġi kkalkolat l-impatt fuq id-dħul jew kwalunkwe informazzjoni oħra).[…]

[…]

68 Fir-rigward tar-riżorsi proprji tradizzjonali (id-dazji doganali, l-imposti fuq iz-zokkor), l-ammonti indikati jridu jkunu ammonti netti, jiġifieri ammonti grossi wara t-tnaqqis ta' 20 % għall-kostijiet tal-ġbir.